A31G	A2.2.1 Investimenti fl-użu ta' teknoloġiji ambjentali u innovazzjoni, inklużi dawk relatati mal-ekonomija ċirkolari	Tal-UE	Ftehimiet ta' għotja ffirmati għal proġetti mogħtija lill-SMEs b'soluzzjonijiet biex jiżviluppaw u jistimulaw jew japplikaw teknoloġiji		Għadd	0	100	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Għadd ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati. L-għażla għandha ssir skont kriterji tal-għażla speċifikati skont il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tat-trasparenza. Il-finanzjament għandu jifinanzja proġetti tal-SMEs f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti"

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			ekoloġiċi (relatati mal-ekonomija ċirkolari)							(2021/C 58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u relatati mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-industrija ekoloġika, li għandhom jintgħażlu abbażi tal-ogħla kontribut għall-objettivi (permezz ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu u affidabbli) f'waħda mill-kategoriji li ġejjin: — titjib tal-ġestjoni tal-materjali — żieda fl-effiċjenza enerġetika fil-proċessi tal-produzzjoni u operazzjonali — it-tnaqqis tal-iskart mill-produzzjoni u mill-proċessi operazzjonali — l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ tal-iskart — it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u mill-proċessi operazzjonali.
A32G	A2.2.1 Investimenti fl-użu ta' teknoloġiji ambjentali u innovazzjoni, inklużi dawk relatati mal-ekonomija ċirkolari	Tal-UE	Ftehimiet ta' għotja ffirmati għal proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' suq għal materja prima sekondarja		Għadd	0	5	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	Għadd ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati. L-għażla għandha ssir skont kriterji tal-għażla speċifikati skont il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tat-trasparenza. Il-finanzjament għandu jiffinanzja proġetti f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u relatata mal-użu ta' materja prima sekondarja, li għandha tintgħażel abbażi tal-ogħla kontribut għall-objettivi (permezz ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu u affidabbli) ta': (a) l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-konverżjoni tal-iskart, (b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi fil-qasam tal-użu tal-iskart bħala materja prima sekondarja, (c) iż-żieda tal-ammont ta' materjali riċiklabbli u t-tnaqqis tal-ammont ta' materjali primarji użati fil-proċessi tal-produzzjoni, (d) l-appoġġ għall-proċessi

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										ewlenin tad-disinn għar-riċiklaġġ, (e) l-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti, (f) it-tnaqqis tal-ammont ta' skart dirett lejn il-landfills.
A33G	A2.3 Il-forniment ta' bażi istituzzjonali u legali għall-iżvilupp tal-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar l-Aġenzija Pollakka għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru	Dispożizzjoni fl-att li jemenda l-Att dwar l-Aġenzija Pollakka tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	L-att emendatorju għandu jagħti lill-Aġenzija Pollakka għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (PANSA) id-dritt li jkollha ekwità f'kumpaniji kummerċjali u għandu jawtorizza lill-PANSA jew lis-sussidjarji tagħha biex iwettqu proġetti pilota li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' mudelli ta' negozju u servizzi bbażati fuq l-UAV.
A34G	A2.3.1 Żvilupp u tagħmir ta' ċentri ta' kompetenza (ċentri ta' taħriġ speċjalizzat, ċentri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni, osservatorji) u infrastruttura ta' ġestjoni tal-industrija tal-vetturi mingħajr ekwipaġġ, bħala ekosistema ta' innovazzjoni	Tal-UE	T2 — Ċentri lokali u infrastruttura għal vetturi mingħajr ekwipaġġ ikkompletati mill-gvern lokali jew minn entità deżinjata biex joperaw lokalment		Għadd	1	3	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	Iċ-ċentri lokali u/jew l-infrastruttura għandhom jiġu implimentati f'żewġ postijiet addizzjonali (varar). L-implimentazzjoni tal-infrastruttura diġitali għall-vetturi mingħajr bdot abbord fil-pajjiż kollu għandha tippermetti l-iżvilupp stabbli, sostenibbli u sikur ta' applikazzjonijiet għal vetturi mingħajr bdot abbord f'diversi partijiet tal-pajjiż, filwaqt li tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż. L-elementi ewlenin tal-infrastruttura għandhom ikunu l-infrastruttura terrestri, iċ-ċentri lokali ta' ġestjoni tad-data u tat-traffiku flimkien mas-servizzi u l-proċeduri diġitali implimentati.
A35G	A2.3.1 Żvilupp u tagħmir ta' ċentri ta' kompetenza (ċentri ta' taħriġ speċjalizzat, ċentri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni, osservatorji) u infrastruttura ta'	Tal-UE	T3 — Ċentri lokali u infrastruttura għal vetturi mingħajr ekwipaġġ ikkompletati mill-gvern lokali jew minn entità deżinjata biex joperaw lokalment		Għadd	3	10	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Iċ-ċentri lokali u/jew l-infrastruttura għandhom jiġu implimentati f'seba' postijiet addizzjonali (varar). L-implimentazzjoni tal-infrastruttura diġitali għall-vetturi mingħajr bdot abbord fil-pajjiż kollu għandha tippermetti l-iżvilupp stabbli, sostenibbli u sikur ta' applikazzjonijiet għal vetturi

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ġestjoni tal-industrija tal-vetturi mingħajr ekwipaġġ, bħala ekosistema ta' innovazzjoni									mingħajr bdot abbord f'diversi partijiet tal-pajjiż, filwaqt li tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż. L-elementi ewlenin tal-infrastruttura għandhom ikunu l-infrastruttura terrestri, iċ-ċentri lokali ta' ġestjoni tad-data u tat-traffiku flimkien mas-servizzi u l-proċeduri diġitali implimentati.
A36G	A2.3.1 Żvilupp u tagħmir ta' ċentri ta' kompetenza (ċentri ta' taħriġ speċjalizzat, ċentri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni, osservatorji) u infrastruttura ta' ġestjoni tal-industrija tal-vetturi mingħajr ekwipaġġ, bħala ekosistema ta' innovazzjoni	Tal-UE	T1 — Ċentri lokali u infrastruttura għal vetturi mingħajr ekwipaġġ ikkompletati mill-gvern lokali jew minn entità deżinjata biex joperaw lokalment		Għadd	0	1	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Iċ-ċentri lokali u/jew l-infrastruttura għandhom jiġu implimentati fl-ewwel post (varar). L-implimentazzjoni tal-infrastruttura diġitali għall-vetturi mingħajr bdot abbord fil-pajjiż kollu għandha tippermetti l-iżvilupp stabbli, sostenibbli u sikur ta' applikazzjonijiet għal vetturi mingħajr bdot abbord f'diversi partijiet tal-pajjiż, filwaqt li tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż. L-elementi ewlenin tal-infrastruttura għandhom ikunu l-infrastruttura terrestri, iċ-ċentri lokali ta' ġestjoni tad-data u tat-traffiku flimkien mas-servizzi u l-proċeduri diġitali implimentati. Is-servizz għandu jipprovdi: • koordinazzjoni awtonoma tat-traffiku (b'enfasi partikolari fuq il-portijiet u l-infrastruttura tal-enerġija) • servizzi tal-ordni pubbliku (sigurtà u protezzjoni ċivili) L-għażla tal-oqsma assenjati għall-forniment tas-servizz fiċ-ċentri ta' kompetenza kollha għandha tiddependi fuq il-post u l-ispeċifikitajiet taċ-ċentru ta' kompetenza kkonċernat.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Is-servizz implimentat għandu jippermetti l-istandardizzazzjoni teknoloġika, filwaqt li jikseb aċċettazzjoni soċjali għall-użu ta' vetturi mingħajr ekwipaġġ. Servizzi ta' vetturi mingħajr ekwipaġġ ittestjati u implimentati għandhom ifissru servizzi kompletament operattivi bbażati fuq hardware u software, u li jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-negozju tar-riċevitur (l-utent).
A38G	A2.4 It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn ix-xjenza u l-industrija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-liġi dwar l-edukazzjoni għolja u x-xjenza fir-rigward tal-katalgu ta' entitajiet li jistgħu jgħidli vejkoli bi skop speċjali flimkien mal-universitajiet	Dispożizzjoni fl-att li jemenda l-liġi dwar l-edukazzjoni għolja u x-xjenza li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	L-att emendatorju għandu jippermetti l-ħolqien ta' vetturi bi skop speċjali mfassla speċjalment għall-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-R & Ż. Dan huwa mistenni li jippermetti aktar interdixxiplinari u flessibbiltà fit-trasferiment tat-teknoloġija.
A39G	A2.4 It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn ix-xjenza u l-industrija	Stadju importanti	Stabbiliment ta' regoli għall-użu ta' laboratorji u trasferiment ta' għarfien ta' istituti sorveljati mill-Ministru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali	Dokument li fih ir-regoli stabbiliti				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	Ir-regoli għall-użu tal-laboratorji u t-trasferiment tal-għarfien għandhom jiddeterminaw il-proċeduri rigward l-użu tal-infrastruttura tar-riċerka fi ħdan il-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u x-xjenza u n-negozju. Id-dispożizzjonijiet għandhom isegwu l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u trasparenza.
A40G	A2.4.1 Investiment fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' riċerka	Tal-UE	Laboratorji b'infrastruttura moderna ta' riċerka u analitika f'istituzzjonijiet sorveljati u/jew subordinati għall-Ministru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali		Għadd	0	48	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Il-konstruzzjoni u l-modernizzazzjoni ta' laboratorji u x-xiri ta' laboratorji mobbli minn istituzzjonijiet sorveljati u/jew subordinati għall-Ministru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-Ispettorat Ewlieni tal-Kwalità Agrikola u tal-Ikel, relatati mal-objettivi.

A3 — EDUKAZZJONI

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
A41G	A3.1 Il-forza tax-xogħol għall-ekonomija moderna: it-titjib tat-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-atti legali (inkluż l-att li jemenda l-Liġi dwar l-Edukazzjoni), li jistabbilixxi l-qafas legali għan-network ta' Ċentri ta' Ħiliet Settorjali	Dispożizzjonijiet fl-att (i) legali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-atti legali (inkluż l-att li jemenda l-Liġi dwar l-Edukazzjoni) li għandhom jistabbilixxu l-qafas legali għan-network ta' Ċentri ta' Ħiliet Settorjali, filwaqt li jipprovdu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid immirati rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-emenda tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni għandha ssir f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inklużi r-rappreżentanti tas-settur, is-sħab soċjali u l-awtoritajiet reġjonali. L-atti legali għandhom: • Tippettedi pjan ta' żvilupp għan-Netzwerk ta-Ċentri tal-Ħiliet; • Tiddetermina r-rwol ta-Ċentri tal-Ħiliet fis-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ; • Tiddetermina l-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-persunal fi-Ċentri tal-Ħiliet; • Tistabbilixxi dispożizzjonijiet għal reviżjonijiet regolari sabiex tiġi żgurata s-superviżjoni fuq i-Ċentri ta' Ħiliet Settorjali; • Taġġusta sistema ta' governanza eżistenti b'dispożizzjonijiet imfassla apposta dwar il-governanza ta-Ċentri tal-Ħiliet, inklużi l-impjegaturi (inklużi r-rappreżentanti tal-SMEs), is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali; • Jistabbilixxu arranġamenti ta' finanzjament, kundizzjonijiet ta' taħriġ, dispożizzjonijiet għal gwida għall-karriera u kurrikuli; u għal • Jidentifikaw it-tipi ta' taħriġ ipprovdut, il-gruppi fil-mira, it-tipi ta' kwalifiki u l-

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										istandards, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-mekkaniżmi ta' verifika, • jipprovdu li s-setturi għandhom ikunu marbuta ma' Ċentri tal-Ħiliet.
A42G	A3.1 Il-forza tax-xogħol għall-ekonomija moderna: it-titjib tat-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-atti legali (inkluż l-att li jemenda l-Att dwar l-Għalliema) li jippermettu li t-taħriġ vokazzjonali tal-għalliema jiġi implimentat fiċ-Ċentri tal-Ħiliet Settorjali	Dispożizzjonijiet li jippermettu li t-taħriġ vokazzjonali tal-għalliema jiġi implimentat fiċ-Ċentri tal-Ħiliet Settorjali				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-atti legali (inkluż l-att li jemenda l-Att dwar l-Għalliema) għandu jippermetti li ċ-Ċentri tal-Ħiliet Settorjali jipprovdu taħriġ vokazzjonali tal-għalliema, inkluż it-taħriġ tal-għalliema għall-użu ta' teknoloġiji ġodda. L-atti legali għandhom jiddeterminaw il-qafas għat-taħriġ tal-għalliema fiċ-Ċentri tal-Ħiliet.
A43G	A3.1 Il-forza tax-xogħol għall-ekonomija moderna: it-titjib tat-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-atti li jemendaw l-Att dwar l-awtonomija reġjonali u atti leġislattivi oħra għall-koordinazzjoni tal-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fir-reġjuni	Dispożizzjonijiet fl-atti li jemendaw l-Att dwar l-awtonomija reġjonali u atti leġislattivi oħra, li jindikaw id-dħul fis-seħħ rispettiv tagħhom				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	L-atti leġislattivi emendati (inkluż l-Att dwar l-awtonomija reġjonali) għandhom, wara proċess ta' rieżami u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet fil-livell tal-kontea u l-awtoritajiet reġjonali, jidentifikaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tar-reġjuni fil-koordinazzjoni tal-ħiliet u jipprovduhom l-għodod biex jinfluwenzaw l-offerta edukattiva disponibbli fit-territorju tagħhom. L-emendi għandhom jinkludu: a) Il-mandat legali u l-kompiti tat-Timijiet ta' Koordinazzjoni Reġjonali għall-politika tal-ħiliet fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż l-obbligu li tiġi żgurata l-influenza tat-Timijiet ta' Koordinazzjoni Reġjonali fuq l-aġġustament tal-offerti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'konformità mal-ħtiġijiet tal-ħiliet. b) Ir-responsabbiltajiet tar-reġjuni fir-rigward tal-politiki dwar il-ħiliet; c) Obbligu għat-Timijiet ta' Koordinazzjoni

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Reġjonali li jadottaw u jippubblikaw dokumenti tal-programm li jkomplu l-programmi ta' implimentazzjoni operazzjonalizzati għall-Istrateġija Integrata għall-Ħiliet 2030 fil-livell reġjonali, inkluż l-obbligu li l-programm jiġi aġġornat mill-inqas darba kull ħames snin bil-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja; d) Dispożizzjonijiet għall-funzjonament tal-Uffiċċju ta' Koordinazzjoni (li jipprovdi servizzi għat-Timijiet ta' Koordinazzjoni Reġjonali); e) Dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika reġjonali dwar il-ħiliet.
A44G	A3.1.1 Investimenti fit-taħriġ vokazzjonali modern, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja	Tal-UE	T1 — L-istabbiliment ta' Network ta' Ċentri tal-Ħiliet Settorjali li jipprovdu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid		Għadd	0	10	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	L-istabbiliment ta' 10 Ċentru ta' Ħiliet Settorjali biex jipprovdu taħriġ settorjali tal-VET inkluż għall-istudenti, l-għalliema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u adulti oħra. Dan għandu jinkludi: • il-konstruzzjoni, ir-rikonstruzzjoni, l-espansjoni, jew ir-rinnovazzjoni ta' Ċentri tal-Ħiliet; • ix-xiri ta' tagħmir; • l-istabbiliment istituzzjonali ta' Ċentri, inkluż l-involvement ta' organizzazzjonijiet settorjali; • ir-reklutaġġ ta' persunal; • sett ta' kurrikuli li għandhom jitwasslu fiċ-ċentru, b'korsijiet magħżula li jkun fihom dimensjonijiet ekoloġiċi u diġitali għal kull ċentru. Il-konstruzzjoni ta' bini ġdid għandha tkun konformi mal-istandard tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Zero, kif stabbilit fid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										L-istudji ta' fattibbiltà għandhom jitwettqu qabel it-tlestija tal-investiment.
A45G	A3.1.1 Investimenti fit-taħriġ vokazzjonali modern, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja	Tal-UE	T2 — L-istabbiliment ta' Network ta' Ċentri tal-Ħiliet Settorjali li jipprovdu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid		Għadd	10	120	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	L-istabbiliment ta' 120 Ċentru ta' Ħiliet Settorjali biex jipprovdu taħriġ settorjali tal-VET inkluż għall-istudenti, l-għalliema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), u adulti oħra. Dan għandu jinkludi: • il-kostruzzjoni, ir-kostruzzjoni, l-espansjoni, jew ir-rinnovazzjoni ta' Ċentri tal-Ħiliet; • ix-xiri ta' tagħmir; • l-istabbiliment istituzzjonali ta' 120 Ċentru, inkluż l-involvement ta' 81 organizzazzjoni settorjali; • ir-reklutaġġ ta' persunal; • sett ta' kurrikuli li għandhom jitwasslu fiċ-ċentru, b'korsijiet magħżula li jkun fihom dimensjonijiet ekoloġiċi u diġitali għal kull ċentru. Il-kostruzzjoni ta' bini ġdid għandha tkun konformi mal-istandard tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero, kif stabbilit fid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija. L-istudji ta' fattibbiltà għandhom jitwettqu qabel it-tlestija tal-investiment.
A46G	A3.1.1 Investimenti fit-taħriġ vokazzjonali modern, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja	Tal-UE	T1 — Provvista ta' korsijiet lill-istudenti fiċ-Ċentri tal-Ħiliet Settorjali inkluża l-konferma tal-eżiti tal-apprendiment		Għadd	0	2 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	2 000 persuna għandhom ikunu rċewew taħriġ fiċ-Ċentri tal-Ħiliet Settorjali. Kull wieħed mill-istudenti mħarrġa għandu jkun irċieva konferma tal-eżiti tat-tagħlim miksuba.
A47G	A3.1.1 Investimenti fit-taħriġ vokazzjonali modern, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja	Tal-UE	T2 — Provvista ta' korsijiet lill-istudenti fiċ-Ċentri tal-Ħiliet Settorjali inkluża l-konferma tal-eżiti tal-apprendiment		Għadd	2 000	16 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	16 000 persuna għandhom ikunu rċewew taħriġ fiċ-Ċentri tal-Ħiliet Settorjali. Kull wieħed mill-istudenti mħarrġa għandu jkun irċieva konferma tal-eżiti tat-tagħlim miksuba.
A48G	A3.1.1 Investimenti fit-taħriġ	Tal-UE	T3 — Provvista ta' korsijiet lill-istudenti fiċ-		Għadd	16 000	24 000	IT-TIENI TRIMES	2026	24 000 persuna għandhom ikunu rċewew taħriġ fiċ-Ċentri tal-Ħiliet Settorjali. Kull wieħed

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	vokazzjonali modern, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja		Ċentri tal-Ħiliet Settorjali inkluża l-konferma tal- eżiti tal-apprendiment					TRU TAT-2		mill-istudenti mħarrġa għandu jkun irċieva konferma tal-eżiti tat-tagħlim miksuba.
A49G	A3.1.1 Investimenti fit-taħriġ vokazzjonali modern, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja	Tal-UE	L-istabbiliment ta' Timijiet ta' Koordinazzjoni Reġjonali li jiffunzjonaw li jikkoordinaw il-politika fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja		Għadd	0	14	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Għandhom jiġu stabbiliti mill-inqas 14 Timijiet ta' Koordinazzjoni Reġjonali, b'objettiv ġenerali ta' 16 Timijiet ta' Koordinazzjoni Reġjonali (wieħed għal kull "voivodeship"). It- timijiet ta' Koordinazzjoni Reġjonali, li jikkonsistu minn partijiet ikkonċernati ewlenin, għandhom jikkoordinaw il-politiki fl- edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja, u jikkooperaw mal-edukazzjoni għolja fejn rilevanti u jekk ikun hemm qbil mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kkonċernati.
A50G	A3.1.1 Investimenti fit-taħriġ vokazzjonali modern, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja	Tal-UE	L-iżvilupp ta' programmi ta' implimentazzjoni operazzjonalizzati għall- Istrateġija Integrata għall- Ħiliet fil-livell reġjonali mit-Timijiet ta' Koordinazzjoni Reġjonali stabbiliti għall- edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja		Għadd	0	14	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Għandhom jiġu żviluppati mill-inqas 14 programm ta' implimentazzjoni reġjonali operazzjonalizzati, b'objettiv ġenerali ta' 16 programm ta' implimentazzjoni operazzjonalizzati reġjonali (wieħed għal kull "voivodeship"). Il-programmi ta' implimentazzjoni operazzjonalizzati għall-Istrateġija Nazzjonali Integrata għall-Ħiliet 2030 għandhom ikopru diversi forom ta' tagħlim, inkluża l- koordinazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u t-tagħlim tul il-ħajja. Dawn għandhom jinkludu pjani jiet għall- iżvilupp tal-VET fir-reġjuni, filwaqt li jqisu t- tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u jrawmu l- innovazzjoni. Dawn għandhom jinkludu mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

A4 — IS-SUQ TAX-XOGHOL

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
A51G	A4.1 Istituzzjonijiet effettivi għas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' liġijiet ġodda dwar is-servizzi pubbliċi tal-impjieg, l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u dwar il-konklużjoni elettronika ta' ċerti kuntratti tax-xogħol: — l-introduzzjoni ta' bidliet fis-servizzi pubbliċi tal-impjieg u fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol biex tiżdied il-partekipazzjoni tal-forza tax-xogħol — it-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi għall-impjieg tal-barranin — is-simplifikazzjoni tal-proċess tal-konklużjoni ta' ċerti kuntratti	Dispożizzjoni fil-liġijiet dwar is-servizzi pubbliċi tal-impjieg, l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u dwar il-konklużjoni elettronika ta' ċerti kuntratti tax-xogħol li jindikaw id-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Dħul fis-seħħ ta' tliet liġijiet ġodda, li għandhom jintroduċu dispożizzjonijiet ġodda: 1. Dwar is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg u l-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol, biex tiżdied il-partekipazzjoni fl-impjieg billi: (I) l-estensjoni tal-grupp ta' klijenti tal-uffiċċji tal-impjieg biex jinkludi persuni professjonalment inattivi; (II) l-identifikazzjoni u l-ilħuq ta' persuni ekonomikament inattivi, (iii) l-introduzzjoni ta' obbligu għall-impjegaturi mis-setturi pubbliċi u privati (għall-imprendituri li jużaw fondi pubbliċi, bħal pereżempju billi jipparteċipaw f'offerta) li jissottomettu offerta ta' impjieg lill-Bażi tad-Data Ċentrali dwar is-Spejjeż tal-Impjieg; (IV) iż-żieda fl-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja għal dawk li qed ifittxu impjieg permezz ta' finanzjament mill-Fond tax-Xogħol kemm tal-ispejjeż tat-taħriġ kif ukoll taċ-ċertifikazzjoni tal-kisba tal-għarfien u l-ħiliet, inklużi l-kwalifiki professjonali; (V) l-introduzzjoni ta' forma ġdida ta' appoġġ (vawċer għal edukazzjoni kontinwa) kemm għal dawk impjegati kif ukoll għal dawk qiegħda. 2. Biex jitnaqqsu l-ostakli amministrattivi u jiġu ssimplifikati l-proċeduri li jikkonċernaw l-impjieg tal-barranin: (I) għandu jkun possibbli għas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg li joħlqu servizzi speċjalizzati fi ħdan il-PES (mhux uffiċċju separat) biex jappoġġjaw lill-barranin fis-suq tax-xogħol, kemm għal dawk impjegati

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										kif ukoll għal dawk qiegħda; (II) ir-rwol tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi għandu jiżdied fil-proċess tal-ħruġ ta' permessi tax-xogħol għall-barranin, li għandu jagħmilha aktar effiċjenti; (III) għandhom jidħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet li jistabbilixxu qafas għad-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-proċeduri relatati mal-kisba ta' permess tax-xogħol għall-barranin; (IV) għandhom jidħlu fis-seħħ qafas għall-integrazzjoni u dispożizzjonijiet biex jissaħħu s-servizzi ta' kontroll għall-monitoraġġ tal-legalità tal-impjiegi. 3. Dwar il-konklużjoni elettronika ta' ċerti kuntratti, sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess ta' reklutaġġ. Ir-regolamenti legali għandhom jintroduċu l-possibbiltà li jiġu konklużi u saldati ċerti kuntratti ta' impjiegi b'mod elettroniku, integrati mas-sigurtà soċjali u s-sistemi tat-taxxa. Dan għandu jiffaċilita l-proċess tad-dħul f'relazzjoni ta' impjiegi. Il-liġi tista' tipprevedi perjodu tranżizzjonali raġonevoli għall-applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet, meħtieġa biex tiġi żviluppata s-sistema tal-IT.
A52G	A4.1 Istituzzjonijiet effettivi għas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Standards ġodda u qafas ta' prestazzjoni dwar il-funzjonament u l-koordinazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi	Adozzjoni mill-Ministeru tal-Familja, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali (MRiPS)				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Standards ta' prestazzjoni u qafas ta' prestazzjoni ta' ġestjoni ġodda, inklużi: — Aġġustamenti għal-liġijiet il-ġodda dwar is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, dwar l-impjiegi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u dwar il-konklużjoni elettronika ta' ċerti kuntratti ta' impjiegi, — It-twaqqif ta' sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni għall-korpi deċentralizzati tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi,

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										— L-iżvilupp ta' metodi u standards ta' ħidma ġodda għall-funzjonament u l-koordinazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi bbażati fuq ir-regolamenti l-ġodda adottati (sabiex jiġu operazzjonalizzati u ottimizzati; l-iżvilupp ta' standards ġodda tas-servizzi għall-klijenti għandu jitwettaq b'kofinanzjament mill-FSE +).
A53G	A4.1 Istituzzjonijiet effettivi għas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Twettaq proċess ta' konsultazzjoni tas-sħab soċjali dwar il-potenzjal għal ftehimiet kollettivi u twettaq studju komprensiv dwar ir-rwol potenzjali ta' kuntratt tax-xogħol uniku biex ikun hemm flessibbiltà u sigurtà ġodda fis-suq tax-xogħol Pollakk	Pubblikazzjoni mill-Ministeru tal-Familja u l-Politika Soċjali (MRiPS) ta' rapport dwar il-konsultazzjoni mas-sħab soċjali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	L-objettiv tal-konsultazzjoni mas-sħab soċjali huwa li jiġi identifikati r-rwol u l-potenzjal tal-ftehimiet kollettivi fis-suq tax-xogħol Pollakk biex jiġu pprovduti flessibbiltajiet ġodda f'konformità ma' realtajiet ġodda u li qed jinbidlu malajr. Għandu jitwettaq studju li jħares lejn il-potenzjal għal kuntratt tax-xogħol uniku possibbli, jipprovduti bażi analitika u legali u juża analiżi komparattiva. Dan jista' jiġi żviluppat bl-appoġġ ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u/jew b'assistenza teknika ddedikata.
A54G	A4.1 Istituzzjonijiet effettivi għas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emenda tal-liġijiet rilevanti biex jiġu implimentati l-prijoritajiet ta' riforma kif identifikati fil-konsultazzjoni dwar ftehimiet kollettivi u fl-istudju dwar kuntratt tax-xogħol uniku fil-Polonja	Dispożizzjoni fl-emenda tal-liġijiet rilevanti li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' emenda tal-liġijiet rilevanti li jimplimentaw il-prijoritajiet ta' riforma kif identifikati fl-istudju dwar ir-rwol potenzjali tal-kuntratt tax-xogħol uniku u skont il-konsultazzjoni dwar il-ftehimiet kollettivi.
A55G	A4.1.1 Investiment b'appoġġ għar-riforma tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol	Tal-UE	Servizz pubbliku tal-impjiegi (PES) fejn għandhom jiġu		% (perċentwali)	0	100	IT-TIENI TRIME	2026	Is-sehem tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (uffiċċji) fejn jintużaw is-sistemi tal-IT. L-implimentazzjoni tikkonsisti minn: — Il-modernizzazzjoni tas-sistema tal-IT

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
			implimentati sistemi tal-IT modernizzati					STRU TAT-2		(Implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet ġodda tas-sistema tal-IT attwali, l-aġġustament tagħha għall-kompiti l-ġodda skont il-liġi l-għdida, bħal kompiti ġodda ta' servizzi għall-barranin) biex jiġu ġestiti b'mod effettiv politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP) u proċeduri tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) u għodod diġitali għall-ALMP fis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, u integrati f'oqsma rilevanti b'data minn sistemi tal-IT komplementari oħra (inklużi reġistri tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa); — Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u l-għodod użati mill-PES; — Il-modernizzazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IT eżistenti jew l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IT użati mill-PES u biex jiġu appoġġati l-klijenti tal-PES; — L-espansjoni tal-infrastruttura tal-ICT tal-PES; — L-implimentazzjoni ta' għodod ġodda ta' komunikazzjoni (inkluż l-IT) mal-klijenti.
A56G	A4.1.1 Investiment b'appoġġ għar-riforma tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol	Tal-UE	Persunal tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (PES) imħarreġ dwar l-applikazzjoni ta' proċeduri ġodda u l-użu ta' għodod tal-IT, implimentati bħala riżultat tal-liġijiet il-ġodda dwar il-PES, dwar l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u dwar il-konklużjoni elettronika ta' ċerti kuntratti ta' impjieg		% (perċentwali)	0	50	IT-TIENI TRIME STRU TAT-2	2026	L-impjegati tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (PES) għandhom ilestu taħriġ'għal il-proċeduri u l-istandards il-ġodda, stabbiliti fil-liġijiet il-ġodda dwar is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u dwar il-konklużjoni elettronika ta' ċerti kuntratti ta' impjieg kif ukoll fl-għodod tal-IT u s-sistemi tal-IT li joperaw dawn l-għodod u l-proċeduri l-ġodda. Il-mira tirreferi għal perċentwal tal-persunal totali tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi li ġew imħarrġa.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
A57G	A4.2 Riforma biex tittejjeb is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ġenituri billi jiżdied l-aċċess għal indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja għat-tfal sal-età ta' tliet snin	Stadju importanti	Adozzjoni ta' standards ta' kwalità għall-indukrar tat-tfal, inklużi standards edukattivi u ta' kura ta' servizzi għal tfal sa tliet snin	Dispożizzjoni fil-liġijiet rilevanti li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Analiżi indipendenti tal-istandards eżistenti ta' kura u edukazzjoni għat-tfal sa tliet snin u aċċess għal sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja u affordabbli. L-analiżi għandha ssir b'kont meħud tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal (2019/C 189/02) u għandha tiġi ppreżentata f'rapport li għandu jiġi ppubblikat mill-Ministeru tal-Familja, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali. Regolament dwar l-istandards ta' kwalità għall-indukrar tat-tfal, li għandu jinkludi standards edukattivi u ta' kura ta' servizzi għal tfal sa tliet snin, għandu jiġi kkonsultat pubblikament u maqbul mill-Ministeru tal-Familja, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali mal-partijiet ikkonċernati. Il-liġi tista' tipprevedi perjodu tranżitorju raġonevoli għall-applikazzjoni effettiva tal-istandards adottati mis-servizzi għall-indukrar tat-tfal. Id-dħul fis-seħħ ta' emenda tal-Att tal-4 ta' Frar 2011 dwar il-kura tat-tfal sa tliet snin għandu jagħmel l-istandards minimi vinkolanti għall-fornituri tal-kura tat-tfal. Il-liġi għandha tipprevedi l-bażi għall-Ministeru tal-Familja, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali biex jappoġġa lill-muniċipalitajiet fit-twettiq tal-kontroll tal-kwalità.
A58G	A4.2 Riforma biex tittejjeb is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ġenituri billi jiżdied l-aċċess għal indukrar	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar il-kura tat-tfal sa tliet snin li jiżgura finanzjament	Dispożizzjoni fl-att li jemenda l-Att tal-4 ta' Frar 2011 dwar il-kura tat-tfal sa tliet snin li tindika				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att tal-4 ta' Frar 2011 dwar il-kura tat-tfal sa tliet snin li għandu jiżgura finanzjament fit-tul mir-riżorsi nazzjonali għall-funzjonament tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal għat-tfal sal-età ta' tliet snin.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
	tfal sa tliet snin (nurseries, klabbs tat-tfal) taħt Maluch +		(nurseries, klabbs tat-tfal) għal tfal sa tliet snin					STRU TAT-2		— il-konstruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' nurseries u klabbs tat-tfal (skont il-prinċipji ta' disinn universali); — xiri ta' proprjetà immobbli u infrastruttura (ix-xiri ta' art jew bini). Il-mira tapplika għan-nurseries u għall-klabbs tat-tfal. Il-mira tapplika għall-konstruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda kif ukoll għar-rinnovazzjonijiet u l-adattamenti tal-faċilitajiet eżistenti, għal total ta' mill-inqas 47 500 post ġdid għall-indukrar tat-tfal.
A62G	A4.3 Implimentazzjoni tal-qafas legali għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att dwar l-ekonomija soċjali	Dispożizzjoni fl-att dwar l-ekonomija soċjali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIME STRU TAT-2	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' att dwar l-ekonomija soċjali li għandu jirregola l-kwistjonijiet bażiċi relatati ma' dan is-settur, inkluż b'mod partikolari: id-definizzjoni ta' intrapriża soċjali, il-prinċipji tal-funzjonament u l-appoġġ ta' intrapriża tal-ekonomija soċjali, mudelli ġodda ta' kooperazzjoni bejn l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-gvern lokali fl-implimentazzjoni tas-servizzi soċjali, kif ukoll il-prinċipji tal-koordinazzjoni tal-politika fil-qasam tal-iżvilupp tal-ekonomija soċjali.
A63G	A4.3.1 Programmi ta' appoġġ għall-investment li jagħmluha possibbli, b'mod partikolari, li jiġu żviluppati attivitajiet, tiżdied il-parteciċipazzjoni fl-implimentazzjoni tas-servizzi soċjali, tittejjeb il-kwalità tal-integrazzjoni fl-entitajiet tal-ekonomija soċjali	Tal-UE	Għadd ta' entitajiet li kisbu status ta' intrapriża soċjali		Għadd	0	1 400	IT-TIENI TRIME STRU TAT-2	2025	L-għoti ta' status ta' intrapriża soċjali lil 1 400 entità.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
A64G	A4.3.1 Programmi ta' appoġġ għall-investment li jagħmluha possibbli, b'mod partikolari, li jiġu żviluppati attivitajiet, tiżdied il-parteċipazzjoni fl-implimentazzjoni tas-servizzi soċjali, tittejjeb il-kwalità tal-integrazzjoni fl-entitajiet tal-ekonomija soċjali	Tal-UE	Għadd ta' entitajiet tal-ekonomija soċjali, inklużi intrapriżi soċjali, koperti minn appoġġ finanzjarju		Għadd	0	1 000	IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2025	L-għoti ta' għotjiet lil mill-inqas 1 000 entità tal-ekonomija soċjali, inklużi intrapriżi soċjali li għandhom iwasslu għall-preservazzjoni tal-impjiegi, għaż-żieda fil-fatturat finanzjarju jew għall-introduzzjoni tal-bidla fl-attività ekonomika (espansjoni tal-iskala, forma tal-attività jew bidla fl-industrija). L-impjieg f'entitajiet li jirċievu għotjiet għandu jinżamm għal mill-inqas 12-il xahar wara d-data tal-għotja. L-għażla tal-benefiċjarji għandha ssir skont kriterji tal-għażla speċifikati skont il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tat-trasparenza.
A65G	A4.4 Il-forom ta' impjeg isiru aktar flessibbli u jiġi introdott ix-xogħol mill-bogħod	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-att li jemenda l-Kodiċi tax-Xogħol li jintroduċi l-istituzzjoni permanenti tax-xogħol mill-bogħod għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tax-Xogħol u forom flessibbli ta' arranġamenti tal-ħin tax-xogħol	Dispożizzjoni fl-att li jemenda l-Kodiċi tax-Xogħol li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIME STRU TAT-3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-att li jemenda l-Kodiċi tax-Xogħol li għandu jgħin biex jirrikonċilja aħjar ir-responsabbiltajiet professjonali u privati, jirreaġixxi għall-kriżi, u jipprovdi appoġġ biex jgħin lill-persuni inattivi b'attività ekonomika aktar baxxa jsibu impjeg permanenti. Ir-riforma għandha tikkonsisti minn: — l-introduzzjoni tal-possibbiltà ta' xogħol mill-bogħod (kompletament jew parzjalment) barra mill-post tax-xogħol abbażi ta' ftehimiet bejn l-impjegat u l-impjegatur magħmula fil-konklużjoni tal-kuntratt tal-impjeg jew matul l-impjeg; — l-istabbiliment ta' regoli dwar ix-xogħol mill-bogħod bi qbil bejn l-impjegatur u r-rappreżentanti tal-impjegati; — inklużi każijiet speċifiċi li fihom ix-xogħol mill-bogħod jista' jitwettaq fuq talba tal-impjegatur (bħal matul ċirkostanzi straordinarji); — l-istabbiliment ta' obbligu għall-impjegatur li jipprovdi materjali u għodod meħtieġa biex

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										jittwettaq xogħol mill-bogħod u/jew l-użu ta' tagħmir privat tal-impjegati; — l-implimentazzjoni ta' forum flessibbli ta' arranġamenti tal-ħin tax-xogħol.
A67G	A4.5 Estendi l-karrieri u tippromwovi x-xogħol lil hinn mill-età statutorja tal-irtirar	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-att li jemenda l-Att dwar it-taxxa fuq l-introjtu personali li mill-2023 jimplimenta tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu personali għal dawk li laħqu l-età tal-irtirar iżda li għadhom jaħdmu	Dispożizzjoni fl-att li jemenda l-Att dwar it-taxxa fuq l-introjtu personali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-att li jemenda l-Att dwar it-taxxa fuq l-introjtu personali li għandu jimplimenta l-bidliet li ġejjin: it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu personali għandu jkun iddedikat għall-kontribwenti li jilħqu l-età statutorja tal-irtirar u li ma jiddeċidux li jirtiraw iżda jkomplu jaħdmu. Dawk il-ħaddiema għandhom ikunu eżentati mit-taxxa fuq l-introjtu sa ċertu limitu ta' introjtu (mhux aktar mill-ewwel kategorija tat-taxxa fuq l-introjtu, PLN 85 528 fl-2021, u mhux aktar mill-paga grossa medja fl-ekonomija nazzjonali fil-Polonja). Ir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu personali ta' dawk li jaqbżu l-ewwel kategorija għandha tinnaqqas. Bis-saħħa ta' dan l-inċentiv tat-taxxa, il-kontribwenti għandhom jaqilgħu ammonti addizzjonali li jikkorrispondu għall-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu mhux imħallsa li għandha l-għan li tinċentivahom jestendu l-karrieri.
A68G	A4.5 Estendi l-karrieri u tippromwovi x-xogħol lil hinn mill-età statutorja tal-irtirar	Stadju importanti	Rapport biex jiġi evalwat l-impatt tal-miżuri meħuda biex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar	Pubblikazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni mill-Ministeru tal-Familja, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali				IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2024	L-objettiv ta' dan ir-rapport huwa li jevalwa l-effett tal-emendi għat-taxxa fuq l-introjtu personali fuq l-età effettiva tal-irtirar wara sentejn mill-introduzzjoni tagħhom. Dan għandu janalizza l-impatt fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, fuq il-finanzi pubbliċi u fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi.
A69G	A4.6 Żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi permezz tal-	Stadju importanti	Rieżami strateġiku tal-kura fit-tul fil-Polonja bil-ħsieb li	Pubblikazzjoni tar-rapport ta' analiżi strateġika mill-Ministeru tal-				IT-TIENI TRIME	2023	It-tlestija ta' analiżi tas-sistema tal-kura fit-tul fil-Polonja bil-ħsieb li tiġi riformata fil-futur u l-pubblikazzjoni ta' rapport rilevanti fil-Biuletyn Informacji Publicznej tas-sit web tal-

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	iżvilupp tal-kura fit-tul		jigħu identifikati l-prijoritajiet ta' riforma	Familja, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali (MRiPS) u mill-Ministeru tas-Saħħa				STRU TAL-4		Ministeru tal-Familja, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali u fil-Biuletyn Informacji Publicznej tas-sit web tal-Ministeru tas-Saħħa. L-analiżi għandha b'mod partikolari tivvaluta jekk huwiex possibbli li: — l-integrazzjoni tal-kura soċjali u tas-saħħa fit-tul, — tħaffef id-destituzzjonalizzazzjoni ta' dawn is-servizzi, — ipoġġihom taħt awtorità waħda, — titnaqqas il-frammentazzjoni tal-għoti tal-kura, — tirrevedi l-benefiċċji relatati mal-kura biex tippermetti l-impjieg tal-impriża, — toħloq sistema stabbli ta' finanzjament adegwat tas-servizzi tal-kura fit-tul, speċjalment il-kura bbażata fil-komunità u d-dar, — l-introduzzjoni ta' qafas ta' kwalità dwar is-servizzi tal-kura fit-tul (rekviziti għall-persunal, it-tagħmir, l-ammissjoni tal-fornituri tal-kura fit-tul fis-suq). L-analiżi għandha ssir f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi s-sħab soċjali li jitrattaw il-forniment tal-kura fit-tul, il-persuni li jindukraw b'mod informali, il-persuni li jirċievu l-kura, dawk li ma jirċevux kura iżda jenħtieġ li jirċevuha, u l-awtoritajiet lokali.
A70G	A4.6 Żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi permezz tal-iżvilupp tal-kura fit-tul	Stadju importanti	L-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' riforma kif identifikati fir-rieżami strateġiku tal-kura fit-tul fil-Polonja (abbażi tal-konklużjonijiet tal-	Dispożizzjoni fil-liġijiet li jemendaw il-liġijiet rilevanti li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħha u l-pubblikazzjoni ta' dokumenti relatati				IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-liġijiet (atti leġiżlattivi u legali) li jemendaw il-liġijiet rilevanti li għandhom jimplimentaw il-prijoritajiet ta' riforma kif identifikati fir-rieżami strateġiku tal-kura fit-tul fil-Polonja. B'mod speċjali: • tiddefinixxi "kura fit-tul" b'mod li jkun konsistenti fis-sistema tal-kura tal-

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
			implimentazzjoni tal-istadju importanti A69G)	mar-rieżami tan-nefqa pubblika u l-qafas tal-kwalità tal-kura fit-tul						pajjiż kollha kemm hi (jiġifieri kemm is-saħħa kif ukoll l-assistenza soċjali); • jiddefinixxu l-kunċetti ta' "persuni li jindukraw b'mod informali" u "kura informali"; • iżżid il-finanzjament tas-sistema tal-kura fit-tul billi tintroduċi l- "vawċer superjuri"; • temenda d-dispożizzjonijiet legali jew tadotta dispożizzjonijiet ġodda dwar l-istandards tal-kwalità għall-kura fit-tul fis-sistema tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa, f'konformità mar-riżultati tal-analiżi mwettqa; • jiddefinixxu l-korpi responsabbli għall-koordinazzjoni tas-sistema tal-kura fit-tul, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ġenerali tal-attivitajiet tal-kwalità u tal-informazzjoni. Minbarra l-bidliet fil-qafas legali, il-Polonja għandha tiegħu l-miżuri li ġejjin: • jadotta r-rieżami tan-nefqa pubblika biex jevalwa l-effettività tal-finanzi pubbliċi għall-kura fit-tul u jipproponi soluzzjonijiet baġitarji biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema; • tadotta dokument li jipproponi definizzjoni armonizzata tal-kwalità tal-kura fit-tul fis-sistemi soċjali u tal-kura tas-saħħa u sistema integrata ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-kwalità, għir u użu tad-data.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
A71G	A4.7 Limitazzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' riforma tal-Ispezzjoni tal-Istat tax-Xogħol u riforma tal-Kodiċi tax-Xogħol	Dispożizzjoni fl-atti leġiżlattivi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Id-dħul fis-seħħ ta' pakkett ta' liġijiet jew emendi ta' atti leġiżlattivi eżistenti li għandhom jipprevedu dan li ġej: 1) l-għoti tas-setgħa lill-Ispezzjoni Statali tax-Xogħol biex toħroġ deċiżjonijiet amministrattivi li jikkonvertu kuntratti tad-dritt ċivili konklużi b'mod mhux xieraq b'kuntratti ta' impjeg 2) l-iffaċilitar tal-iskambju ta' data bejn l-Ispezzjoni Statali tax-Xogħol, l-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali (ZUS) u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tad-Dħul (KAS) għal skopijiet ta' spezzjoni 3) l-introduzzjoni tal-possibbiltà għall-Ispezzjoni tal-Istat tax-Xogħol li twettaq spezzjonijiet mill-bogħod 4) l-introduzzjoni ta' obbligu għall-Ispezzjoni tal-Istat tax-Xogħol biex tħejji pjanijiet ta' azzjoni annwali u fit-tul għall-ispezzjonijiet immirati bbażati fuq analiżi tar-riskju. 5) żieda ta' mill-inqas darbtejn l-ammont massimu tal-multa li l-Ispezzjoni tax-Xogħol tal-Istat tista' timponi fi proċedimenti ta' avviż ta' penali. 6) ir-rikonoxximent tal-esperjenza professjonali miksuba abbażi tal-kuntratti tal-liġi ċivili bħala t-tul tas-servizz irregolat mill-Kodiċi tax-Xogħol.
A72G	A4.7 Limitazzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Miżuri ta' bini ta' kapaċità għall-	Adozzjoni tas-sett ta' azzjonijiet immirati biex iżidu l-kapaċità tal-				IT-TIENI TRIME	2026	Għandu jiġi adottat sett ta' azzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità tal-Ispezzjoni tal-Istat tax-Xogħol, inklużi:

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			Ispezzjoni tal-Istat tax-Xogħol	Ispezzjoni tal-Istat tax-Xogħol				STRU TAT-2		1) l-adozzjoni tal-istrategġija pluriennali tal-bini tal-kapaċità u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li tippredvi: - l-indirizzar tal-isfida ta' postijiet battala li ma mtlew; - l-introduzzjoni ta' għodod tal-IT għal spezzjonijiet effettivi; - pjan ta' taħriġ għall-persunal dwar l-implimentazzjoni tal-liġijiet il-ġodda, l-istandards operattivi u l-għodod tal-IT; - l-iżvilupp tal-metodi ta' ġestjoni u l-għodod tal-valutazzjoni tar-riskju biex l-ispezzjonijiet ikunu mmirati u effettivi. 2) l-adozzjoni tal-baġit tal-Ispezzjoni tax-Xogħol tal-Istat għall-2026 b'żieda globali ta' mill-inqas 10 % meta mqabbel mal-2025; 3) l-istabbiliment ta' taskforce interistituzzjonali għall-valutazzjoni tar-riskju bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Ispezzjoni tal-Istat tax-Xogħol, l-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tad-Dħul bl-għan li l-ispezzjonijiet tax-xogħol isiru aktar effettivi; 4) it-tnedija ta' kanal elettroniku għall-iskambju tad-data bejn l-Ispezzjoni Statali tax-Xogħol (PIP), l-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali (ZUS) u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tad-Dħul (KAS);

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										5) it-tweqqif ta' awditu tas-sistemi tas-sigurtà tal-IT fl-Ispezzjoni tal-Istat tax-Xogħol 6) l-adozzjoni tal-ordni tal-Ispettur Prinċipali tax-Xogħol dwar il-metodi u l-istandards ta' ġestjoni għall-ispezzjonijiet tax-xogħol.
A73G	A5.1 Kontribuzzjoni lill-Kompartiment tal-Istati Membri taħt il-programm InvestEU	Stadju importanti	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-gvern tal-Polonja u l-Kummissjoni Ewropea	L-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kontribuzzjoni				IT-TIENI TRIMESTRUTAL-4	2025	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-gvern tal-Polonja u l-Kummissjoni Ewropea għal ammont ta' EUR 160 051 400.
A74G	A5.1 Kontribuzzjoni lill-Kompartiment tal-Istati Membri taħt il-programm InvestEU	Tal-UE	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment approvati mill-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU		Perċentwali (%)	0	100 %	IT-TIENI TRIMESTRUTAT-3	2026	L-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali tar-riżorsi allokati għall-istrument għandhom ikunu ġew approvati mill-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU.

A.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

A2.5 It-tisħiħ tal-potenzjal tas-settur kulturali u tal-industriji kulturali għall-iżvilupp ekonomiku

L-objettiv ġenerali ta' din ir-riforma huwa li tikkonċepixxi u toħloq qafas għall-appoġġ tas-setturi kulturali u kreattivi (CCS) wara l-pandemija tal-COVID-19. Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-adozzjoni ta' dokument ta' politika biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li ġejjin: (I) jidentifikaw sfidi ewlenin fuq terminu medju sa twil fis-CCS; (II) jiżguraw il-konformità mal-prinċipji orizzontali tal-UE inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni; (III) jidentifikaw il-potenzjal għal għodod u pjattaformi ekoloġiċi u diġitali biex jindirizzaw dawn l-isfidi; (IV) jiżviluppaw kunċetti għall-kooperazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien u l-ħiliet bejn is-CCS u mas-setturi tax-xjenza, l-edukazzjoni, it-teknoloġija u n-negozju b'enfasi fuq il-prinċipji ġenerali tal-UE inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni (v) jidentifikaw l-għażliet preferuti biex jipprovdu appoġġ pubbliku għal azzjonijiet fis-CCS.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

A2.5.1 Programm li jappoġġa l-attivitajiet ta' entitajiet fl-industriji kulturali u kreattivi biex jiġi stimulat l-iżvilupp tagħhom

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jipprevjeni l-effetti negattivi fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19 u jhegġegħ it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fis-setturi kulturali u kreattivi (CCS). Għal dan l-għan, l-investment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju u assistenza teknika lill-istituzzjonijiet kulturali, lill-NGOs, lill-artisti, lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs fis-CCS.

L-investment għandu jikkonsisti f'żewġ elementi ewlenin. L-ewwel nett, l-investment għandu johlq programm ta' għotjiet għall-istituzzjonijiet kulturali, il-NGOs, il-SMEs u l-mikrointrapriżi fis-CCS biex jappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti relatati ma': (I) it-titjib tal-kompetenzi diġitali u ekoloġiċi fis-CCS; (II) l-iżvilupp ta' attivitajiet kulturali/kreattivi, bħal kunċerti, wirjiet u wirjiet inkluż f'formati virtwali; (III) il-ħolqien ta' programmi edukattivi u workshops dwar l-arkitettura, id-disinn u l-arti kreattiva biex jgħinu lill-artisti u lid-disinjaturi jiżviluppaw il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali tagħhom; (IV) il-bini ta' workshops biex jappoġġaw il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-għarfien u l-ħiliet bejn is-CCS u mas-setturi tax-xjenza, it-teknoloġija u n-negozju; (V) l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda li jużaw teknoloġiji fixkiela bħall-Intelliġenza Artifiċjali, il-blockchain, u l-Internet tal-Oġġetti fis-CCS. Il-prinċipji ġenerali tal-UE inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati fil-proġetti kollha.

It-tieni, l-investment għandu johlq programm ta' fellowship biex jappoġġa lill-ħallieqa, l-artisti, l-animaturi, l-edukaturi u r-riċerkaturi fis-CCS. B'mod partikolari, il-programm ta' fellowship għandu jipprovdi assistenza finanzjarja lil: (I) jipprovdu korsijiet għall-artisti biex jiżviluppaw il-ħiliet artistiċi u diġitali jew ekoloġiċi tagħhom; (II) jipprovdu taħriġ professjonali individwalizzat lill-artisti; (III) joħlqu opportunitajiet għall-artisti biex jiltaqgħu f'formati virtwali jew fiżiċi ma' professjonisti tal-arti lokali, nazzjonali u internazzjonali permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u serje ta' diskussjonijiet; (IV) joħlqu opportunitajiet għall-artisti biex jikkooperaw f'formati virtwali jew fiżiċi ma' professjonisti f'setturi oħra, inklużi x-xjenza, it-teknoloġija u n-negozju. Għandhom jingħataw fellowships fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tal-UE inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni. Il-kriterji għall-għażla tal-applikazzjonijiet għal boroż ta' studju għal artisti fis-CCS, li jikkorrispondu għal wieħed mis-setturi tan-NACE kif definit mill-Eurostat, għandhom jinkludu: (a) portafoll artistiku konvinċenti fl-aħħar 24-il xahar; (b) pjan artistiku konvinċenti għall-24-il xahar li ġejjin.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma A2.6 — Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkumpanjament bl-użu ta' data satellitari

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jiżdied l-użu tad-data satellitari minn entitajiet pubbliċi u privati. Liġi ġdida dwar l-attivitajiet spazjali għandha tiffaċilita l-użu tad-data satellitari mill-amministrazzjoni pubblika.

Il-liġi għandha tistabbilixxi amministratur nazzjonali tad-data satellitari. Għandu jkun obligat ukoll li jippromwovi l-użu ta' data satellitari minn kumpaniji privati, fost l-oħrajn billi jorganizza taħriġ għall-entitajiet interessati kollha. Il-liġi għandha tistabbilixxi wkoll ir-regoli u l-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet spazjali u s-superviżjoni tagħhom, ir-responsabbiltà għall-ħsara kkawżata minn oġġetti spazjali, kif ukoll ir-regoli għall-operat tar-Reġistru Nazzjonali tal-Oġġetti Spazjali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

A2.6.1 Investiment — Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkumpanjament bl-użu ta' data satellitari

L-investimenti għandhom l-għan li jżidu b'mod sinifikanti l-effiċjenza tal-użu tal-osservazzjoni satellitari tad-Dinja fil-Polonja u jiżguraw il-produzzjoni u l-forniment effiċjenti u kontinwi ta' informazzjoni pproċessata dwar l-osservazzjoni tad-Dinja (EO), imfassla għall-ħtiġijiet tal-utent. Dan għandu l-għan li jtejjeb il-governanza tal-pajjiż (deċiżjonijiet ibbażati fuq informazzjoni aktar speċifika u aġġornata), iwassal għal trasformazzjoni diġitali sinifikanti tal-amministrazzjoni u joħloq domanda għal prodotti ta' osservazzjoni tad-Dinja, inkluża domanda privata u pubblika addizzjonali għas-sistema Copernicus tal-UE diġà eżistenti.

L-investiment għandu jikkonsisti f'żewġ investimenti. L-ewwel investiment għandu jinvolti l-istabbiliment tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni bis-Satellita (NSIS) li għandha tipprovdi servizzi ta' monitoraġġ bl-użu ta' data mill-osservazzjoni satellitari tad-Dinja. L-ewwel servizzi għandhom ikunu disponibbli għall-utenti finali sat-30 ta' Ġunju 2025.

It-tieni investiment għandu jinvolti l-illanċjar ta' erba' satelliti. Il-ħidma preparatorja li għandha titwettagħ f'konformità mal-istandards tal-Kooperazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni Spazjali (Fażi ECSS 0/A/B/C) għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

A2.7.1 Investiment — Fond għas-Sigurtà u d-Difiża

Din il-miżura għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija Pollakka billi taġġusta strutturalment il-livell ta' appoġġ pubbliku disponibbli biex jiġi indirizzati l-fallimenti tas-suq u l-ineffiċjenzi fis-setturi tas-sigurtà u tad-difiża tal-ekonomija.

Il-miżura għandha tikkonsisti f'injezzjoni ta' ekwità ta' EUR 5 577 991 477 f'kumpanija (il- "Fond") sabiex tiffinanzja investimenti fid-difiża u s-sigurtà kif deskritt hawn taħt.

Il-Bank Gospodarstwa Krajowego (BGK) għandu jingħata s-setgħa bil-liġi li jistabbilixxi u jissorvelja l-Fond. Il-liġi għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Definizzjoni tal-oġġettivi tal-Fond u taż-żoni ta' investiment eliġibbli li l-Fond jista' jappoġġa: (i) l-iżvilupp ta' bini protettivi u infrastruttura tal-protezzjoni ċivili, (ii) il-kostruzzjoni u l-modernizzazzjoni ta' infrastruttura b'użu doppju, (iii) l-investimenti fiċ-ċibersigurtà u (iv) il-modernizzazzjoni tal-intrapriżi inkluż l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp.
- Il-liġi għandha tispeċifika li l-Fond għandu jopera f'konformità mal-oġġettivi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-liġi għandha tinkludi wkoll ir-rekwiżit li jiġi żgurat li l-kamp ta'

applikazzjoni tal-investimenti li għandhom jiġu implimentati jkun konformi ma' dak li jista' jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-UE, inkluż skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- c. Ir-rekwiżit li l-Fond għandu jkun sussidjarju tal-BGK u li l-BGK ikun is-sid uniku tal-Fond. Parti mill-ekwiżità injettata fil-Fond għandha tiġi fdata mill-Fond lill-BGK biex jipprovdi self lir-riċevituri finali u l-BGK għandu jimmaniġġja dawn it-tranżazzjonijiet ta' self direttament. Il-bqija tal-ekwiżità injettata għandha tkun iddedikata għal investimenti ta' ekwiżità. Il-BGK għandu jkun involut fid-deċiżjonijiet ta' investiment tal-Fond għal dawn l-investimenti ta' ekwiżità.
- d. L-istruttura ta' governanza tal-Fond, il-kompożizzjoni u r-responsabbiltajiet tad-diversi korpi ta' governanza, korpi manġerjali u l-kumitati ta' investiment rilevanti u l-modalitajiet tan-nomina tagħhom.
- e. Ir-rekwiżit li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-Fond għandhom jittieħdu mill-korpi rilevanti u approvati b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern tal-Polonja.
- f. Ir-rekwiżit li jiġu investiti mill-ġdid kwalunkwe rimborżi biex jiġu appoġġati l-istess oġġettivi ta' politika sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- g. Ir-rekwiżit li l-Fond japplika s-sistema ta' awditjar u kontroll tal-BGK li ġiet ivvalutata b'mod pożittiv mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 157 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
- h. Ir-rekwiżit li l-ekwiżità injettata fil-Fond għandha tintuża abbażi ta' politika ta' investiment.

Il-politika ta' investiment għall-użu tal-ekwiżità injettata fil-Fond għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- 1. Id-deskrizzjoni taż-żoni ta' investiment għall-Fond, f'konformità maż-żoni eliġibbli stabbiliti fil-liġi.
- 2. Id-deskrizzjoni tal-prodotti finanzjarji, inklużi s-self u l-ekwiżità, l-oġġettivi tal-Fond, il-mod kif il-Fond se jipprovdi l-appoġġ u l-benefiċjarji finali eliġibbli mistennija li l-Fond għandu jappoġġa inizjalment. Dawk il-prodotti finanzjarji għandhom ikunu konformi mal-liġi li tistabbilixxi l-Fond, inkluż ma' dak li jista' jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-UE.
- 3. L-iskeda ta' żmien prevista għall-passi għall-implimentazzjoni tal-investimenti inizjali.
- 4. L-applikazzjoni *tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"* (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01):
 - i. Għal self jew strumenti ekwivalenti, il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁵, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li

¹⁵ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili; (c) ingeni tal-ajru użati għall-protezzjoni ċivili jew għat-tifi tan-nar u vetturi bi skop speċjali li huma bbażati fuq l-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur; u (d) il-kostruzzjoni ta' konnessjonijiet tat-toroq, pontijiet u/jew mini ġodda b'tul individwali ta' inqas minn 20 kilometru u rinnovazzjoni ta' toroq, pontijiet u/jew mini.

mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁶, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi¹⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹⁸.

- ii. Għall-ekwità, il-politika ta' investiment għandha teskludi kumpaniji b'fokus sostanzjali¹⁹ fis-setturi li ġejjin: (I) il-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u attivitajiet relatati²⁰; (II) l-industriji intensivi fl-enerġija u/jew b'emissjonijiet għoljin ta' CO₂²¹; (III) il-produzzjoni, il-kiri, jew il-bejgħ ta' vetturi li jniġġsu²²; (IV) il-ġbir tal-iskart, it-trattament u r-rimi tal-iskart²³, (v) l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari, il-produzzjoni tal-enerġija nukleari. Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha tirrikjedi konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tar-riċevituri finali tal-Faċilità.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

¹⁶ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiew possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁹ Huwa kkunsidrat li Benefiċjarju Finali għandu "fokus sostanzjali" fuq settur jew attività ta' negozju jekk id-dħul gross iġġenerat mis-settur jew l-attività ristretta jaqbeż il-50 % tad-dħul gross.

²⁰ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attività ta' l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

²¹ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiew possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²² Il-vetturi li jniġġsu huma definiti bħala vetturi mingħajr emissjonijiet. Din l-esklużjoni ma tapplikax għal inġenji tal-ajru użati għall-protezzjoni ċivili jew għat-tifi tan-nar u vetturi bi skop speċjali li huma bbażati fuq l-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur.

²³ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma bl-għan li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew għall-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

A.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

A2 — INNOVAZZJONI

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
A1L	A2.5 It-tisħiħ tal-potenzjal tas-settur kulturali u tal-industrija kulturali għall-iżvilupp ekonomiku	Stadju importanti	Adozzjoni ta' dokument ta' politika għall-appoġġ ta' azzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fis-setturi kulturali u kreattivi (CCS)	Pubblikazzjoni ta' dokument ta' politika				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Wara konsultazzjoni pubblika, l-adozzjoni mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet kulturali ta' dokument ta' politika għall-appoġġ tas-setturi kulturali u kreattivi (CCS). B'mod partikolari, id-dokument għandu jindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin: - L-identifikazzjoni ta' sfidi ewlenin fuq terminu medju sa twil fis-CCS, inklużi t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19; - Tiżgura li l-konformità mal-prinċipji ġenerali tal-UE inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni tiġi indirizzata fil-proġetti li għandhom jiġu appoġġati; - L-identifikazzjoni tal-potenzjal għall-għodod u l-pjattaformi ekoloġiċi u diġitali biex jindirizzaw dawn l-isfidi; - L-iżvilupp ta' kunċetti għall-kooperazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien u l-ħiliet bejn is-CCS u mas-setturi tax-xjenza, l-educazzjoni, it-teknoloġija u n-negozju b'enfasi fuq il-prinċipji ġenerali tal-UE inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, ekoloġiċi u diġitali.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										L-identifikazzjoni tal-għażliet preferuti biex jingħata appoġġ pubbliku għal azzjonijiet fis-CCS.
A2L	A2.5.1 Programm li jappoġġa l-attivitajiet ta' entitajiet fl-industrija kulturali u kreattivi biex jiġi stimulat l-iżvilupp tagħhom	Stadju importanti	Kriterji tal-għażla għall-appoġġ ta' proġetti fis-setturi kulturali u kreattivi (CCS)	Il-pubblikazzjoni tal-kriterji tal-għażla u t-twaqqif tal-kumitat tal-għażla indipendenti				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Il-Ministeru tal-Kultura u l-Wirt Nazzjonali għandu jadotta u jipubblika l-kriterji tal-għażla biex jappoġġa lill-SMEs, lill-istituzzjonijiet kulturali u lill-NGOs fil-ħolqien ta' proġetti fis-setturi kulturali u kreattivi (CCS). Barra minn hekk, għandu jitwaqqaf kumitat tal-għażla indipendenti b'esperti ta' diversi dixxiplini, inklużi rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet indipendenti tas-CCS. Il-Kumitat tal-għażla għandu jiddeċiedi dwar id-dispożizzjonijiet tal-għotjiet u l-fellowships. Il-kriterji għall-għażla tal-applikazzjonijiet għal għotjiet għal proġetti minn istituzzjonijiet kulturali, NGOs, SMEs u mikrointrapriżi fis-CCS, li jikkorrispondu għal wiehied mis-setturi NACE kif definit mill-Eurostat, għandhom: a) tagħti preferenza lil proġetti li x'aktarx ikollhom impatt dejjiemi fit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi fis-CCS; b) tagħti preferenza lil daww il-benefiċjarji li għandhom pjan ta' direzzjoni tan-negozju dwar kif l-għotjiet għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw l-ispejjeż tal-proġett; c) tagħti preferenza lil daww il-benefiċjarji li għandhom rekord ta' attivitajiet jew proġetti

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										fl-aħħar 24-il xahar relatati mal-proposta tal-proġett. Il-prinċipji ġenerali tal-UE inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati fil-proġetti kollha.
A3L	A2.5.1 Programm li jappoġġa l-attivitajiet ta' entitajiet fl-industrija kulturali u kreattivi biex jiġi stimulat l-iżvilupp tagħhom	Tal-UE	Għadd ta' kuntratti ffirmati għal proġetti minn istituzzjonijiet kulturali, NGOs, SMEs u mikrointrapriżi li joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi (CCS)		Għadd	0	2755	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-għan ta' din il-miżura huwa li ssaħħaħ is-setturi kulturali u kreattivi (CCS) billi tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti li jxerrdu l-kisbiet kulturali u jżidu l-preżenza tal-kultura fil-ħajja soċjali permezz ta' għodod u riżorsi online. Il-proġetti għandhom jintgħaḥu permezz ta' sejħiet miftuħa għall-proposti. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġetti għandu jinkludi t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet kif ukoll il-promozzjoni tal-kompetenzi diġitali fost l-operaturi kulturali (kemm privati kif ukoll impjegati tal-istituzzjonijiet kulturali). L-implimentazzjoni ta' 2755 proġett fis-CCS għandha tiġi appoġġata, magħżula abbażi tal-kriterji kif ippubblikati fil-kuntest tal-istadju importanti A2L.
A4L	A2.5.1 Programm li jappoġġa l-attivitajiet ta' entitajiet fl-industrija kulturali u kreattivi biex jiġi stimulat l-iżvilupp tagħhom	Tal-UE	Għadd ta' fellowships mogħtija fis-setturi kulturali u kreattivi (CCS)		Għadd	0	1390	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Dan l-investiment għandu jgħid Program ta' Boroż ta' Studju biex jappoġġa lill-ħallieqa, lill-artisti, lill-animaturi u lill-edukaturi kif ukoll lill-riċerkaturi li jixtiequ jsibu modi ġodda kif jippreżentaw beni kulturali f'għajnejn u permezz tal-Internet. 1390 fellowships għandhom jingħataw lill-artisti għall-iżvilupp tal-attivitajiet tagħhom. Il-programm ta' boroż ta' studju għandu jkollu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-artisti sabiex

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										jistimula attivitajiet kreattivi fl-irkupru ta' wara l-COVID-19. B'mod partikolari, il-programm ta' fellowship għandu jipprovdi assistenza finanzjarja lil: 1. Jipprovdu korsijiet għall-artisti biex jiżviluppaw il-ħiliet artistiċi u diġitali jew ekoloġiċi tagħhom; 2. Jipprovdu taħriġ professjonali individwalizzat lill-artisti; 3. Joħolqu opportunitajiet għall-artisti biex jiltaqqu f'formati virtwali jew fiżiċi ma' professjonisti tal-arti lokali, nazzjonali u internazzjonali permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u serje ta' diskussjonijiet; 4. Joħolqu opportunitajiet għall-artisti biex jikkooperaw f'formati virtwali jew fiżiċi ma' professjonisti f'setturi oħra, inklużi x-xjenza, it-teknoloġija u n-negozju. Għandhom jingħataw fellowships fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tal-UE inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni. Il-kriterji għall-għażla tal-applikazzjonijiet għal boroż ta' studju għal artisti fis-CSS, li jikkorrispondu għal wieħed mis-setturi tan-NACE kif definit mill-Eurostat, għandhom jinkludu: - portafoll artistiku konvinċenti fl-aħħar 24-il xahar; - pjan artistiku konvinċenti għall-24-il xahar li ġejjin. Il-Kumitat tal-għażla msemmi fl-istadju importanti A2L għandu jiddeċiedi dwar l-għażla tal-fellows.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
A7L	Riforma A2.6 — Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkumpanjament bl-użu ta' data satellitari	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi dwar l-attivitajiet spazjali li għandha tiġi adottata mill-Parlament	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Liġi ġdida għandha, fost l-oħrajn, tiffaċilita l-użu tad-data satellitari mill-amministrazzjoni pubblika. Il-liġi għandha tistabbilixxi amministratur nazzjonali tad-data satellitari. Il-liġi għandha tistabbilixxi l-obbligu għall-amministratur nazzjonali li jippromwovi l-użu tad-data satellitari minn kumpaniji privati, fost l-oħrajn billi jorganizza taħriġ għall-entitajiet interessati kollha.
A8L	A2.6.1 Investiment — Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkumpanjament bl-użu ta' data satellitari	Tal-UE	L-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa: is-sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni bis-Satellita (NSIS) li għandha tippovdi servizzi ta' monitoraġġ bl-użu ta' data mill-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) satellitari		Għadd	0	1	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Is-sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni bis-Satellita (NSIS) għandha ssir operattiva. It-tnedija ta' servizzi inizzjali f'kooperazzjoni mal-utenti f'żewġ oqsma tal-applikazzjonijiet tal-Ġbir ta' Data Elettronika (EDC) ta' importanza kbira għall-ekonomija u s-sigurtà tal-Polonja, magħżula mill-oqsma li ġejjin: il-ġestjoni spazjali, il-ġestjoni tal-kriżijiet, l-agrikoltura u l-forestrija, il-ġestjoni tal-ilma, il-monitoraġġ tal-ambjent Baltiku.
A9L	A2.6.1 Investiment — Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkumpanjament bl-użu ta' data satellitari	Stadju importanti	Xogħlijiet preparatorji għall-illanċjar tal-ewwel satellita Pollakka: Fażi ECSS 0/A/B/C (Analiżi tal-missjoni/identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, Fattibbiltà u Definizzjoni)	Pubblikazzjoni tar-rapporti				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	L-indikatur jirreferi għal tliet rapporti ppubblikati (ir-Rieżami tad-Definizzjoni tal-Missjoni, ir-Rieżami Preliminari tar-Rekwiżiti, ir-Reviżjoni Kritika tad-Disinn). Is-segment spazjali għandu jinkludi pjattaformi satellitari ta' mikro u sensuri li jippermettu l-akkwist ta' data optoelettronika, mgħammra, fost l-oħrajn, b'modulu ta' kompressjoni, u konnessjonijiet tar-radju kriptati uplink/downlink. Ix-xogħlijiet preparatorji għandhom jitwettqu f'konformità mal-istandards tal-Kooperazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni Spazjali (ECSS).
A10L	A2.6.1 Investiment — Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi	Tal-UE	T1 — It-tnedija tal-ewwel satellita Pollakka		Għadd	0	1	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	L-għadd ta' satelliti llanċjati, li jikkonsistu f'manifattura, assemblaġġ u ttestjar kompluti ta' hardware/software tat-titjira, inkluż appoġġ assoċjat fuq l-art, li jqiegħed l-ewwel satellita fl-orbita.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	u infrastruttura ta' akkompanjament bl-użu ta' data satellitari									
A11L	A2.6.1 Investiment — Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitaraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkompanjament bl-użu ta' data satellitari	Tal-UE	T2 — It-tnejn tat-tliet satelliti Pollakki li jmiss		Għadd	1	4	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' satelliti llanċjati (f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti għall-miżura A10L hawn fuq). Il-manifattura, l-immuntar u l-ittestjar kompluti ta' hardware/software tat-titjira, inkluż appoġġ fuq l-art assoċjat, li jwassal għall-illanċjar tat-tliet satelliti li jmiss fl-orbita.
A12L	A2.7.1 Fond għas-Sigurtà u d-Difiża	Stadju importanti	L-istabbiliment tal-qafas legali għall-Fond	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-qafas legali għall-Fond. Il-liġi għandha tinkorpora l-elementi li huma inklużi fid-deskrizzjoni tal-miżura.
A13L	A2.7.1 Fond għas-Sigurtà u d-Difiża	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Politika ta' Investiment	Adozzjoni tal-Politika ta' Investiment				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Il-BGK u/jew il-Fond għandhom jadottaw politika ta' investiment għall-użu tal-ekwità injettata. Il-politika ta' investiment għandha tinkorpora l-elementi li huma inklużi fid-deskrizzjoni tal-miżura.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
A14L	A2.7.1 Fond għas-Sigurtà u d-Difiża	Stadju importanti	Tlestija tal-Investment	Ċertifikat ta' trasferiment				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	EUR 5 577 991 477 f'ekwità għandhom jiġu injettati fil-Fond. Kwalunkwe ftehim meħtieġ stabbilit fil-liġi għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandu jkun daħal fis-seħħ. Lil hinn mill-injezzjoni ta' ekwità fil-Fond li tikkostitwixxi l-investment tal-RRF, il-Polonja għandha tibgħat rapport li jiddeskrivi l-azzjonijiet meħuda mill-Fond sal-31 ta' Awwissu 2026 biex jimplimenta l-politika ta' investment, inklużi l-passi meħuda għall-implimentazzjoni tal-prodotti finanzjarji li l-ekwità addizzjonali hija mistennija li tappoġġa inizjalment, kif ukoll il-passi mistennija li jittieħdu għall-implimentazzjoni ulterjuri ta' dawk il-prodotti.

B. IL-KOMPONENT B: "ENERĠĠJA EKOLOĠIKA U TNAQQIS FL-INTENSITÀ TAL-ENERĠĠJA"

Il-komponent tal-pjan Pollakk għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jindirizza diversi sfidi li s-settur tal-enerġija Pollakk qed jiffaċċja bħalissa fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni u t-tniġġis tal-arja. L-ewwel nett, id-dipendenza tal-Polonja fuq il-faħam għadha ħafna ogħla milli fi Stati Membri oħra, u dan jagħmel it-tranżizzjoni tal-enerġija lejn in-newtralità karbonika diffiċli. It-tieni, madwar 70 % tal-abitazzjonijiet b'familja waħda u ħafna binjiet b'aktar minn appartament wieħed u bini pubbliku ma jissodisfawx l-istandards tal-effiċjenza enerġetika. Dan flimkien ma' użu li għadu mifrux ta' faħam ta' kwalità baxxa f'sistemi individwali tat-tisħin iwassal għal kwalità tal-arja baxxa. It-tielet, il-livelli baxxi ta' żamma u n-nuqqas ta' ilma (inkluż l-ilma tax-xorb) fiż-żoni rurali huma problema kbira.

L-oġettiv ewlieni tal-komponent huwa li jċaqlaq it-taħlita tal-enerġija lejn teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju billi jiffaċilita l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jżid l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija bħall-idroġenu u l-bijogass. Il-komponent għandu wkoll l-għan li jnaqqas il-konsum tal-enerġija billi javvanza rinnovazzjoni profonda tal-bini, inkluża l-modernizzazzjoni termali; u billi titnaqqas l-intensità enerġetika tal-industrija u s-servizzi kif ukoll tal-unitajiet domestiċi. Fl-aħħar nett, il-komponent għandu l-għan li jiffoka wkoll fuq it-tnaqqis tal-impatt tal-bniedem fuq l-ambjent, b'mod partikolari permezz ta' investimenti fin-newtralizzazzjoni tat-theddid u r-riabilitazzjoni ta' żoni degradati fuq skala kbira u l-Baħar Baltiku.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq l-innovazzjoni, it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà tiegħu, l-infrastruttura diġitali u tal-enerġija, il-kura tas-saħħa u l-enerġija aktar nadifa, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019) u biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari l-infrastruttura diġitali, il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nadifa u effiċjenti u t-trasport sostenibbli, li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni gradwali tal-ekonomija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C 58/01). Għall-miżuri kollha f'dan il-komponent li jinvolvu l-iżvilupp tal-infrastruttura, il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tkun meħtieġa biex tiġi evitata ħsara lill-oġettiv tal-bijodiversità. Dan ifisser speċifikament id-Direttiva VIA (2011/92/UE) u, għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom, l-Artikoli 6 (3) u 12 tad-Direttiva dwar il-Habitats (92/43/KEE), u l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Għasafar (2009/147/KE).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

B1.1 Arja Nadifa u effiċjenza enerġetika

L-oġettiv tar-riforma huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn setturi ekonomiċi magħżula u li tiżdied l-effiċjenza enerġetika tagħhom. Għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-kwalità tal-arja billi taċċellera l-proċess tas-sostituzzjoni tas-sorsi niġġiesa tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija.

Dawn l-oġġettivi għandhom jintlaħqu, l-ewwel nett, permezz ta' sett ta' miżuri li jottimizzaw l-appoġġ għall-investiment fl-effiċjenza enerġetika, prinċipalment bħala parti mill-Iskema tal-Obbligu tal-Effiċjenza Enerġetika. Dawn għandhom jinkludu l-faċilitazzjoni tal-użu ta' Kuntratti għar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija fis-settur pubbliku, il-possibbiltà li l-entitajiet koperti mill-Iskema ta' Obbligu tal-Effiċjenza Enerġetika jsaldaw l-obbligi tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija fil-qafas tal-hekk imsejħa programmi ta' sussidju, u l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-Kumpaniji tas-Servizzi tal-Enerġija fl-Iskema tal-Obbligu tal-Effiċjenza Enerġetika. Dan għandu jinkiseb permezz ta' emenda tal-Att dwar l-Effiċjenza Enerġetika flimkien mal-emendi tal-liġi dwar l-appoġġ għall-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjonijiet tat-termomodernizzazzjoni u dwar ir-reġistru ċentrali tal-emissjonijiet tal-bini; il-liġi dwar l-appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' bini residenzjali għall-kiri; il-liġi dwar xi tipi ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni; u l-liġi dwar is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dawn l-atti legali kellhom jidhru fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2022.

It-tieni, l-oġġettivi tar-riforma tal- "Arja Nadifa u l-Effiċjenza Enerġetika" għandhom jintlaħqu permezz tal-iżvilupp tal-Programm ta' Priorità għall-Arja Nadifa f'konformità mal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (2010/31/UE), li għandha tkun il-mezz ewlieni għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika fil-bini. L-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-Programm attwali għall-Arja Nadifa għandha għalhekk tiżdied billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' applikazzjoni. Hija għandha tiżviluppa appoġġ speċifiku mmirat lejn l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, b'introjtu baxx u daww b'introjtu ogħla, fil-każ ta' dawn tal-aħħar, b'mod partikolari bl-involvement tas-settur bankarju li jipprovdi self ikkombinat ma' għotjiet. Dawn il-bidliet għandhom iwittu t-triq għall-użu tal-appoġġ taħt l-investiment B1.1.2 *"Is-sostituzzjoni tas-sorsi tas-sħana u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali b'familja waħda"* li jippermettu li tiżdied b'mod sinifikanti r-rata tar-rinnovazzjonijiet tal-bini u tas-sostituzzjoni tal-ħiter appoġġati skont dak il-programm. L-aġġornamenti tal-Programm Prijoritarju "Arja Nadifa" għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Marzu 2023.

It-tielet element li jirfed din ir-riforma għandu jkun aġġornament tal-Programm Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ajru. Il-programm għandu jiddefinixxi sett komprensiv u fit-tul ta' rekwiżiti u kundizzjonijiet abilitanti għall-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiżguraw titjib fil-kwalità tal-arja. Dawn l-awtoritajiet għandhom jingħataw il-mandat li jieħdu miżuri speċifiċi biex ibaxxu l-livell ta' sustanzi li jniġġsu l-arja emessi mit-tisħin u t-trasport tad-djar meta jinqabeż livell limitu partikolari li jniġġes l-arja. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu allokat i wkoll baġit speċifiku għall-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-ajru, b'mod partikolari bħala parti mill-hekk imsejħa "riżoluzzjonijiet kontra l-ismog". Il-programm Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Arja aġġornat għandu jagħti mandat għat-tmiem ta' kwalunkwe appoġġ pubbliku għall-investimenti f'ħiters ġodda li jaħdmu bil-faħam sal-31 ta' Diċembru 2021.

Ir-raba' element tar-riforma għandu jkun Regolament Emendat mill-Ministru għall-Klima u l-Ambjent li jistabbilixxi standards għall-fjuwils solidi. Għall-karburanti solidi tal-bijomassa, ir-regolament għandu jistabbilixxi standards ta' kwalità biss għal daww maħsuba għall-użu domestiku, inklużi l-pellets tal-injam. Minbarra l-projbizzjoni tal-faħam ta' kwalità baxxa għat-tisħin domestiku ppromulgata fl-2018, din l-emenda għandha tistabbilixxi wkoll standards minimi għall-fjuwils solidi.

B1.1.1 Investiment f'sorsi tas-sħana f'sistemi tat-tisħin distrettwali

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jimmodernizza t-tisħin distrettwali u jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu. Proporzjon sinifikanti tal-operaturi tat-tisħin distrettwali fil-Polonja jeħtieġ li jiġi modernizzat, billi jiġu sostitwiti s-sorsi, f'kundizzjoni teknika ħażina li ma tkunx konformi mad-definizzjoni ta' sistema effiċjenti tat-tisħin distrettwali. Il-ħtieġa għas-sostituzzjoni tas-sors tas-sħana hija marbuta wkoll ma' sehem baxx ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-sistema tat-tisħin, li bħalissa huwa ta' madwar 9.5 %. Għalhekk, l-oġġettiv huwa li jitnaqqsu l-intensità enerġetika u l-emissjonijiet

tal-ġenerazzjoni tas-sħana. Taħt din il-miżura għandhom jitwettqu biss investimenti f'installazzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Għandu jingħata appoġġ lill-installazzjonijiet li jużaw is-sħana: l-enerġija minn sorsi rinnovabbli; karburanti gassużi fil-koġenerazzjoni minbarra l-faħam; pompi tas-sħana u sorsi ġeotermali, sħana mormija, fjuwils tal-gass b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, gassijiet imħallta, gass sintetiku u idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli, biex jissostitwixxu l-faħam fit-tisħin tas-sistema. L-użu ta' fjuwil derivat mill-iskart ma għandux ikun permess. Il-limitu ta' 250 g ta' CO₂ għalkull kWh ta' enerġija ġġenerata ma għandux jinqabeż għall-installazzjonijiet li jaħdmu bil-gass naturali. Il-benefiċjarji għandhom jinkludu entitajiet li l-oġettiv tagħhom huwa l-produzzjoni tas-sħana għal finijiet municipli u residenzjali. Il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta' kompetizzjoni miftuħa, filwaqt li jitqiesu l-kriterji li ġejjin: (I) it-tnejn u l-maturità tal-proġett għall-implimentazzjoni; (II) il-grad ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u/jew tal-PM_{2,5} u tal-PM₁₀ bħala riżultat tal-proġett; (III) l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; (IV) il-post f'żoni bl-ogħla emissjonijiet annwali ta' PM_{2,5} u PM₁₀.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B1.1.2 Is-sostituzzjoni tas-sorsi tas-sħana u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali b'familja waħda

Dan l-investment għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-arja, inkluż li jnaqqas l-emissjonijiet tal-materja partikolata billi jissostitwixxi s-sorsi tas-sħana intensivi fl-emissjonijiet u jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-abitazzjonijiet b'familja waħda. L-investment għandu jiġi dirett permezz tal-Programm ta' Priorità għall-Arja Nadifa li l-aġġornament tiegħu f'konformità mal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija huwa waħda mill-miżuri ewlenin taħt ir-Riforma B1.1 kif deskritt hawn fuq. L-investimenti għandhom jikkonsistu minn (i) is-sostituzzjoni ta' sorsi ineffiċjenti għat-tisħin tal-ispazju u tal-ilma; u/jew (ii) il-modernizzazzjoni termali ta' bini residenzjali; u/jew (iii) installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli (prinċipalment pannelli fotovoltaiċi, kolletturi solari). Il-livell ta' appoġġ għandu jiġi aġġustat għall-kapaċità tal-akkwist tar-riċevituri finali.

Il-livell medju tal-iffrankar tal-enerġija primarja fil-livell tal-investment għandu jkun ta' mill-inqas 30 %, ikkalkulat abbażi tal-iffrankar tal-enerġija stmat għal kull unità ta' kejl (sostituzzjoni tas-sorsi tas-sħana jew modernizzazzjoni termali u/jew installazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli). Il-livell ta' ffrankar tal-enerġija għal kull unità ta' kejl jista' jiġi stmat bl-użu tal-metodoloġija applikata mill-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma. F'każ ta' appoġġ għall-bojlers li jaħdmu bil-gass, dawn għandhom jintużaw f'konformità mal-Anness III tal-Gwida Teknika tal-Kummissjoni dwar id-DNSH (2021/C58/021) u għandhom iwasslu għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra bl-oġettiv li jittejbu b'mod sinifikanti l-ambjent u s-saħħa pubblika, b'mod partikolari minħabba t-tnaqqis tat-tniġġis, b'mod partikolari f'żoni fejn jinqabżu jew ikun hemm ir-riskju li jinqabżu l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE stabbiliti mid-Direttiva 2008/50/UE. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-bojlers li jaħdmu bil-gass jirrappreżentaw mhux aktar minn 40 % tan-numru globali ta' sostituzzjonijiet tas-sorsi tas-sħana skont din il-miżura.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B1.1.3 Immodernizzar termali tal-istituzzjonijiet edukattivi

Dan l-investment għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istituzzjonijiet edukattivi u li jissostitwixxi s-sorsi tas-sħana intensivi fl-emissjonijiet b'alternattivi aktar nodfa. L-azzjonijiet taħt dan l-investment jistgħu jinkludu, *fost l-oħrajn*, sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-adattament tal-funzjonijiet, l-installazzjonijiet, u s-sistemi tekniċi tal-bini għar-rekwiżiti attwali tal-leġislazzjoni fis-seħħ; rinnovazzjonijiet profondi; il-modernizzazzjoni tas-sistemi tat-tisħin tal-ispazju u tal-ilma;

installazzjoni ta' dawl effiċjenti. L-investimenti appoġġati taħt l-RRF għandhom iwasslu, bħala medja, għal iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %. Il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta' kompetizzjoni miftuħa, filwaqt li jitqiesu l-kriterji li ġejjin: (I) it-tħejjija — il-maturità tal-proġett għall-implimentazzjoni; (II) il-grad ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u/jew tal-PM_{2,5} u/jew tal-PM₁₀; (III) il-grad ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja; (IV) l-użu ta' RES.

L-azzjonijiet komplementari jistgħu jinkludu wkoll attivitajiet edukattivi, is-sensibilizzazzjoni fost l-għalliema, l-istudenti u l-komunitajiet lokali dwar it-tniġġis tal-arja, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B1.1.4 It-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika tal-faċilitajiet ta' attività soċjali lokali

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-faċilitajiet ta' attività soċjali lokali u li jissostitwixxi s-sorsi tas-sħana intensivi fl-emissjonijiet b'alternattivi aktar nodfa. L-azzjonijiet taħt dan l-investiment jistgħu jinkludu, *fost l-oħrajn*, sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-adattament tal-funzjonijiet, l-installazzjonijiet, u s-sistemi tekniċi tal-bini għar-rekwiżiti attwali tal-leġislazzjoni fis-seħħ; rinnovazzjonijiet profondi; il-modernizzazzjoni tas-sistemi tat-tisħin tal-ispazju u tal-ilma; installazzjoni ta' dawl effiċjenti. L-investimenti għandhom iwasslu, bħala medja, għal iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % fil-bini fil-mira. Il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta' kompetizzjoni miftuħa, filwaqt li jitqiesu l-kriterji li ġejjin: (I) it-tħejjija — il-maturità tal-proġett għall-implimentazzjoni; (II) il-grad ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u/jew tal-PM_{2,5} u/jew tal-PM₁₀; (III) il-grad ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja; (IV) jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B1.1.5 Titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali b'aktar minn appartament wieħed

Dan l-investiment għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika ta' bini b'aktar minn appartament wieħed. L-investiment għandu jiġi dirett permezz tal-iskema ta' sussidju TERMO u għandu jikkonsisti minn (i) modernizzazzjoni termali ta' bini residenzjali b'aktar minn appartament wieħed; u/jew (ii) l-installazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'bini bħal dan, inklużi sorsi ta' sħana u elettriku.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B2.1 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-idroġenu u gassijiet dekarbonizzati oħra

L-oġettiv tar-riforma huwa li jiġi żviluppat suq għall-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils alternattivi oħra.

Il-miżura tikkonsisti f'żewġ azzjonijiet. L-ewwel wieħed għandu l-għan li joħloq qafas regolatorju għall-funzjonament tal-idroġenu bħala fjuwil alternattiv għat-trasport billi jintroduċi dispożizzjonijiet għall-konstruzzjoni, l-operazzjoni sikura u t-titjib tal-istazzjonijiet tal-idroġenu kif ukoll l-awtoritajiet responsabbli għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-istazzjonijiet tal-idroġenu u l-ispezzjoni teknika meħtieġa tagħhom. Għandu jstabbilixxi wkoll sistema għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità tal-fjuwils tal-idroġenu użati għall-propulsjoni tal-vetturi. L-implimentazzjoni tal-azzjoni kellha titlesta sat-30 ta' Diċembru 2021.

It-tieni azzjoni għandha l-għan li tistabbilixxi l-infrastruttura tal-idroġenu u d-disinn tas-swieq immirati biex jappoġġaw l-adozzjoni mis-suq tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-idroġenu fi swieq oħra tal-enerġija kif ukoll infrastruttura eżistenti u ddedikata mmirata lejn il-ħolqien ta' prevedibbiltà regolatorja għall-investituri u l-appoġġ għall-adozzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Ir-riformi għandhom jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01) li tiżgura li r-riforma ma għandhiex tagħmel l-użu u l-kummerċjalizzazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli aktar diffiċli minn sorsi oħra tal-idroġenu. Ir-riforma għandha l-għan li tiżviluppa idroġenu rinnovabbli jew idroġenu prodott mill-elettrolizzaturi u li tippromwovi idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkonforma mal-istrateġija tal-UE għall-idroġenu.

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

B2.1.1 Investiment fil-manifattura, fil-ħżin u fit-trasport tal-idroġenu,

L-oġġettiv tal-investiment huwa li tinholq industrija tal-idroġenu fil-Polonja u li jżied l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-proġetti għandhom ikunu parti minn approċċ ta' politika integrat li jagħti prijorità lill-idroġenu rinnovabbli. L-investiment għandu jikkonsisti f'diversi azzjonijiet.

L-ewwel nett, għandhom jiġu appoġġati proġetti li jappoġġaw mill-inqas l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u l-implimentazzjoni ta' unitajiet tat-trasport innovattivi li jaħdmu bl-idroġenu. L-investiment għandu jiffoka fuq l-avvanz, l-ittejtjar u d-dimostrazzjoni ta' tipi differenti ta' unitajiet tat-trasport taċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu biex jappoġġa l-isforzi tal-Polonja biex tiddekarbonizza l-mobbiltà. Tipi innovattivi ta' unitajiet tat-trasport li jaħdmu bl-idroġenu għandhom jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni ta' trasport diffiċli biex jitrażżan. Għandha tkopri kemm il-kostruzzjoni ta' unitajiet ġodda kif ukoll il-modifika retroattiva ta' daww eżistenti. L-unitajiet tat-trasport ma għandhomx ikunu ddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili.

It-tieni, għandu jsir investiment pubbliku fi Skema ta' sussidju, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejtjeb l-aċċess għall-finanzi fis-settur tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tal-Polonja. Il-ftehimiet ta' sussidju konklużi bejn il-Faċilità u l-benefiċjarji finali għandhom l-għan li jirriżultaw f'kapaċità ta' produzzjoni installata totali ta' mill-inqas 315 MW ta' idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-iskema għandha topera billi tipprovi sussidji direttament lis-settur privat. Abbażi tal-investiment tal-RRF, l-iskema għandha l-għan li inizjalment tipprovi mill-inqas EUR 640 000 000 ta' sussidji.²⁴

L-iskema għandha tiġi ġestita mill-Bank Gospodarstwa Krajowego (BGK) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.

L-iskema għandha tinkludi l-linja tal-prodott li ġejja:

- Sussidji diretti lil entitajiet privati jew entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili biex jiffinanzjaw l-investimenti tagħhom fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inklużi l-elettrolizzaturi, u l-infrastruttura assoċjata.

Sabiex jimplimentaw l-investiment fl-iskema, il-Polonja u l-BGK għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema: Id-deċiżjoni finali tal-ġoti tal-iskema għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti ieħor rilevanti u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern.
2. Rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' sussidju assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tas-sussidji pprovduti u tal-benefiċjarji finali eliġibbli filwaqt li jitqies l-oġġettiv li l-ftehimiet ta' sussidju konklużi bejn l-iskema u l-benefiċjarji finali jirriżultaw f'kapaċità ta' produzzjoni installata ta' mill-inqas 315 MW ta' idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH ((2023) 6454 final). B'mod partikolari, il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà:

²⁴ Dan il-valur minnu nnifsu mhuwiex il-kost, iżda huwa l-volum ta' investiment immirat. Dan jista' jkun ugwal jew le għall-ispiża skont kif jiġi strutturat l-istrument, jekk hux se jinkiseb ingranaġġ, u jekk is-Sieħeb Implimentattiv għandux xi spejjeż/tariffi li jiġu imposti.

(I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²⁵, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²⁶, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi²⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijologiku²⁸ u iv) attivitajiet u assi relatati mal-estrazzjoni minerarja.

- d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Iskema ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jintuża kwalunkwe rikavat mhux użat tal-iskema, inkluż lil hinn mill-2026, għall-istess finijiet ta' politika.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 - a. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar is-sussidji mobilizzati.
 - b. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 - c. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jingħata sussidju għal operazzjoni.
 - d. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-BGK. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat; u iii) li r-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Iskema ma jkunux irċievew appoġġ minn strumenti

²⁵ Ħlief għal (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili; (c) il-faċilitajiet tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkonformaw mar-rekwiżit tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' 73.4 % għall-idroġenu, li jirriżultaw f'emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' inqas minn 3 tCO₂eq/tH₂) u 70 % għall-fjuwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu, meta mqabbla ma' komparatur tal-fjuwils fossili ta' 94 g CO₂e/MJ, li jirriżultaw f' 2.256 tCO₂eq/tH₂, b'analoġija għall-approċċ stabbilit fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u fl-Anness V tagħha. L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 28(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew, inkella, bl-użu tal-ISO 14067: 2018 jew ISO 14064-1: 2018.

²⁶ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux ferm aktar baxxi mill — parametri referenzjarji rilevanti għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Punti ta' riferiment stabbiliti

għal allokkazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fil-Kummissjoni

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/447.

²⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost jiġi rispettat. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-ftehimiet ta' sussidju applikabbli qed jiġu rrispettati.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

B2.2.3 Il-kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-terminals lil hinn mill-kosta

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtaffi r-riskju ta' implimentazzjoni tardiva ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta u li jiżgura l-operat u s-sikurezza xierqa tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta.

L-investiment għandu jikkonsisti f'żewġ proġetti. L-ewwel proġett għandu jinvolve l-kostruzzjoni ta' terminal ġdid fil-baħar fond speċifikament għall-installazzjoni ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. It-terminal għandu jkun fih mill-inqas żewġ irmiġġi operazzjonali: irmiġġ wieħed 'l barra għal bastimenti għall-installazzjoni tar-riħ lil hinn mill-kosta (li jakkomodaw mill-inqas żewġ bastimenti ta' rkupru lil hinn mill-kosta) u wieħed irmiġġ deħlin għal vapuri Lo-Lo u Ro-Ro li jwasslu komponenti eoliċi lil hinn mill-kosta. It-tieni proġett għandu jinvolve r-rikostruzzjoni tal-portijiet u l-aċċess għalihom mill-baħar (inkluża l-modernizzazzjoni tal-broakwaters). Tliet terminals ta' servizz għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta li jikkostitwixxu infrastruttura ewlenija għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet lil hinn mill-kosta għandhom jiġu aġġornati u/jew estenzi fil-portijiet f'Leba, Ustka u Darłowo.

L-implimentazzjoni tal-investiment f'terminals ta' servizzi lil hinn mill-kosta f'Leba, Ustka u Darłowo għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026 u t-terminal ta' installazzjoni lil hinn mill-kosta għandu jitlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

B3.1 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-ilma mormi fiż-żoni rurali

L-objettiv tar-riforma huwa li jiġi żgurat li soluzzjonijiet alternattivi għall-ġestjoni tal-ilma u tal-ilma mormi, bħal impjanti tat-trattament individwali jew tankijiet settiċi, jiġu mmonitorjati, miżmuma u kkontrollati kif xieraq biex jiġi evitat id-deterjorament.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-introduzzjoni tal-obbligu għall-muniċipalitajiet li jużaw strumenti biex jipprevjenu r-rimi mhux xieraq tad-drenaġġ u l-mekkaniżmu tal-hekk imsejħa prestazzjoni ta' sostituzzjoni, jiġifieri l-organizzazzjoni tat-tbattil ta' tankijiet settiċi mill-muniċipalità applikabbli għas-sidien tal-proprietà li ma kkonkludewx kuntratti għat-tbattil ta' tankijiet settiċi. Għandha tintroduċi wkoll obbligu li jitwettqu kontrolli regolari u li jiġi introdott mekkaniżmu ta' infurzar effettiv.

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Ir-riforma għandha tistabbilixxi wkoll kriterji territorjali għall-għażla tal-benefiċjarji tal-appoġġ għall-provvista tal-ilma jew għall-investimenti fl-ilma mormi fiż-żoni rurali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jagħtu priorità lill-muniċipalitajiet bl-inqas kapaċità li jiffinanzjaw investimenti mir-riżorsi proprji tagħhom u lil proġetti bl-akbar potenzjal li jtaffu l-impatti ambjentali negattivi eżistenti.

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni kellha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

B3.1.1 Investimenti fil-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-ilma mormi fiż-żoni rurali

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jżid id-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-ilma u tad-drenaġġ f'żoni rurali bl-akbar defiċits u li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura tal-ilma u tad-drenaġġ. L-investiment għandu wkoll l-għan li jżid il-potenzjal ta' investiment taż-żoni rurali.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-appoġġ tal-kostruzzjoni, l-estensjoni jew il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-ilma jew tar-rimi tal-ilma mormi f'żoni rurali u għandu jwassal għal żieda fil-popolazzjoni rurali bl-użu tal-infrastruttura tal-provvista tal-ilma u tar-rimi tal-ilma mormi. L-attivitajiet relatati mal-promozzjoni tal-ġestjoni razzjonali tal-ilma u tal-ilma mormi għandhom jiġu appoġġati wkoll. Bħala parti mill-investiment, għandu jkun possibbli li l-infrastruttura tiġi

kofinanzjata bl-użu ta' soluzzjonijiet diġitali, bħall-installazzjoni/is-sostituzzjoni ta' miters tal-ilma għal tagħmir tal-qari mill-bogħod, u l-ħolqien ta' sistemi elettroniċi għall-ġestjoni tal-ilma u tal-kanali. Għandhom jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet alternattivi għall-infrastruttura tal-provvista tal-ilma u tat-trattament tal-ilma mormi f'żoni rurali (bħall-kombinazzjoni ta' sistema kollettiva ma' tankijiet settiċi, jew impjanti individwali).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
B1G	B1.1 Arja nadifa u effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar l-Effiċjenza Enerġetika u atti leġiżlattivi assoċjati	Dispożizzjoni fl-att li jemenda l-Att dwar l-Effiċjenza Enerġetika u l-atti leġiżlattivi assoċjati li jindikaw id-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar l-Effiċjenza Enerġetika u l-atti leġiżlattivi assoċjati (il-liġi dwar l-appoġġ għall-modernizzazzjoni termali u r-rinnovazzjonijiet u dwar ir-reġistru ċentrali tal-emissjonijiet tal-bini; il-liġi dwar l-appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' bini residenzjali għall-kiri; il-liġi dwar xi tipi ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni; u l-liġi dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli) li għandha tippermetti lill-entitajiet koperti mill-Iskema ta' Obbligu tal-Effiċjenza Enerġetika jsaldaw l-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija fil-qafas tal-hekk imsejħa programmi ta' sussidju. Hija għandha tiċċara l-possibbiltajiet li jintużaw Kuntratti għar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija fis-settur pubbliku. Dan għandu jippermetti lill-Kumpaniji tas-Servizzi tal-Enerġija jipparteċipaw fl-Iskemi tal-Obbligu tal-Effiċjenza Enerġetika.
B2G	B1.1 Arja nadifa u effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Aġġornament tal-Programm Prijoritarju "Arja Nadifa"	L-adozzjoni ta' emendi għall-Programm Prijoritarju "Arja Nadifa" mill-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ambjent, inklużi dispożizzjonijiet għal appoġġ immirat lejn (a) unitajiet domestiċi				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	Il-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ambjent għandu jadotta emendi għall-Programm Prijoritarju "Arja Nadifa" f'konformità mal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, inkluż appoġġ iddedikat immirat lejn (a) unitajiet domestiċi b'introjtu ogħla b'mod partikolari bl-involvement tas-settur bankarju li jipprovdi self ikkombinat ma' għotjiet; (b) unitajiet domestiċi b'introjtu baxx; (c) l-

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				b'introjtu ogħla b'mod partikolari bl-involvement tas-settur bankarju li jipprovdi self ikkombinat ma' għotjiet; (b) unitajiet domestiċi b'introjtu baxx; (c) l-unitajiet domestiċi bl-aktar introjtu baxx.						unitajiet domestiċi bl-aktar introjtu baxx (f'konformità mad-definizzjonijiet applikabbli skont il-Programm Prijoritarju "Arja Nadifa". Sal-31 ta' Marzu 2023, id-dispożizzjonijiet li jipprovdu appoġġ immirat lill-gruppi msemmija għandhom ikunu kompletament operazzjonali u r-riċevituri għandu jkollhom aċċess għal dan l-appoġġ.
B3G	B1.1 Arja nadifa u effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Aġġornament tal-Programm Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ajru	Adozzjoni tal-Programm Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Arja aġġornat mill-Ministru għall-Klima u l-Ambjent				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2021	Il-programm Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ajru għandu jiddefinixxi kompiti ġodda li għandhom jiġu implimentati sal-2025, l-2030 u l-2040 fil-livelli nazzjonali, provinċjali u municipli: (1) l-istabbiliment ta' standards għal żoni b'emissjonijiet baxxi għall-muniċipalitajiet fejn ikunu nqabżu l-livelli permissibbli ta' NO ₂ ; (2) l-impenn ta' "voivodeships" li jadottaw riżoluzzjonijiet kontra l-ismog fil-bliet fejn ċerti standards tal-kwalità tal-arja ma jiġux rispettati; (3) appoġġ finanzjarju lill-awtoritajiet reġjonali u lokali għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet speċifikati fir-riżoluzzjonijiet kontra l-mog u t-tħejjija ta' punti ta' informazzjoni għar-residenti li japplikaw għal finanzjament taħt il-Programm ta' Prijorità għall-Arja Nadifa; (4) l-introduzzjoni tal-kompitu li jikkonsisti fit-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar is-sistema ta' kontroll għall-infurzar tal-implimentazzjoni tal-kompiti speċifikati

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										fir-riżoluzzjonijiet kontra l-ismog; (5) l-esklużjoni ta' hters ġodda li jaħdmu bil-faħam mill-programmi ta' appoġġ pubbliku mill-1 ta' Jannar 2022.
B4G	B1.1 Arja nadifa u effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emenda għar-Regolament mill-Ministru għall-Klima u l-Ambjent dwar l-istandards ta' kwalità għall-fjuwils solidi	Dispożizzjoni fl-emenda għar-Regolament dwar l-istandards tal-kwalità għall-fjuwil solidu li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Abbażi ta' rakkomandazzjonijiet dwar bidliet leġislattivi meħtieġa jew rakkomandati mħejjija minn tim interministerjali u segwiti minn konsultazzjoni tal-proposti mal-kmamar tal-NGOs u tas-settur tal-faħam, l-emenda għar-regolament dwar il-fjuwils solidi bbażati fuq il-faħam għandha tidħol fis-seħħ. Hija għandha tipprojbixxi lill-produtturi ta' fjuwils solidi tal-faħam milli jużaw markar qarrieqi.
B5G	B1.1 Arja nadifa u effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi standards ta' kwalità għall-karburanti solidi tal-bijomassa	Dispożizzjoni fir-regolament dwar l-istandards tal-kwalità għall-karburanti solidi tal-bijomassa li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Ir-Regolament għandu jistabbilixxi standards ta' kwalità għall-fjuwils solidi tal-bijomassa maħsuba għall-użu domestiku, inklużi l-pellets tal-injam.
B6G	B1.1.1 Investimenti f'sorsi tas-sħana f'sistemi tat-tisħin distrettwali	Tal-UE	T1 — Sorsi ta' sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali		Għadd	0	45	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	L-għadd ta' sorsi tas-sħana taħt kuntratti ffirmati li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-DNSH. It-teknoloġiji appoġġati għandhom jinkludu unitajiet ta' koġenerazzjoni tal-gass naturali, RES (solari, ġeotermali, bijoenerġija), u pompi tas-sħana. Il-limitu ta' 250 g ta' CO2/kWh ta' enerġija ġġenerata ma għandux jinqabeż għall-ebda waħda mill-installazzjonijiet appoġġati. Fil-każ ta' installazzjonijiet li jużaw il-bijoenerġija, għandha tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva 2018/2001 RES. Għandu jiġi

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										żgurat ukoll li l-bijogass/bijometan operat mill-pipeline jissodisfa l-kriterji ta' żvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (f'konformità mad-Direttiva RES).
B7G	B1.1.1 Investimenti f'sorsi tas-sħana f'sistemi tat-tisħin distrettwali	Tal-UE	T2 — Sorsi ta' sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali		Għadd	45	90	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' sorsi tas-sħana taħt kuntratti ffirmati li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti għall-punt B6G.
B8G	B1.1.2 Is-sostituzzjoni tas-sorsi tas-sħana u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali b'familja waħda	Tal-UE	T1 — Sostituzzjoni tas-sors tas-sħana f'bini ta' familja waħda		Għadd	0	250 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Għadd ta' sorsi ta' sħana installati. L-investimenti għandhom jiġu appoġġati taħt il-Programm ta' Priorità għall-Arja Nadifa, f'konformità mal-istrategġija ta' rinnovazzjoni fit-tul skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.
B9G	B1.1.2 Is-sostituzzjoni tas-sorsi tas-sħana u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali b'familja waħda	Tal-UE	T2 — Sostituzzjoni tas-sors tas-sħana f'bini ta' familja waħda		Għadd	250 000	513 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' sorsi tas-sħana installati li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti għall-entrata B8G.
B10G	B1.1.2 Is-sostituzzjoni tas-sorsi tas-sħana u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali b'familja waħda	Tal-UE	T1 — Termomodernizzazzjoni u installazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'bini residenzjali b'familja waħda		Għadd	0	190 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	L-għadd ta' djar b'familja waħda termomodernizzati li jissodisfaw l-istandards tal-effiċjenza enerġetika. L-investimenti għandhom jiġu appoġġati taħt il-Programm ta' Priorità għall-Arja Nadifa.
B11G	B1.1.2 Is-sostituzzjoni tas-sorsi tas-sħana u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini	Tal-UE	T2 — Termomodernizzazzjoni u installazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'bini		Għadd	190 000	379 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' djar b'familja waħda modernizzati termomodernizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti għall-entrata B10G.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	residenzjali b'familja waħda		residenzjali b'familja waħda							
B12G	B1.1.3 Immodernizzar termali tal-istituzzjonijiet edukattivi	Tal-UE	Sorsi tas-sħana modernizzati jew skambjati li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-DNSH fil-bini tal-istituzzjonijiet edukattivi (taħt kuntratti ffirmati)		Għadd	0	270	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' sorsi tas-sħana sostitwiti jew modernizzati f'bini ta' istituzzjonijiet edukattivi (taħt kuntratti ffirmati). Għandu jiġi żgurat li l-livell ta' ffrankar tal-enerġija primarja fil-livell tal-programm ikun mill-inqas 30 %. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-bojlers li jaħdmu bil-gass jirrappreżentaw mhux aktar minn 20 % tal-għadd globali ta' sostituzzjonijiet tas-sorsi tas-sħana skont din il-miżura u jekk ikun hemm tali appoġġ, il-kuntratti għandhom jiżguraw li l-bojlers li jaħdmu bil-gass ikunu konformi mal-Gwida Teknika tal-Kummissjoni dwar id-DNSH C (2023) 6454 final.
B13G	B1.1.3 Immodernizzar termali tal-istituzzjonijiet edukattivi	Tal-UE	Bini termomodernizzati ta' istituzzjonijiet edukattivi (taħt kuntratti ffirmati)		Għadd	0	492	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' binjiet ta' istituzzjonijiet edukattivi appoġġati għal investimenti fil-modernizzazzjoni tal-enerġija u/jew bl-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' installazzjoni moderna, inkluż: sorsi ta' enerġija rinnovabbli u aġġustament ta' funzjonijiet, installazzjonijiet u sistemi tekniċi tal-bini għar-rekwiżiti attwali tal-liġi applikabbli. L-investimenti implimentati għandhom jippermettu ffrankar tal-enerġija fil-livell tal-programm ta' investiment kollu ta' mill-inqas 30 %.
B14G	B1.1.4 It-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika tal-faċilitajiet ta' attivitajiet soċjali lokali	Tal-UE	Faċilitajiet ta' attivitajiet soċjali b'sorsi tas-sħana tal-fjuwil solidu ineffiċjenti sostitwiti għal sorsi moderni tas-		Għadd	0	21	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' faċilitajiet ta' attivitajiet soċjali li ssostitwew sorsi ineffiċjenti tas-sħana tal-fjuwil solidu b'sorsi moderni tas-sħana li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-DNSH (skont kuntratti ffirmati). L-investimenti

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			sħana li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-DNSH							implimentati għandhom jiżguraw iffrankar tal-enerġija fil-livell tal-programm ta' investiment kollu ta' mill-inqas 30 %. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-bojlers li jaħdmu bil-gass jirrappreżentaw mhux aktar minn 20 % tan-numru globali ta' sostituzzjonijiet tas-sorsi tas-sħana skont din il-miżura.
B15G	B1.1.4 It-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika tal-faċilitajiet ta' attività soċjali lokali	Tal-UE	Faċilitajiet termomodernizzati ta' attività soċjali		Għadd	0	85	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' faċilitajiet komunitarji termomodernizzati (libreriji u ċentri komunitarji). L-investimenti implimentati għandhom jiżguraw iffrankar tal-enerġija fil-livell tal-programm ta' investiment kollu ta' mill-inqas 30 %. L-appoġġ għall-bojlers li jaħdmu bil-gass għandu jintuża f'konformità mal-Gwida Teknika tal-Kummissjoni dwar id-DNSH (2021/C58/021). Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-bojlers li jaħdmu bil-gass jirrappreżentaw mhux aktar minn 20 % tan-numru globali ta' sostituzzjonijiet tas-sorsi tas-sħana skont din il-miżura.
B16G	B2.1 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-idroġenu u gassijiet dekarbonizzati oħra	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' atti li jemendaw l-atti leġiżlattivi għall-idroġenu bħala fjuwil alternattiv għat-trasport	Dispożizzjonijiet fl-atti leġiżlattivi emendatorji li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	1. Emenda għall-Att dwar l-Elettromobbiltà (11 ta' Jannar 2018; Dz. U. z 2018 r. poz. 317) għandhom jintroduċu d-definizzjonijiet għall-infrastruttura tar-riforniment tal-idroġenu; tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali tas-sikurezza u tekniċi għall-istazzjonijiet tar-riforniment (skont id-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi) u tiddetermina l-proċeduri u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għall-ispezzjoni ta'

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										din l-infrastruttura. 2. Emenda għall-Att dwar is-sistema ta' monitoraġġ u kontroll tal-kwalità tal-fjuwils (Awwissu 25, 2006; Dz.U. Nru 169, poz. 1200) għandu jintroduċi l-kunċett ta' idroġenu skont il-kodiċi NM 2804 10 00 tan-nomenklatura magħquda; jistabbilixxi l-proċeduri għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità tal-idroġenu; tiddetermina l-awtoritajiet rilevanti. Il-kunċett ta' idroġenu għandu jkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01). Ir-riforma ma għandhiex tagħmel l-użu u l-kummerċjalizzazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli aktar diffiċli minn sorsi oħra tal-idroġenu. Ir-riforma għandu jkollha l-għan ewlieni li tiżviluppa idroġenu rinnovabbli jew idroġenu prodott mill-elettrolizzaturi.
B17G	B2.1 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-idroġenu u gassijiet dekarbonizzati oħra	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi regoli għall-idroġenu	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tiddefinixxi r-regoli għall-infrastruttura tal-idroġenu u d-disinn tas-swieq immirati biex jappoġġaw l-adozzjoni mis-suq tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-idroġenu fi swieq oħra tal-enerġija kif ukoll infrastruttura eżistenti u ddedikata mmirata lejn il-ħolqien ta' prevedibbiltà regolatorja għall-investituri u l-appoġġ għall-adozzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-liġi għandha tkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01). Ir-riforma ma għandhiex tagħmel

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										l-użu u l-kummerċjalizzazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli aktar diffiċli minn sorsi oħra tal-idroġenu. Ir-riforma għandha tkun konformi mal-istrateġija tal-UE għall-idroġenu.
B20G	B2.1.1 Investiment fil-manifattura, fil-ħżin u fit-trasport tal-idroġenu,	Tal-UE	Proġetti ta' riċerka u innovazzjoni dwar unitajiet innovattivi tat-trasport imħaddma bl-idroġenu		Għadd	0	3	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Għandhom jiġu żviluppati tliet proġetti innovattivi dwar l-unitajiet tat-trasport li jaħdmu bl-idroġenu. Il-proġetti għandhom jappoġġaw mill-inqas l-iżvilupp, il-konstruzzjoni u l-implimentazzjoni ta' unitajiet tat-trasport innovattivi li jaħdmu bl-idroġenu (bħal prinċipalment vetturi/bastimenti/ferroviji u unitajiet oħra li jużaw ferroviji/xarabanks/ajruplani). L-ambitu tal-investiment jinkludi firxa wiesgħa ta' attivitajiet għall-avvanz, l-ittestjar, li juru tipi differenti ta' unitajiet tat-trasport taċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu. Din għandha tkopri kemm il-konstruzzjoni ta' unitajiet ġodda kif ukoll il-modifika retroattiva ta' daww eżistenti. Transport units shall not be dedicated to the transport of fossil fuels.
B21aG	B2.1.1 Investiment fil-manifattura, fil-ħżin u fit-trasport tal-idroġenu,	Stadju importanti	Ftehim ta' Implimentazzjoni	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni.
B21bG	B2.1.1 Investiment fil-manifattura, fil-ħżin u fit-trasport tal-idroġenu,	Tal-UE	Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali		Persentaġġi		50 %	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Il-BGK għandu jkun daħal fi ftehimiet ta' sussidju legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni).

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
B21cG	B2.1.1 Investiment fil-manifattura, fil-ħżin u fit-trasport tal-idroġenu,	Stadju importanti	Il-Ministeru lesta 50 % tal-investiment	Ċertifikat ta' trasferiment				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Il-Polonja għandha tittrasferixxi EUR 320 miljun lill-BGK għall-Iskema.
B21DG	B2.1.1 Investiment fil-manifattura, fil-ħżin u fit-trasport tal-idroġenu,	Tal-UE	Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali		Persentaġġi	50	100 %	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Il-BGK għandu jkun daħal fi ftehimiet ta' sussidju legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni).
B21EG	B2.1.1 Investiment fil-manifattura, fil-ħżin u fit-trasport tal-idroġenu,	Stadju importanti	Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' trasferiment				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Il-Polonja għandha tittrasferixxi EUR 320 miljun lill-BGK għall-Iskema, minbarra l-EUR 320 miljun diġà ttrasferiti taħt l-istadju importanti B21cG.
B37G	B2.2.3 Il-kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-terminals lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Kostruzzjoni ta' terminal ġdid għall-installazzjoni ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta	Tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ftehim ta' kiri preliminari tat-terminal				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' terminal ġdid għall-installazzjoni ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta għandhom jitlestew. It-terminal għandu jkun fih mill-inqas żewġ irmiġġi operazzjonali: irmiġġ wieħed 'l barra għal bastimenti għall-installazzjoni tar-riħ lil hinn mill-kosta (li jakkomodaw mill-inqas żewġ bastimenti ta' rkupru lil hinn mill-kosta) u wieħed irmiġġ deħlin għal vapuri Lo-Lo u Ro-Ro li jwasslu komponenti eoliċi lil hinn mill-kosta. Għandhom jiġu ffirmati ftehim (iet) ta' kiri preliminari legalment vinkolanti għat-terminal il-ġdid għall-użu ewlieni tat-terminal għall-installazzjoni ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta fissa mal-qiegħ u galleġġanti.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
B38G	B2.2.3 Il-konstruzzjoni tal-infrastruttura tat-terminals lil hinn mill-kosta	Tal-UE	Titjib/estensjoni tal-faċilitajiet fil-portijiet ta' Leba, Ustka u Darlowo għas-servizz u l-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tar-riħ lil hinn mill-kosta		Għadd	0	3	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-titjib u/jew l-estensjoni tal-faċilitajiet fil-portijiet ta' Leba, Ustka u Darlowo għas-servizz u l-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tar-riħ lil hinn mill-kosta għandhom jitlestew. Ix-xogħlijiet f'Ustka għandhom jikkonsistu fl-immodernizzar ta' breakwaters tal-port intern u l-approfondiment tal-binarji tal-passaġġi fuq l-ilma. Ix-xogħlijiet f'Leba għandhom jikkonsistu fil-konstruzzjoni ta' mogħdija tal-passaġġi fuq l-ilma ta' avvċinament b'fond ta' mill-inqas 3.5 metru. L-investiment f'Darlowo għandu jikkonsisti fir-rikonstruzzjoni tal-breakwater, il-konstruzzjoni ta' groyne u l-konstruzzjoni u r-restawr tal-mollijiet. Għandhom jiġu ffirmati ftehim (iet) ta' konċessjoni legalment vinkolanti għall-użu tal-faċilitajiet tal-portijiet (bħal terminals jew irmiġġi) għas-servizzjar tal-installazzjonijiet eoliċi lil hinn mill-kosta.
B39G	B3.1 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-ilma mormi fiż-żoni rurali	Stadju importanti	L-iżvilupp ta' regoli għat-territorjalizzazzjoni tal-appoġġ għall-provvista tal-ilma jew għall-investimenti fid-drenaġġ fl-RRP f'żoni rurali	Adozzjoni ta' linji gwida mill-Ministru għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	L-adozzjoni ta' kriterji territorjali għall-għażla tal-benefiċjarji. Il-kriterji tal-għażla għandhom jagħtu prijorità lill-muniċipalitajiet bl-inqas kapaċità li jiffinanzjaw investimenti mir-riżorsi propri tagħhom. L-awtogvernijiet tal-voivodeship għandhom ikunu involuti fil-proċess tad-definizzjoni tal-kriterji għall-għażla tal-benefiċjarji.
B40G	B3.1 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-ilma mormi fiż-żoni rurali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali li jistabbilixxi obbligu li jitwettqu monitoraġġ u kontroll	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' att legali li għandu jintroduċi l-obbligu għall-muniċipalitajiet li jimmonitorjaw u jikkontrollaw ir-rimi tad-drenaġġ u jużaw strumenti biex

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			regolari ta' sistemi individwali xierqa					TRU TAT-2		jipprevjenu r-rimi mhux xieraq, inkluż il-mekkaniżmu tal-hekk imsejħa prestazzjoni ta' sostituzzjoni, jiġifieri l-organizzazzjoni tat-tbattil ta' tankijiet settiċi mill-komun għal sidien ta' proprjetà li ma kkonkludewx kuntratti għat-tbattil ta' tankijiet settiċi.
B41G	B3.1.1 Investimenti fis-sistemi tat-trattament tal-ilma mormi u l-provvista tal-ilma fiż-żoni rurali	Tal-UE	Infrastruttura ġdida jew modernizzata tal-ilma mormi u tal-provvista tal-ilma għall-popolazzjoni rurali		Għadd	0	27 522	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Infrastruttura ġdida u modernizzata li tippermetti konnessjonijiet addizzjonali tal-popolazzjoni rurali mal-infrastruttura tal-provvista tal-ilma u tat-trattament tal-ilma mormi jew ir-restawr jew l-espansjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura eżistenti, f'muniċipalitajiet li jikkonformaw bis-sħiħ mar-regoli emendati dwar ir-rimi tal-ilma mormi. L-appoġġ għandu jiġi dirett lejn żoni li l-kapaċità ta' investment tagħhom tkun ġiet limitata bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 barra l-agglomerazzjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 86 tal-Att dwar il-Liġi dwar l-Ilma u lejn proġetti ta' infrastruttura għat-trattament tal-ilma mormi bl-akbar potenzjal li jtnaqqsu l-impatti ambjentali negattivi eżistenti. Il-benefiċjarji tal-investment għandhom jintgħażlu permezz ta' kompetizzjoni miftuħa u trasparenti. Għandhom jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet alternattivi għall-infrastruttura tal-provvista tal-ilma u tat-trattament tal-ilma mormi f'żoni rurali (bħall-kombinazzjoni ta' sistemi kollettivi ma' tankijiet settiċi, jew impjanti individwali). L-astrazzjoni tal-ilma għandha tiġi evitata meta l-korpi tal-ilma

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										kkonċernati (l-ilmijiet tal-wieċ jew ta' taħt l-art) ikunu, jew ipproġettati (fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima) li jkunu fi stat jew potenzjal inqas minn tajjeb.
B42G	B1.1.5 Titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali b'aktar minn appartament wieħed	Tal-UE	T1 — Installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u termomoderazzjonijiet f'bini b'aktar minn appartament wieħed		Għadd	0	632	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	L-għadd ta' binjiet b'aktar minn appartament wieħed li ġew immodernizzati bis-sħana jew mgħammra b'installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli. L-investimenti għandhom ikunu appoġġati taħt il-programm TERMO.
B43G	B1.1.5 Titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali b'aktar minn appartament wieħed	Tal-UE	T2 — Installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u termomoderazzjonijiet f'bini b'aktar minn appartament wieħed		Għadd	632	10885	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' binjiet b'aktar minn appartament wieħed li ġew immodernizzati bis-sħana jew mgħammra b'installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli. L-investimenti għandhom ikunu appoġġati taħt il-programm TERMO.

B.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

B1.2 L-iffaċilitar tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għall-kumpaniji tal-enerġija

L-għan tar-riforma huwa li tissimplifika u twessa' l-iskema tal-Obbligu tal-Effiċjenza Enerġetika.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata billi jinholq sett standard ta' valuri ta' referenza għal tipi differenti ta' miżuri għall-iffrankar tal-enerġija. Tali miżuri ma għandhomx għalfejn jibqgħu jiġu awditjati u dan għandu jiffaċilita l-parteeċipazzjoni fl-iskema ta' entitajiet iżgħar. Element ieħor tar-riforma għandu jkun l-inklużjoni fl-iskema tal-Obbligu tal-Effiċjenza Enerġetika tal-kumpaniji tal-fjuwil li jqiegħdu fis-suq fjuwils likwidi użati għat-trasport. Dawn il-kumpaniji għandhom jimplimentaw proġetti li jtejbū l-effiċjenza enerġetika, jikkancelaw għadd xieraq ta' ċertifikati bojod, jew iħallsu tariffa ta' sostituzzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

B1.2.1 Effiċjenza enerġetika u sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-kumpaniji — investimenti bl-ogħla potenzjal ta' tnaqqis tal-gassijiet serra

L-investment għandu l-għan li jnaqqas il-konsum finali tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-kumpaniji.

L-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi fl-intrapriżi għandha l-għan li tiffoka fuq it-titjib tal-proċessi industrijali u tal-enerġija sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u titnaqqas l-intensità enerġetika, li jwassal għal tnaqqis — u effiċjenza ogħla — tal-konsum tal-enerġija, flimkien ma' investimenti f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-intrapriżi. L-investment għandu, b'mod partikolari, jappoġġa (i) il-kostruzzjoni, l-estensjoni jew il-modernizzazzjoni ta' installazzjonijiet industrijali u ta' produzzjoni eżistenti, tagħmir industrijali u installazzjonijiet tal-elettriku mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tagħhom; (II) il-kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli proprji fil-kumpaniji, inklużi t-turbini eoliċi, il-kollekturi solari, il-pannelli fotovoltajċi, is-sistemi ġeotermali, il-pompi tas-sħana; (III) il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija f'kumpaniji b'rabta mal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli; (IV) bini/titjib tas-sorsi tal-enerġija proprji (interni) b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inklużi l-koġenerazzjoni; (V) iż-żieda fis-sehem ta' fjuwils b'emissjonijiet baxxi jew zero fil-proċessi tal-manifattura, filwaqt li jiġu rrispettati l-ogħla standards tal-emissjonijiet; (VI) is-sostituzzjoni ta' sorsi ta' sħana b'enerġija baxxa bl-użu ta' fjuwils (solidi, likwidi, gass) jew elettriku b'sorsi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija; (VII) it-termomodernizzazzjoni tal-bini u l-faċilitajiet użati fil-proċessi industrijali. Il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta' kompetizzjonimiftuħa, filwaqt li jitqiesu l-kriterji li ġejjin: (I) it-tnejn — il-maturità tal-proġett għall-implimentazzjoni; (II) il-konsistenza mal-pjanijiet eżistenti għan-newtralità klimatika; (III) il-grad ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-PM_{2,5} u tal-PM₁₀; (IV) il-grad ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²⁹; (II) attivitajiet taħt l-iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux inqas mill-

²⁹ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni relatata, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01).

parametri referenzjarji rilevanti³⁰; (III) attivitajiet relatati ma' miżbljet tal-iskart, inċineraturi³¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku³²; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali nazzjonali u tal-UE rilevanti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

B2.3 Appoġġ għall-investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva u l-iżvilupp ulterjuri tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' rekwiżiti dettaljati għall-komponenti tal-impjant tal-output tal-enerġija u għall-komponenti tal-impjanti tal-enerġija lil hinn mill-kosta kif ukoll ir-rekwiżiti tal-kostruzzjoni għall-komponenti tal-impjanti tal-enerġija lil hinn mill-kosta, filwaqt li jitqiesu s-sikurezza u l-affidabbiltà tal-output tal-enerġija lil hinn mill-kosta u l-assemblaġġ tal-impjant tal-enerġija. Għandu jidħol fis-seħħ regolament li jistabbilixxi l-prezz massimu għal kull 1 MWh (espress f'PLN) li jista' jiġi indikat fl-offerti sottomessi minn ġeneraturi f'irkant. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

L-oġġettiv tar-riforma huwa wkoll li jitnaqqas l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni fuq ir-riżultati tas-suq tal-elettriku. Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni mill-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta' akkwist espliċitu ta' kapaċitajiet ta' bbilanċjar (riżervi) qabel l-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem (SDAC) f'konformità mar-rakkomandazzjoni mill-ACER li tipproponi li jitnaqqas il-livell ta' restrizzjonijiet ta' allokazzjoni applikati. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Ir-riforma għandha tkun akkumpanjata minn irkantijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn parks eoliċi lil hinn mill-kosta. L-irkantijiet għandhom jiġu organizzati sal-31 ta' Diċembru 2025.

B2.4 Qafas legali għall-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jitneħħew l-ostakli legali eżistenti għall-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-ħżin u li jinħoloq ambjent legali stabbli għall-operat tan-negozju tal-ħżin.

Ir-riforma għandha, fost l-oħrajn, teżenta l-ħżin tal-elettriku mill-obbligu tat-tariffa u tneħħi l-ħlas doppju tat-tariffi tan-netwerk. Hija għandha tagħmel l-obbligu li tinkiseb konċessjoni/entrata fir-reġistru dipendenti fuq il-kapaċità totali installata ta' ħżin tal-elettriku, irrispettivament mill-kapaċità tagħha. Il-qafas propost tat-tariffi għall-ħżin għandu jkun nondiskriminatorju u jirrifletti l-ispejjeż.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

³⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji għal allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tal-UE, kif ippreżentat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

³¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

³² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

B3.2 Appoġġ għar-restawr ambjentali u l-protezzjoni kontra sustanzi perikolużi

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tal-art degradata fuq skala kbira u li tippermetti n-newtralizzazzjoni kkoordinata tat-theddid fiż-żoni tal-baħar Pollakki.

Ir-riforma tinvolvi t-tneħħija tal-ostakli organizzattivi u legali għall-eliminazzjoni komprensiva tal-impatt ambjentali negattiv ta' żoni postindustrijali fuq skala kbira. Għandu jiffoka fuq erba' komponenti indipendenti tal-għelieqi (postijiet differenti u kampijiet ta' applikazzjoni tax-xogħlijiet): 1) dak li qabel kien l-Impjant Kimiku "Tarnowskie Góry" f'Tarnowskie Góry; 2) dak li qabel kien l-Impjant Kimiku taż- "Zachem" f'Bydgoszcz; 3) impjant "Organika-Azot" f'Jaworzno; 4) dak li qabel kien l-Impjant tal-Industrija "Boruta" Dyes f'Zgierz.

Il-leġiżlazzjoni li tippromulga dawn il-bidliet għandha tidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022.

It-tieni parti tar-riforma għandha tikkonsisti fid-definizzjoni ta' regoli ddedikati għal materjali perikolużi li jintilfu fil-Baħar Baltiku bl-għan li tiżdied is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem u l-kundizzjoni tal-ambjent. Għandha tiddeskrivi l-kompetenzi tal-awtoritajiet pubbliċi fid-dispożizzjonijiet tal-liġi; jidentifikaw entitajiet ewlenin u li jikkooperaw fi kwistjonijiet relatati mad-depożitu ta' materjali perikolużi fiż-żoni marittimi; tiżviluppa pjan ta' azzjoni dettaljat tal-amministrazzjoni pubblika u unitajiet sorveljati u subordinati dwar is-suġġett ta' materjali perikolużi ddepożitati f'żoni tal-baħar, flimkien ma' indikazzjoni tal-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kompiti individwali; u l-introduzzjoni ta' bidliet legali li jippermettu l-monitoraġġ, l-identifikazzjoni u l-estrazzjoni u r-rimi possibbli ta' materjali perikolużi.

Il-leġiżlazzjoni li tippromulga dawn il-bidliet għandha tidħol fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2025.

B3.2.1 Investimenti fin-newtralizzazzjoni tar-riskju u r-restawr ta' siti abbandunati fuq skala kbira u l-Baħar Baltiku

L-oġġettiv tal-investment huwa li jneħħi t-theddida għas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem maħluqa minn siti abbandunati fuq skala kbira, li jimminimizza l-impatt negattiv tagħhom fuq l-ambjent naturali u li jirkuprahom għall-użu mill-ġdid filwaqt li jirrispetta l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u d-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali. L-investment għandu wkoll l-għan li jikkontribwixxi biex jiġi indirizzat ir-riskju li jirriżulta mit-tniġġis u mill-materjali perikolużi fiż-żoni tal-baħar Pollakki.

L-investment għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' riċerka u studji li jwasslu għat-tħejjija ta' dokumentazzjoni sħiħa ta' investment għal postijiet predefiniti li għalihom jeżistu problemi sinifikanti bil-preżenza ta' sustanzi niġġiesa jew sustanzi perikolużi f'żona fuq skala kbira. Dan għandu jinvolvi l-iżvilupp ta' riċerka fuq il-post, studji u inventarju tal-art, bħala pass preliminari iżda fundamentali li jwassal għat-tħejjija ta' dokumentazzjoni sħiħa tal-investment fil-passi li jmiss tal-programm.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investment għandu jappoġġa wkoll kampanji ta' rikonzjizzjoni u kejl fil-Baħar Baltiku kif ukoll analiżi tad-data miksuba bħala pass meħtieġ li jwassal għat-tħejjija ta' dokumentazzjoni kompluta għall-pjanijiet ta' newtralizzazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

B3.3 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali

L-objettiv tar-riforma huwa li jitlejbu l-kundizzjonijiet għall-investiment fiż-żoni rurali fil-ġestjoni tal-ilma u l-effiċjenza fir-riżorsi. Ir-riforma għandha tikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-agrikoltura għall-prevenzjoni tan-nixfa u tal-għargħar fiż-żoni agrikoli; it-titjib tal-effiċjenza tal-ilma permezz tar-regolazzjoni xierqa tar-relazzjonijiet tal-ilma fiż-żoni agrikoli u t-tnaqqis tal-iskol; u ż-żieda fiż-żamma tal-ilma.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'emendi għal-leġislazzjoni nazzjonali meħtieġa biex jitlejbu l-kundizzjonijiet għal ġestjoni reżiljenti tal-ilma fl-agrikoltura fiż-żoni rurali. L-emendi għandhom jiffaċilitaw it-tnejja u l-implimentazzjoni ta' investimenti rigward iż-żamma tal-ilma u l-waqfien tal-iskular tiegħu minn artijiet agrikoli, inklużi b'mod partikolari investimenti relatati mar-rikostruzzjoni u l-bini mill-ġdid ta' apparati tad-drenaġġ sabiex jissodisfaw il-funzjoni taż-żamma u b'hekk jipproteġu l-art agrikola kontra n-nixfa u jillimitaw ir-riskju ta' għargħar.

Ir-riforma għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01), b'mod partikolari, għandha tiżgura l-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE, inkluża d-Direttiva VIA (2011/92/UE) u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE).

L-emendi ma għandhomx iwasslu għal xi deterjorament tal-livell ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' investimenti li jitqiesu bħala investimenti sinifikanti jew potenzjalment sinifikanti skont ir-regolament tal-Kunsill tal-Ministri dwar proġetti li x'aktarx ikollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent u investimenti fiż-żoni tan-Natura 2000 jew li jaffettwawhom. Barra minn hekk, il-bidliet ma għandhomx ibiddlu r-regoli attwalment vinkolanti dwar il-konsum tal-ilma.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

B3.3.1 Investimenti biex jiżdied il-potenzjal tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fiż-żoni rurali

L-objettiv tal-investiment huwa li jappoġġa l-investimenti fiż-żoni rurali fit-titjib tal-ġestjoni tal-ilma u l-effiċjenza fir-riżorsi.

L-investiment għandu jikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-agrikoltura għall-prevenzjoni tan-nixfa u tal-għargħar f'żoni agrikoli; it-titjib tal-effiċjenza tal-ilma permezz tar-regolazzjoni xierqa tar-relazzjonijiet tal-ilma fiż-żoni agrikoli u t-tnaqqis tal-iskol; u ż-żieda fiż-żamma tal-ilma, dment li l-ħtieġa u n-natura tagħhom ikunu ġġustifikati kif xieraq. Għandha tingħata prijorità lil soluzzjonijiet reżiljenti għat-tibdil fil-klima u bbażati fuq in-natura. Il-proġetti taħt din il-miżura għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali (VIA) u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (C (2023) 6454 final). Għandha tiġi żgurata l-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE, inklużi d-Direttiva VIA (2011/92/UE) u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE). Il-proġetti kollha ta' investiment iffinanzjati taħt dan il-komponent li jeħtieġu deċiżjoni EIA għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2011/92/UE kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE. B'mod speċifiku, il-proġetti ġodda kollha li jeħtieġu VIA għandhom jiġu awtorizzati skont l-Att dwar l-ġħoti ta' informazzjoni dwar l-ambjent u l-protezzjoni tiegħu, il-parteċipazzjoni pubblika fil-protezzjoni ambjentali u l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, kif emendat mill-Att tat-30 ta' Marzu 2021 li jemenda dak l-Att u ċerti atti oħra. Id-dispożizzjonijiet tal- "Linji Gwida dwar azzjonijiet ta' rimedju għal proġetti kofinanzjati mill-Fondi tal-UE affettwati mill-ksur 2016/2046", kif ikkomunikati lill-Polonja fit-23 ta' Frar 2021 (ref. Ares (2021) 1423319), għandhom jitqiesu għall-implimentazzjoni tal-proġetti kollha ta' investiment li għalihom intalab jew inħareġ deċiżjoni ambjentali jew permess ta' kostruzzjoni jew żvilupp qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tat-30 ta' Marzu 2021. Għandhom jiġu appoġġati biss proġetti li ma jwasslux għal deterjorament tal-istatus tal-ilmijiet tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art u li ma jipprevjenux it-titjib tal-istatus ekoloġiku jew tal-potenzjal tal-korpi tal-ilma affettwati.

Kwalunkwe investiment li jkollu effetti negattivi fuq in-natura għandu jiġi eskluż mill-appoġġ. Meta l-ilma jiġi estratt, irid jingħata permess rilevanti mill-awtorità rilevanti, li jiżgura li l-korpi tal-ilma affettwati jkunu fi stat ekoloġiku tajjeb u li jispeċifika l-kundizzjonijiet biex jiġi evitat id-deterjorament tiegħu, f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Gwida teknika dwar id-DNSH u evidenzjat mill-aħħar data ta' appoġġ rilevanti. L-astrazzjoni tal-ilma għandha tiġi evitata meta l-korpi tal-ilma kkonċernati (l-ilmijiet tal-wieċ jew ta' taħt l-art) ikunu, jew ipproġettati (fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima) li jkunu fi stat jew potenzjal inqas minn tajjeb. Il-miżuri għandhom jikkonformaw ukoll mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Ġhasafar) u d-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Habitats).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

B3.4 Qafas ta' abilitazzjoni għall-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika fiż-żoni urbani

L-oġettiv tar-riforma għandu jkun li tappoġġa l-kapaċità tal-bliet fil-prijoritizzazzjoni, l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-finanzjament ta' proġetti ta' investiment immirati lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Ir-riforma u l-investimenti assoċjati b'mod partikolari għandhom l-għan li jżidu s-sehem taż-żoni ekoloġiċi fil-bliet.

Sett ta' bidliet leġislattivi għandu jiżgura li l-aspetti ta' sostenibbiltà jiġu integrati fil-proċeduri tal-ippjanar urban u li l-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati bħala parti minn daww il-proċeduri. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali jirċievu appoġġ tal-kapaċità xieraq biex jiprijoritizzaw, jippjanaw u jeżegwixxu proġetti ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima. Dawn l-elementi regolatorji u tal-bini tal-kapaċità għandhom jiġu kkomplementati bl-istabbiliment ta' strument iddedikat immirat biex jipprovdi finanzjament għall-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika f'żoni urbani.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-proġetti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream³³; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti³⁴; (III) attivitajiet relatati ma' miżblat tal-iskart, incineraturi³⁵ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku³⁶; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi

³³ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

³⁴ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji għal allokkazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tal-UE, kif ippreżentat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

³⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

³⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-Fond għal Tranżizzjoni Urbana Ekoloġika għandu jiġi stabbilit sat-30 ta' Ġunju 2022.

B3.4.1 Investimenti fi trasformazzjoni ekoloġika tal-bliet

L-oġettiv tal-investiment huwa li jittaffa l-impatt tal-bliet fuq it-tibdil fil-klima u s-saħħa tal-abitanti tagħhom billi jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u emissjonijiet oħra ta' sustanzi niġġiesa, kif ukoll li tiżdied ir-reżiljenza enerġetika tal-bliet u jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku. L-oġettiv huwa wkoll li l-bliet jiġu adattati għall-kundizzjonijiet estremi tat-temp li qed jiżdiedu assoċjati mat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, il-mewġiet ta' sħana u l-għargħar.

Għandhom isiru investimenti li għandhom l-għan li jżidu l-użu tal-enerġija rinnovabbli bħala sors ta' enerġija fil-belt, iżidu l-effiċjenza enerġetika inkluż ir-rinnovazzjoni tal-bini, jiżviluppaw infrastruttura tat-trasport b'emissjonijiet żero (pedonali, ċikliżmu) integrata mat-trasport kollettiv, itejbu l-edukazzjoni, u jqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar il-ħtieġa li l-bliet jiġu ttrasformati lejn in-newtralità klimatika fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-miżura tipprevedi wkoll investimenti fi proġetti li għandhom l-għan li jżidu s-superfiċji bijoloġikament attivi f'żoni urbani u funzjonali u jnaqqsu l-issiġillar tal-ħamrija u l-investimenti urbani bbażati fuq in-natura b'soluzzjonijiet ta' veġetazzjoni assoċjati.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (C (2023) 6454 final), il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-proġetti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream³⁷; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti³⁸; (III) attivitajiet relatati ma' miżblit tal-iskart, incineraturi³⁹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁴⁰; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-azzjoni għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

B3.5 Riforma tal-kostruzzjoni tad-djar għal persuni bi dħul baxx u medju, b'kont meħud tal-effiċjenza enerġetika ogħla tal-bini

³⁷ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni relatata, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" C (2023) 6454 final

³⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet proġettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji għal allokkazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tal-UE, kif ippreżentat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

³⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁴⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskarta u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskarta, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

L-objettiv tar-riforma għandu jkun li tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni effiċjenti fl-enerġija għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju.

Dak l-objettiv għandu jinkiseb billi tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament pubbliku għall-bini li jissodisfa l-istandards tal-effiċjenza enerġetika 20 % aktar ambizzjuż mill-istandard minimu tal-effiċjenza enerġetika fis-seħħ fil-Polonja (l-istandard tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero, NZEB).

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

B3.5.1 Investiment f'akkomodazzjoni effiċjenti fl-enerġija għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju

L-objettiv tal-investiment għandu jkun li jżid il-provvista ta' akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju.

L-investimenti għandhom jappoġġaw il-ħolqien ta' abitazzjonijiet li jiffurmaw parti mill-istokk ta' akkomodazzjoni muniċipali, abitazzjonijiet protetti, faċilitajiet ta' akkomodazzjoni, postijiet ta' kenn għall-persuni mingħajr dar, tisħin u akkomodazzjoni temporanja, u l-parteċipazzjoni tal-muniċipalità jew ta' assoċjazzjoni intermuniċipali fi proġett ta' investitur ieħor, li jikkonsisti fil-ħolqien ta' abitazzjonijiet għall-kiri għal persuni b'introjtu baxx li ma jistgħux jaffordjaw akkomodazzjoni fis-suq privat.

Għandhom isiru investimenti biex jinbena bini residenzjali b'aktar minn appartament baxx b'emissjonijiet baxxi bl-użu ta' installazzjonijiet RES (inklużi b'mod partikolari pannelli fotovoltajċi, kolletturi solari) u soluzzjonijiet "ekoloġiċi" oħra li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini. Il-konsum tal-enerġija tal-bini appoġġat għandu jkun 20 % inqas mill-istandard minimu tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero) għal bini ġdid.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B3.6 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb l-ambjent regolatorju għall-enerġija distribwita u tal-prosumaturi, tiżviluppa l-katina tal-provvista għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, timplimenta sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, iżżid il-kapaċità installata tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u żżid is-sehem tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'emendi għall-Att dwar l-Enerġija Rinnovabbli ("l-Att dwar ir-RES") b'hall-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet aħjar għall-operat ta' raggruppamenti tal-enerġija, l-implimentazzjoni ta' mudelli kollettivi ta' prosumaturi tal-enerġija, l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar komunitajiet ġodda tal-enerġija rinnovabbli, l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet li jispeċifikaw il-prinċipji tal-operazzjonijiet għal wieħed mill-mudelli tal-komunità tal-enerġija rinnovabbli u l-adozzjoni tal-prinċipji tat-tmexxija ta' negozju għas-settur tal-bijometan.

L-implimentazzjoni tal-azzjoni għandha titlesta sat-30 ta' Marzu 2023.

Ir-riforma għandha temenda wkoll l-Att dwar l-investimenti fl-enerġija eolika fuq l-art biex tiffaċilita l-possibbiltà ta' investimenti fl-enerġija eolika fuq l-art fil-muniċipalitajiet li jixtiequ jillocalizzaw tali installazzjonijiet billi tagħti lill-awtoritajiet muniċipali aktar setgħa biex jiddeterminaw il-post tal-investimenti individwali u biex jippermettu li l-impjant ikun jinsab eqreb lejn il-bini residenzjali mid-distanza minima attwali ta' 10 darbiet l-għoli tal-installazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-azzjoni għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Ir-riforma ta' hawn fuq għandha tkun akkumpanjata mid-dħul fis-seħħ ta' regolament li jipprovdi pjan ta' rkanti tal-enerġija rinnovabbli għal kull teknoloġija (inkluż għal parks eoliċi ġodda fuq l-art). Il-pjan għandu jistabbilixxi baġit u volum ta' elettriku li għandhom ikunu disponibbli għal kull irkant

kompetittiv għall-perjodu 2022–2027. Ir-Regolament għandu jiġi ppubblikat sat-30 ta' Settembru 2022.

Barra minn hekk, il-Polonja għandha żżid progressivament il-kapaċità installata tal-parks eoliċi fuq l-art u tal-installazzjonijiet fotovoltajċi biex tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kapaċità eolika u fotovoltajka installata fuq l-art għandha tilħaq 23.5 GW sat-30 ta' Settembru 2023.

Fir-rigward tal-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, ir-riforma għandha tintroduċi regoli dettaljati għall-ħlas tat-tariffa ta' konċessjoni lill-President tal-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija estiżi għall-entitajiet involuti fil-ġenerazzjoni tal-elettriku f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta.

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Barra minn hekk, ir-riforma għandha tirregola wkoll it-tipi ta' flussi ta' flus li għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-prezz aġġustat u l-metodu dettaljat għall-kalkolu tal-prezz aġġustat.

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

B.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
B1L	B1.2 L-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għall-kumpaniji tal-enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tar-regolament ta' implimentazzjoni għall-Att dwar l-Effiċjenza Enerġetika	Dispożizzjoni fir-regolament ta' implimentazzjoni għall-Att dwar l-Effiċjenza Enerġetika li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament ta' implimentazzjoni għall-Att dwar l-Effiċjenza Enerġetika li għandu jstabbilixxi valur ta' referenza għall-iffrankar tal-enerġija għal proġetti li jteju l-effiċjenza enerġetika; u tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għal proġetti fis-settur tat-trasport.
B2L	B1.2.1 Effiċjenza enerġetika u sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-kumpaniji — investimenti bl-ogħla potenzjal ta' tnaqqis tal-gassijiet serra	Stadju importanti	Struzzjonijiet ta' finanzjament (inklużi l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla) għall-iskema ta' appoġġ immirata lejn l-effiċjenza enerġetika u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-kumpaniji, inklużi daww koperti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet	Pubblikazzjoni tal-iskema ta' appoġġ				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Il-politika ta' investiment tal-iskema għandha tinkludi mill-inqas il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla tal-proġetti li ġejjin: (I) l-oġġettiv tal-orħos prezz għal kull tunnellata ta' gass serra ffrankat; (II) l-iżgurar tal-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u l-konformità mal-liġijiet ambjentali tal-UE u nazzjonali u (iii) l-ispeċifikazzjoni tal-miri tad-dekarbonizzazzjoni.
B3L	B1.2.1 Effiċjenza enerġetika u sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-kumpaniji — investimenti bl-ogħla potenzjal ta' tnaqqis tal-gassijiet serra	Tal-UE	L-għoti tal-kuntratti kollha għall-implimentazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u s-SER fl-intrapriżi		Għadd	0	13	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	L-għadd ta' kuntratti mogħtija lil proġetti ta' investiment relatati mat-titjib tal-proċessi industrijali u tal-enerġija biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u titnaqqas l-intensità enerġetika, li jwassal għat-tnaqqis u r-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-enerġija b'investimenti f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-intrapriżi. L-iskema għandha tintuża f'konformità mal-istruzzjonijiet ta' finanzjament tagħha, kif deskritt taħt B2L. L-iskema għandha tiġi implimentata permezz ta' proċess mhux

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull oġettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										diskriminatorju, trasparenti u miftuħ, miftuħ għas-setturi industrijali kollha.
B4L	B2.3 Appoġġ għall-investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tar-regolamenti ta' implimentazzjoni li jsegwu mill-Att dwar il-promozzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Dispożizzjonijiet fir-regolamenti li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Għandhom jidħlu fis-seħħ żewġ regolamenti ta' implimentazzjoni: 1. Ir-Regolament tal-Ministru għall-Klima u l-Ambjent dwar ir-rekwiżiti għall-elementi ta' sett ta' tagħmir għall-evakwazzjoni tal-enerġija u għall-elementi tas-substazzjonijiet lil hinn mill-kosta — Barra minn hekk, ir-regolament għandu jiggarrantixxi l-kwalità xierqa tal-infrastruttura fil-kuntest tal-integrazzjoni potenzjali tagħha mal-grilja tal-enerġija f'każ ta' trasferiment tal-iżbokki tal-enerġija mill-parks eoliċi lil hinn mill-kosta, kif stipulat fl-Artikolu 82–83 tal-Att dwar l-Enerġija mir-Riħ lil hinn mill-kosta. 2. Ir-Regolament tal-Ministru għall-Klima u l-Ambjent dwar il-prezz massimu f'PLN għal kull 1 MWh, li jista' jiġi indikat fl-offerti sottomessi f'irkant minn ġeneraturi.
B5L	B2.3 Appoġġ għall-investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Organizzazzjoni ta' rkantijiet għall-elettriku minn parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Pubblikazzjoni tar-riżultati tal-irkant				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-att tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar il-promozzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fil-parks eoliċi lil hinn mill-kosta (II-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2021, il-punt 234) permezz tal-Artikolu 29 introduċa l-obbligu għall-President tal-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija li jorganizza rkant fl-2025. Il-kapaċità elettrika totali massima installata tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta li għalihom jista' jingħata d-dritt li jiġi kopert il-bilanċ negattiv permezz tal-irkant fl-2025 hija ta' 2.5 GW.
B6L	B2.3 Appoġġ għall-investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emenda tar-Regolament dwar il-kundizzjonijiet dettaljati għat-tħaddim tas-sistema tal-enerġija li	Dispożizzjoni fl-emenda tar-regolament li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Bħala parti mir-riforma tas-suq tal-enerġija, ir-regoli tas-suq tal-ibbilanċjar għandhom jiġu emendati biex jinkludu l-akkwist espliċitu ta' riżervi qabel l-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem (SDAC). Din is-soluzzjoni ġiet proposta mill-ACER fil-Metodoloġija tas-CCM tal-CORE (id-Deċiżjoni tal-ACER 02/2019) bħala waħda mis-soluzzjonijiet

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			għandha temenda r-regoli nazzjonali dwar l-ibbilanċjar sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni							possibbli biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni. Sabiex tiġi implimentata din ir-riforma, il-ministru responsabbli għall-enerġija għandu jemenda r-Regolament tal-Ministru tal-Ekonomija tal-4 ta' Mejju 2007 dwar il-kundizzjonijiet dettaljati għat-tħaddim tas-sistema tal-enerġija.
B6aL	B2.3 Appoġġ għall-investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Studju dwar miżuri biex jiġu limitati r-restrizzjonijiet ta' allokazzjoni fis-sistema tal-elettriku Pollakka.	Tlestija u pubblikazzjoni fuq is-sit web tar-regolatur tal-enerġija ta' studju dwar miżuri biex jiġu limitati r-restrizzjonijiet ta' allokazzjoni fis-sistema tal-elettriku Pollakka				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Fuq is-sit web tiegħu, ir-regolatur tal-enerġija għandu jwettaq u jippubblika studju dwar miżuri biex jiġu limitati r-restrizzjonijiet ta' allokazzjoni fis-sistema tal-elettriku Pollakka. L-istudju għandu jinkludi valutazzjoni tal-użu tar-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni mill-adozzjoni tar-riforma fil-B6L, ir-raġunament għall-użu tagħhom, l-effettività tal-miżuri eżistenti biex jiġu limitati r-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni u għandu jirrakkomanda miżuri addizzjonali biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-użu tar-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni fis-sistema tal-elettriku Pollakka.
B10L	B2.4 Qafas legali għall-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi tal-Att dwar il-liġi dwar l-enerġija fir-rigward tal-ħżin tal-enerġija	Dispożizzjoni fl-emendi tal-Att dwar il-liġi dwar l-enerġija li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2021	L-emendi għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-ħżin tal-elettriku inkluż, b'mod partikolari, eżenzjoni mill-obbligu tariffarju, l-ebda imposta doppja tan-network, eżenzjoni parzjali mit-tariffi għall-konnessjoni tal-ħżin mal-grilja, eżenzjoni mill-obbligi li jiġu ppreżentati ċertifikati tal-oriġini u minn ċerti tariffi fir-rigward tal-elettriku maħżun. Il-qafas propost tat-tariffi għall-ħżin għandu jkun nondiskriminatorju u jirrifletti l-ispejjeż.
B14L	B3.2 Appoġġ għar-restawr ambjentali u l-protezzjoni kontra sustanzi perikolużi	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tiffaċilita l-eliminazzjoni komprensiva tal-impatt ambjentali negattiv ta' żoni postindustrijali fuq	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Dħul fis-seħħ ta' liġi mmirata biex iżżid is-sigurtà għas-saħħa tal-bniedem u l-kundizzjoni tal-ambjent. Il-liġi għandha tneħħi l-ostakli organizzattivi u legali li jseħħu għall-eliminazzjoni komprensiva tal-impatt ambjentali negattiv ta' żoni postindustrijali fuq skala kbira. Hija forma ta' pilotaġġ għal postijiet definiti minn qabel.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			skala kbira.							Il-liġi għandha tipprovdi regoli għal erba' komponenti indipendenti tal-qasam (postijiet differenti u kampijiet ta' applikazzjoni tax-xogħlijiet): 1) dak li qabel kien l-Impjant Kimiku "Tarnowskie Góry" f'Tarnowskie Góry; 2) dak li qabel kien l-Impjant Kimiku taż- "Zachem" f'Bydgoszcz; 3) impjant "Organika-Azot" f'Jaworzno; 4) dak li qabel kien l-Impjant tal-Industrija "Boruta" Dyes f'Zgierz. L-ambitu tal-proġett jinkludi r-rikonjizzjoni u l-inventarju taż-żoni, it-tnejn u l-valutazzjoni tal-iskala tal-problemi relatati mat-tnaqqis tal-impatt ambjentali ta' siti abbandunati kbar u l-iżvilupp ta' dokumentazzjoni komprensiva ta' investiment għal dawn iż-żoni.
B15L	B3.2 Appoġġ għar-restawr ambjentali u l-protezzjoni kontra sustanzi perikolużi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali ddedikat għal materjali perikolużi li jibqgħu fil-Baħar Baltiku	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Dħul fis-seħħ ta' att legali mmirat biex iżid is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem u l-kundizzjoni tal-ambjent, li għandu jipprovdi: — deskrizzjoni preċiża tal-kompetenzi tal-awtoritajiet pubbliċi fid-dispożizzjonijiet tal-liġi; — l-identifikazzjoni ta' entitajiet ewlenin u li jikkooperaw fi kwistjonijiet relatati mar-rimi ta' materjali perikolużi fiż-żoni marittimi tar-Repubblika tal-Polonja; — l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni dettaljat ta' amministrazzjoni pubblika u unitajiet taħt superviżjoni u subordinati dwar is-suġġett ta' materjali perikolużi ddepożitati f'żoni tal-baħar, flimkien ma' indikazzjoni tal-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kompiti individwali; — l-introduzzjoni ta' bidliet legali li jippermettu l-monitoraġġ, l-identifikazzjoni u l-estrazzjoni u r-rimi possibbli ta' materjali perikolużi b'mod koordinat u ppjanat.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
B16L	B3.2.1 Investimenti fin-newtralizzazzjoni tar-riskju u r-restawr ta' siti abbandunati fuq skala kbira u l-Baħar Baltiku	Tal-UE	Settijiet ta' dokumentazzjoni mħejjija għal investimenti relatati mal-impatt ambjentali negattiv ta' siti abbandunati u materjali perikolużi magħżula fuq skala kbira mitfugħa fil-qiegħ tal-Baħar Baltiku		Għadd	0	9	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Id-dokumentazzjoni sħiħa tal-investiment tistabbilixxi għal disa' postijiet predefiniti — fuq l-art u fil-baħar bħala parti differenti tal-programm — li għalihom jeżistu problemi sinifikanti bil-preżenza ta' sustanzi niġġiesa jew ta' sustanzi perikolużi f'żona fuq skala kbira.
B17L	B3.2.1 Investimenti fin-newtralizzazzjoni tar-riskju u r-restawr ta' siti abbandunati fuq skala kbira u l-Baħar Baltiku	Tal-UE	Żoni tal-art li għalihom twettqet riċerka fuq il-post relatata mal-preżenza ta' sustanzi niġġiesa u materjali perikolużi		Għadd	0	5	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-iżvilupp ta' riċerka fuq il-post, studji, u inventarju tal-art, bħala pass preliminari iżda fundamentali li jwassal għat-tħejjija ta' dokumentazzjoni sħiħa tal-investiment fil-passi li jmiss tal-programm.
B18L	B3.2.1 Investimenti fin-newtralizzazzjoni tar-riskju u r-restawr ta' siti abbandunati fuq skala kbira u l-Baħar Baltiku	Tal-UE	Postijiet f'żoni tal-baħar Pollakki (inklużi fdalijiet) b'inventarju mwettaq u riċerka fuq il-post relatata mal-preżenza ta' materjali perikolużi		Għadd	0	4	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Kampanji dettaljati ta' rikonjizzjoni u kejl fil-baħar kif ukoll analiżi tad-data miksuba bħala pass meħtieġ li jwassal għat-tħejjija ta' dokumentazzjoni kompluta għall-pjanijiet ta' newtralizzazzjoni.
B21L	B3.3 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għal-leġislazzjoni nazzjonali meħtieġa biex jittejjbu l-kundizzjonijiet għal ġestjoni reżiljenti tal-ilma fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali	Dispożizzjoni fl-emendi li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi li għandhom jikkontribwixxu biex tiżdied ir-reżiljenza tal-agrikoltura għall-prevenzjoni tan-nixfa u tal-għargħar f'żoni agrikoli; it-titjib tal-effiċjenza tal-ilma permezz tar-regolazzjoni xierqa tar-relazzjonijiet tal-ilma fiż-żoni agrikoli u t-tnaqqis tal-iskol; u ż-żieda fiż-żamma tal-ilma. L-emendi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti"

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										(2021/C 58/01), b'mod partikolari, għandhom jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, inklużi d-Direttiva VIA u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-emendi ma għandhomx iwasslu għal xi deterjorament tal-livell ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE fir-rigward ta' investimenti li jitqiesu bħala investimenti sinifikanti jew potenzjalment sinifikanti skont ir-regolament tal-Kunsill tal-Ministri dwar proġetti li x'aktarx ikollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent u l-investimenti fiż-żoni tan-Natura 2000 jew li jaffettwawhom. Barra minn hekk, l-emendi ma għandhomx ibiddlu r-regoli attwalment vinkolanti dwar il-konsum tal-ilma.
B22L	B3.3.1 Investimenti biex jizzied il-potenzjal tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fiż-żoni rurali	Stadju importanti	Adozzjoni tal-kriterji tal-għażla għas-sejħa għall-proposti	Adozzjoni tal-kriterji mill-Ministeru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	L-investimenti għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet apposta, abbażi ta' kriterji ambjentali. Il-proġett għandu jikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-agrikoltura għall-prevenzjoni tan-nixfa u tal-għargħar f'żoni agrikoli; it-titjib tal-effiċjenza tal-ilma permezz tar-regolazzjoni xierqa tar-relazzjonijiet tal-ilma fiż-żoni agrikoli u t-tnaqqis tal-iskol; u ż-żieda fiż-żamma tal-ilma, dment li l-ħtieġa u n-natura tagħhom ikunu ġġustifikati kif xieraq. Għandha tingħata prijorità lil soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jew soluzzjonijiet oħra reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Għandhom jiġu appoġġati biss proġetti li ma jwasslux għal deterjorament tal-istatus tal-ilmijiet tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art u li ma jipprevjenux it-titjib tal-istatus ekoloġiku jew tal-potenzjal tal-korpi tal-ilma affettwati.
B23L	B3.3.1 Investimenti biex jizzied il-potenzjal tal-ġestjoni sostenibbli	Tal-UE	Erja ta' art agrikola/foresta (f'ettari) li tibbenefika minn żamma mtejbja tal-ilma		Għadd	0	858 568	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Mill-inqas 858ettaru ta' art agrikola jew foresta li jibbenefikaw b'mod ċar minn żamma mtejbja tal-ilma, permezz ta' interventi li jejbju r-reżiljenza fit-tul tas-settur agrikolu għall-impatti tat-tibdil fil-

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-ilma fiż-żoni rurali									klima, jiġifieri n-nixfa u l-għargħar, u l-appoġġ għall-bijodiversità. L-investiment għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01). Il-proġetti għodda kollha li jeħtieġu VIA għandhom jiġu awtorizzati skont l-Att dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ambjent u l-protezzjoni tiegħu, il-parteċipazzjoni pubblika fil-protezzjoni ambjentali u l-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, kif emendat mill-Att tat-30 ta' Marzu 2021 li jemenda dak l-Att u ċerti atti oħra. Id-dispożizzjonijiet tal- "Linji Gwida dwar azzjonijiet ta' rimedju għal proġetti kofinanzjati mill-Fondi tal-UE affettwati mill-ksur 2016/2046", kif ikkomunikati lill-Polonja fit-23 ta' Frar 2021 (ref. Ares (2021) 1423319), għandhom jitqiesu għall-implimentazzjoni tal-proġetti kollha ta' investiment li għalihom intalab jew inħareġ deċiżjoni ambjentali jew permess ta' kostruzzjoni jew żvilupp qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tat-30 ta' Marzu 2021. Għandhom jiġu appoġġati biss proġetti li ma jwasslux għal deterjorament tal-istatus tal-ilmijiet tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art u li ma jipprevjenux it-titjib tal-istatus ekoloġiku jew tal-potenzjal tal-korpi tal-ilma affettwati. Meta l-ilma jiġi estratt, irid jingħata permess rilevanti mill-awtorità rilevanti, li jispeċifika l-kundizzjonijiet biex jiġi evitat id-deterjorament u jiġi żgurat li l-korpi tal-ilma affettwati jkunu fi stat ekoloġiku tajjeb, f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE u evidenzjati mill-aħħar data ta' appoġġ rilevanti. L-astrazzjoni tal-ilma għandha tiġi evitata meta l-korpi tal-ilma kkonċernati (l-

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										ilmijiet tal-wiċċ jew ta' taħt l-art) ikunu, jew ipproġettati (fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima) li jkunu fi stat jew potenzjal inqas minn tajjeb.
B24L	B3.4 Qafas ta' abilitazzjoni għall-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika fiż-żoni urbani	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li għandu jkollha l-għan li tappoġġa l-kapaċità taż-żoni urbani fl-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li għandu jkollha l-għan li tappoġġa l-kapaċità taż-żoni urbani fl-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika. Hija għandha tiżgura li l-aspetti ta' sostenibbiltà jiġu integrati fil-proċeduri tal-ippjanar urban. Hija għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati bħala parti minn dawk il-proċeduri. Huwa għandu jipprovdi appoġġ ta' kapaċità lill-gvernijiet lokali biex jimplimentaw tali proġetti. Il-liġi tista' tipprevedi perjodu tranżitorju raġonevoli għall-applikazzjoni effettiva ta' ċerti obbligi ta' adattament urban.
B25L	B3.4 Qafas ta' abilitazzjoni għall-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika fiż-żoni urbani	Stadju importanti	Strument għat-Trasformazzjoni Urbana Ekoloġika	L-istabbiliment tal-Istrument għat-Trasformazzjoni Urbana Ekoloġika u l-adozzjoni tar-regoli u l-proċeduri dettaljati tiegħu f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	L-istabbiliment tal-Istrument għal Tranżizzjoni Urbana Ekoloġika biex jappoġġja (a) it-trasformazzjoni ekoloġika tal-bliet; u (b) investimenti fid-diġitalizzazzjoni ekoloġika tal-bliet, bi proċeduri adottati. L-istrument għal Tranżizzjoni Urbana Ekoloġika għandu jkun konformi mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C 58/01). Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-proġetti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti; (III) attivitajiet relatati ma' miżblat tal-iskart, inċineraturi u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista'

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-istrument għat-Trasformazzjoni Urbana Ekoloġika għandu jiżgura li kwalunkwe rimborżi (jiġifieri mgħax fuq is-self, ir-redditu fuq l-ekwità, jew il-kapital imħallas lura, nieqes il-kostijiet assoċjati) marbuta ma' dan l-istrument għandhom jintużaw għall-istess għanijiet ta' politika, inkluż lil hinn mill-2026, jew biex jitħallas lura s-self mill-RRF.
B26L	B3.4.1 Investimenti fi trasformazzjoni ekoloġika tal-bliet	Tal-UE	T1 — Firma tal-kuntratti ta' self għal investimenti fi proġetti ta' żvilupp urban ekoloġiku		Għadd	0	201	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' kuntratti ffirmati mar-ricevitori. L-appoġġ għandu jingħata permezz tal-Istrument għal Tranżizzjoni Urbana Ekoloġika u jkun konformi mal-proċeduri adottati. L-entitajiet benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet trasparenti u kompetittivi miftuħa għal proġetti li jikkonċernaw il-bliet kollha. Il-kriterji għall-għażla tal-entitajiet benefiċjarji għandhom b'mod partikolari jirriflettu l-ħtiġijiet għall-mitigazzjoni tal-impatt tal-bliet fuq it-tibdil fil-klima u s-saħħa tal-abitanti tagħhom billi jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ta' sustanzi niġġiesa oħra. L-indikaturi tar-riżultati għandhom jiġu definiti skont l-ispeċifità tal-proġetti appoġġati. It-tipi ta' proġetti eliġibbli għandhom jinkludu: (I) iż-żieda ta' uċuħ bijoloġikament attivi f'żoni urbani u funzjonali u t-naqqis tal-issigħall tal-ħamrija; (II) investimenti urbani bbażati fuq in-natura (NBS) b'soluzzjonijiet

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-flestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										ta' veġetazzjoni assoċjati; (III) sistemi ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma tax-xita li jinvolvu infrastruttura ekoloġika u blu u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura; (IV) it-titjib tal-kwalità tal-arja fil-bliet, inkluż l-iżvilupp tal-enerġija distribwita u ċivika; (V) l-istabbiliment ta' Żoni b'Emissjonijiet Baxxi, mobbiltà urbana multimodali sostenibbli, pjanijiet ta' mobbiltà effettivi, żoni ekoloġiċi f'żoni urbani; (VI) l-iżvilupp ta' raggruppamenti tal-enerġija u kooperattivi (vii) li jżidu l-użu tas-SER bħala sors ta' enerġija fil-belt; (VIII) l-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport b'emissjonijiet żero (pedonali, ċikliżmu) integrata mat-trasport kollettiv; (IX) l-użu ta' teknoloġiji tat-tidwil effiċjenti fl-użu tal-enerġija għat-toroq u l-ispazji pubbliċi; (X) l-educazzjoni u s-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar il-ħtieġa li l-bliet jiġu ttrasformati lejn in-newtralità klimatika fl-adattament għat-tidbil fil-klima u (xi) ir-rivitalizzazzjoni tal-bini u tal-ispazji urbani. Il-kost ta' (x) ma għandux jaqbeż il10 % tal-kost tal-investiment B3.4.1. Għandha tingħata prijorità lil bliet fejn tali tipi ta' proġetti ġew introdotti jew huma ppjanati li jiġu introdotti. L-allokazzjoni tal-proġetti lill-entitajiet benefiċjarji għandha tiżgura distribuzzjoni bbilanċjata bejn l-entitajiet fil-pajjiż kollu filwaqt li titqies il-popolazzjoni u l-kopertura ġeografika. L-ispiża tal-ħlas lura tas-self m'għandhiex teħtieġ kontribuzzjonijiet mill-gvernijiet lokali. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal proġetti ta' investiment li jiġġeneraw dħul rilevanti jew iffrankar tal-kostijiet.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
B27L	B3.4.1 Investimenti fi trasformazzjoni ekoloġika tal-bliet	Tal-UE	T2 — Firma tal-kuntratti ta' self għal investimenti fi proġetti ta' żvilupp urban ekoloġiku		Għadd	0	438	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Abbażi ta' allokazzjoni baġitarja riveduta, l-għadd ta' kuntratti addizzjonali ffirmati mar-riċevituri għall-investimenti li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti għall-partita B26L.
B27aL	B3.4.1 Investimenti fi trasformazzjoni ekoloġika tal-bliet	Tal-UE	T3 — Proġetti kompluti li jappoġġaw investimenti fi proġetti ta' żvilupp urban ekoloġiku		Għadd	0	390	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	L-għadd ta' proġetti kkompletati mir-riċevituri tal-appoġġ mill-Istrument għal Tranżizzjoni Urbana Ekoloġika wara l-alkokazzjoni baġitarja riveduta.
B28L	B3.5 Riforma tal-kostruzzjoni tad-djar għal persuni bi dħul baxx u medju, filwaqt li titqies l-effiċjenza enerġetika ogħla tal-bini	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att tat-8 ta' Diċembru 2006 dwar l-appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' bini residenzjali għall-kiri, akkomodazzjoni protetta, postijiet ta' kenn għal billejl, postijiet ta' kenn għall-persuni mingħajr dar, impjanti tat-tisħin u bini temporanju, u bidliet li jirriżultaw f'atti oħra	Dispożizzjoni fl-att li jemenda l-Att tat-8 ta' Diċembru 2006 dwar l-appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' bini residenzjali għall-kiri, akkomodazzjoni protetta, postijiet ta' kenn għal billejl, postijiet ta' kenn għall-persuni mingħajr dar, impjanti tat-tisħin u bini temporanju, u bidliet li jirriżultaw f'atti oħra li jindikaw id-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	L-emenda għall-att għandha tipprevedi żieda fl-appoġġ għall-investimenti fil-kostruzzjoni ta' bini bi standard tal-enerġija ogħla b' 20 % minn NZEB. L-appoġġ għandu jżied meta mqabbel mal-akkomodazzjoni standard minn 80 % għal 95 % għall-bini għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u minn 35 % għal 60 % għall-unitajiet domestiċi b'introjtu medju. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għal kwalunkwe sors ta' appoġġ pubbliku.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi									tal-Kunsill tal-NIS 2 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (id-Direttiva NIS 2).
C22G	C3.1 It-tisħiħ taċ-ċibersigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni, it-tisħiħ tal-infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u l-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi	Stadju importanti	Emenda tar-Regolament tal-Kunsill tal-Ministri tal-11 ta' Settembru 2018 dwar il-lista ta' servizzi essenzjali u l-limiti għall-effett ta' tfixkil ta' inċident għall-forniment ta' servizzi essenzjali	Dispożizzjoni fl-emenda tar-Regolament li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Dħul fis-seħħ ta' emenda tar-Regolament tal-Kunsill tal-Ministri tal-11 ta' Settembru 2018 dwar il-lista ta' servizzi essenzjali u l-limiti għall-effett ta' tfixkil ta' inċident għall-forniment ta' servizzi essenzjali. Il-limiti/il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-operaturi ta' servizzi essenzjali, primarjament fis-settur tas-saħħa, għandhom jinbidlu sabiex jittejbu l-kriterji ta' kwalità attwali, li jippermettu l-identifikazzjoni ta' entitajiet/sptarjiet essenzjali fis-settur tas-saħħa.
C23G	C3.1.1 Ċibersigurtà — ĊiberPL, infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u l-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi	Tal-UE	Proġetti fiċ-ċibersigurtà (CyberPL) taħt il-programm għat-Titjib tal-Effettività tas-Sistema Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà (KSC-PL)		Għadd	0	4	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' proġetti kkompletati taħt l-umbrella taċ-ċibersigurtà, li għandhom jikkonsistu minn: — L-istabbiliment ta' network ta' 5 skwadra settorjali ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIRTs); — Il-konnessjoni ta' 385 entità nazzjonali taċ-ċibersigurtà ma' sistema integrata ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà; — Appoġġ lil 500 entità fl-aġġornament u l-espansjoni tal-infrastrutturi taċ-ċibersigurtà bl-użu

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										tat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-teknoloġija operazzjonali; — Il-ħolqien ta' network ta' speċjalisti taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-vojtodeship biex jappoġġa lill-entitajiet pubbliċi fit-trattament tal-inċidenti u l-irkupru tad-data, u jipprovdi attivitajiet li jqajmu kuxjenza dwar iċ-ċibersigurtà.
C24G	C3.1.1 Ċibersigurtà — ĊiberPL, infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi	Stadju importanti	Riċeviment tal-permessi tal-bini għall-kostruzzjoni tal-bini taċ-ċentru tad-data	Għoti ta' permessi għall-bini				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	Il-permessi tal-bini li jippermettu l-kostruzzjoni tal-binjiet għat-tliet ċentri tad-data għandhom ikunu ngħataw.
C25G	C3.1.1 Ċibersigurtà — ĊiberPL, infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi	Tal-UE	Kostruzzjoni ta' bini ta' ċentri tad-data		Għadd	0	3	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	Tliet binjiet ta' ċentri tad-data għandhom jinbnew u għandhom jiġu konnessi maċ-ċirkwit tal-fibra ottika, li jipprovdu żewġ rotot ta' komunikazzjoni indipendenti bejn kwalunkwe par magħżul ta' bini taċ-ċentri tad-data. Dawn il-binjiet taċ-ċentri tad-data għandu jkollhom kuntratti ffirmati biex jitħaddmu bl-użu tal-enerġija rinnovabbli. Għandha titwettag valutazzjoni tar-riskju ambjentali u tal-vulnerabbiltà jew valutazzjoni tar-riskju klimatiku għall-kostruzzjoni u għandha tiġi implimentata kwalunkwe soluzzjoni ta' adattament meħtieġa.
C26G	C3.1.1 Ċibersigurtà — ĊiberPL, infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u ottimizzazzjoni tal-	Tal-UE	Infrastruttura mobbli għas-sistema ta' ġestjoni tal-kriżijiet		Għadd	0	17 721	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Il-valur tal-indikatur jikkonsisti mill-elementi li ġejjin: — 4 060 punti modernizzati tas-sistema ta' twissija u twissija tal-

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi									popolazzjoni, li jinkludu s-sostituzzjoni ta' sireni analogi tal-allarm b'dawk diġitali, it-tagħmir tal-punti magħżula b'hardware u software kompatibbli, ix-xiri ta' tagħmir li jippermetti l-kriptaġġ tat-trażmissjoni bir-radju u t-trażmissjoni tal-IP; — 13 630 Terminals ta' Data Mobbli ta' kwalità għolja (MDT) adattati għal funzjonalitajiet ġodda tas-sistema għall-uffiċjali tal-Pulizija (xiri ta' apparati, software u liċenzji); — 30 punti mobbli maħluqa biex jippermettu konnessjoni sikura fi ħdan u bejn is-servizzi tal-infurzar tal-liġi; — punt mediku mobbli awtosuffiċjenti għar-riskji ta' diżastri mediċi, bijokimiċi, radjoloġiċi u naturali.
C27G	C3.1.1 Ċibersigurtà — ĊiberPL, infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi	Stadju importanti	Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI): L-għażla tal-proġetti Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss u l-iffirmar tal-kuntratti	Iffirmar ta' kuntratti ma' entitajiet magħżula				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	L-għażla ta' proġetti u l-iffirmar ta' kuntratti wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposta ta' proġett sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-soluzzjonijiet Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss fil-Polonja.
C28G	C3.1.1 Ċibersigurtà — ĊiberPL, infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi	Tal-UE	Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI): Infrastruttura nazzjonali/soluzzjonijiet tal-ipproċessar tad-data tas-servizzi żviluppati		Għadd	0	5	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Mill-inqas ħames soluzzjonijiet nazzjonali ġodda ta' pproċessar tad-data tal-infrastruttura/servizz żviluppati minn kumpaniji magħżula u t-tnedija tal-fażi ta' operazzjonalizzazzjoni għal kull proġett.

C.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

C1.2 Żieda fil-livell ta' aċċessibbiltà u użu ta' komunikazzjoni moderna bil-fili u mingħajr fili għall-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi

Ir-riforma għandha ttejjeb l-ambjent leġislativ għall-iżvilupp tan-networks mobbli billi tneħħi l-ostakli ewlenin għall-introduzzjoni tal-5G, filwaqt li tqis is-Sett ta' Għodod tal-UE għall-Konnettività.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

C2.2 Riforma tal-pedamenti tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema edukattiva

Ir-riforma għandha tistabbilixxi l-pedament għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema edukattiva permezz tal-adozzjoni tal-politika ta' diġitalizzazzjoni għall-edukazzjoni, sabiex it-tfal u ż-żgħażaġh jittejjew għas-soċjetà tal-informazzjoni. L-oġġettivi ta' dan id-dokument strateġiku għandhom jiffukaw fuq l-integrazzjoni effiċjenti u sinifikanti ta' teknoloġiji ġodda fit-tagħlim, l-apprendiment u l-valutazzjoni u għandhom jiġu żviluppati bl-applikazzjoni ta' approċċ parteċipattiv.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

C2.2.1 Tagħmir lill-iskejjel/istituzzjonijiet b'tagħmir u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema edukattiva

Dan l-investiment għandu l-għan li jżid il-livell tat-tagħmir u l-infrastruttura diġitali tal-ICT fl-iskejjel lil hinn mill-istandards minimi.

Il-miżura għandha tinkludi:

- it-twassil ta' 100 000 kit tal-IT għat-tagħlim mill-bogħod;
- it-twassil ta' laboratorji tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u x-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM) lil 16 000 skola;
- id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-eżaminazzjoni, b'mod partikolari l-aġġornament tal-kummissjonijiet ċentrali u reġjonali tal-eżamijiet, u d-diġitalizzazzjoni taċ-Ċentru Ewropew tal-Edukazzjoni tal-IT.

Sabiex jikkonforma mal-kundizzjonijiet tad-DNSH, it-tagħmir tal-ICT għandu jissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-enerġija u r-rekwiżiti tal-effiċjenza materjali stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2009/125/KE għas-servers u għall-ħżin tad-data, jew għall-kompjuters u għas-servers tal-kompjuter jew għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi. Barra minn hekk, it-tagħmir tal-ICT ma għandux ikun fih is-sustanzi ristretti elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE.

Għandu jkun hemm fis-seħħ pjan għall-ġestjoni tal-iskart biex jiżgura r-riċiklaġġ massimu fi tmiem il-ħajja tat-tagħmir elettriku u elettroniku, inkluż permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mas-sħab tar-riċiklaġġ, riflessjoni fil-projezzjonijiet finanzjarji jew dokumentazzjoni uffiċjali tal-proġett. Fi tmiem il-ħajja tiegħu, it-tagħmir għandu jgħaddi minn preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, irkupru jew riċiklaġġ, jew trattament xieraq, inkluż it-tneħħija tal-fluwidi kollha u trattament selettiv skont l-Anness VII tad-Direttiva 2012/19/UE.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C4.1.1 Appoġġ għal trasformazzjoni diġitali avvanzata

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, il-Fond għat-Trasformazzjoni Diġitali Avvanzata tal-PL, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzi

biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali avvanzata fil-Polonja. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovdi self direttament lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 650 000 000 ta' finanzjament (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni).

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Bank Gospodarstwa Krajowego (BGK) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Linja diretta 1 tal-BGK: din il-linja għandha tipprovdi self dirett lill-impriżi biex ikopru l-kostijiet tal-investimenti fil-grilji intelliġenti tal-enerġija.
- Linja diretta 2 tal-BGK: din il-linja għandha tipprovdi self dirett lill-impriżi biex ikopru l-kostijiet tal-investimenti f'teknoloġiji diġitali avvanzati.
- Linja diretta 3 tal-BGK: din il-linja għandha tipprovdi self dirett lill-impriżi biex ikopru l-kostijiet tal-investimenti fl-infrastruttura tal-ICT (inkluż tagħmir tal-kompjuter fuq skala kbira).

Sabiex jimplimentaw l-investiment fil-Faċilità, il-Polonja u l-BGK għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott finanzjarju u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2023 6454 final). B'mod partikolari, il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁴², (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁴³, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi⁴⁴ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku⁴⁵. Barra minn hekk, il-

⁴² Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

⁴³ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁴⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁴⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura

politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.

- d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 - a. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 - b. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 - c. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
 - d. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-BGK. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u mar-rekwiżiti tal-miri diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma jkunux irċevew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni applikabbli qed jiġu rrispettati.
5. Rekwiżiti għall-investimenti diġitali mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 260 000 000 tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF.

Il-miżura għandha tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni ta' gwida dwar il-cloud computing għan-negozji. Din il-gwida għandha tkun kompendju ta' għarfien (inklużi mistoqsijiet frekwenti) dwar l-użu tal-cloud computing fit-trasformazzjoni diġitali tan-negozji. Il-gwida għandha tkopri, fost l-oħrajn, l-aspetti li ġejjin: l-aspetti legali tat-trasformazzjoni ta' kumpanija li tuża l-cloud computing, iċ-ċibersigurtà, l-effiċjenza enerġetika u l-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali ul-ħiliet tal-cloud.

ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

C.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
C1L	C1.2 Żieda fil-livell ta' aċċessibbiltà u użu ta' komunikazzjoni moderna bil-fili u mingħajr fili għall-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi	Stadju importanti	Emenda tar-Regolament tas-17 ta' Frar 2020 dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-kampijiet elettromanjetiċi fl-ambjent	Dispożizzjoni fl-emenda tar-regolament li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	Dħul fis-seħħ ta' emenda għar-Regolament tas-17 ta' Frar 2020 dwar il-metodoloġiji għall-kejl tal-emissjonijiet tal-kamp elettromanjetiku fl-ambjent.
C2L	C1.2 Żieda fil-livell ta' aċċessibbiltà u użu ta' komunikazzjoni moderna bil-fili u mingħajr fili għall-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi	Stadju importanti	Emenda tar-Regolament tal-Kunsill tal-Ministri tal-10 ta' Settembru 2019 dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali	Dispożizzjoni fl-emenda tar-regolament li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' emenda tar-Regolament dwar proġetti li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent, li għandha teskludi l-investimenti fil-komunikazzjoni bir-radju mill-katalgu ta' proġetti li jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt ambjentali.
C3L	C1.2 Żieda fil-livell ta' aċċessibbiltà u użu ta' komunikazzjoni moderna bil-fili u mingħajr fili għall-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi	Stadju importanti	Att (i) legali ġdid (ġodda) li jneħħu l-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tan-network 5G	Dispożizzjoni fl-att (i) legali li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-att (i) legali li għandhom ineħħu l-ostakli ewlenin li ġejjin għall-implimentazzjoni tan-networks 5G: 1) proċedura eċċessivament ikkumplikata dwar l-allokazzjoni tal-frekwenzi għall-fini tal-iżvilupp tan-network 5G, 2) Definizzjoni insuffiċjenti ta' kunċetti rilevanti għall-implimentazzjoni tan-network 5G, 3) burokrazija eċċessiva tal-proċeduri amministrattivi, 4) Limitazzjoni fl-aċċess għall-infrastruttura teknika pubblika, 5) Soluzzjonijiet regolatorji insuffiċjenti li jappoġġaw l-iżvilupp tan-network 5G.
C8L	C2.2 Riforma tal-pedamenti tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema edukattiva	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' politika ġdida ta' diġitalizzazzjoni għall-edukazzjoni, li tikkostitwixxi l-bażi għal bidliet fis-sistema	Adozzjoni tal-politika				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' riżoluzzjoni dwar il-politika tad-diġitalizzazzjoni tal-qasam tal-edukazzjoni, li jkollha n-natura ta'

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			edukattiva u l-implimentazzjoni tal-investimenti fl-ICT u li tiddefinixxi d-direzzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni tal-proċess tas-sistema edukattiva fuq terminu qasir u twil							programm u dokument strateġiku, li tistabbilixxi l-qafas għall-politika u l-attivitajiet tal-Istat imwettqa fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni fuq terminu qasir, medju u twil. Dan id-dokument għandu jikkostitwixxi l-bażi għall-attivitajiet tal-partijiet ikkonċernati u tal-partiċipanti tal-atturi u jiddefinixxi l-għodod għall-kisba ta' sistema edukattiva kompletament diġitalizzata adattata għall-isfidi kontemporanji tal-ambjent tal-edukazzjoni preprimarja u ġenerali. Il-politika għandha tinkludi l-pjan ta' implimentazzjoni, il-miżuri ta' evalwazzjoni u monitoraġġ u għandha tiġi żviluppata bl-applikazzjoni ta' approċċ partiċipattiv.
C9L	C2.2.1 Tagħmir lill-iskejjel/istituzzjonijiet b'taġħmir u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema edukattiva	Stadju importanti	Konsultazzjoni pubblika dwar il-qafas li jiddefinixxi l-proċeduri għad-distribuzzjoni tat-tagħmir tal-ICT u għall-forniment tal-infrastruttura lill-iskejjel	Rapport li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika u t-tweġiba tal-gvern li ġejja				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Konsultazzjoni pubblika li tinvolvi partijiet ikkonċernati u sħab soċjali differenti dwar il-qafas għad-distribuzzjoni tat-tagħmir tal-ICT (kit tal-IT għat-tagħlim mill-bogħod) u għall-forniment tal-infrastruttura (konnessjoni LAN, laboratorji STEM u AI) lill-iskejjel. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni għandhom jinġabru fil-qosor frapport, li jkun fih il-kummenti ewlenin mill-partijiet ikkonċernati u s-sħab soċjali u s-segwitu tal-gvern għal dawn il-kummenti.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull oġettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
C10L	C2.2.1 Tagħmir lill-iskejjel/istituzzjonijiet b'tagħmir u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema edukattiva	Stadju importanti	Qafas li jiddefinixxi l-proċeduri għad-distribuzzjoni ta' apparati tal-ICT u għall-forniment ta' infrastruttura lill-iskejjel	Adozzjoni mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	Il-qafas għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għad-distribuzzjoni tat-tagħmir tal-ICT u għall-forniment tal-infrastruttura lill-iskejjel benefiċjarji, kif jirriżulta mill-konsultazzjoni pubblika minn qabel ma' partijiet ikkonċernati u sħab soċjali differenti. Il-qafas għandu jistabbilixxi kriterji ċari għall-għażla tal-iskejjel benefiċjarji, li jirriflettu l-ħtiġijiet għat-tagħmir u l-infrastruttura tal-ICT, bħal laboratorji, u l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-prestazzjoni edukattiva tal-iskejjel. Filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-iskejjel benefiċjarji differenti, is-sejħa għall-offerti li ġejja dwar il-forniment tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-ICT għandha tkun uguali, miftuħa, trasparenti u ġusta u għandha tiżgura distribuzzjoni bbilanċjata bejn l-iskejjel madwar il-pajjiż, ibbażata kemm fuq il-kopertura tal-popolazzjoni kif ukoll dik ġeografika.
C12L	C2.2.1 Tagħmir lill-iskejjel/istituzzjonijiet b'tagħmir u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema edukattiva	Tal-UE	Settijiet ta' għodod tal-IT <u>għall-organizzazzjoni</u> ta' lezzjonijiet remoti jew ibridi mogħtija lill-iskejjel vokazzjonali u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ġenerali		Għadd	0	100 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	L-għadd ta' settijiet ta' għodod tal-IT mogħtija lill-iskejjel vokazzjonali u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ġenerali f'konformità mal-qafas tal-istadju importanti C10L biex isiru lezzjonijiet mill-bogħod jew ibridi. Dawn is-settijiet għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, periferali tal-

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										kompjuter u apparati mobbli, iżda ma għandhomx jinkludu laptops. Ir-riċevituri finali jew il-gvernijiet lokali ma għandhomx iħallsu lura lill-gvern Pollakk fi kwalunkwe forma.
C13L	C2.2.1 Tagħmir lill-iskejjel/istituzzjonijiet b'tagħmir u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema edukattiva	Tal-UE	Laboratorji tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u x-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM) mogħtija lill-iskejjel		Għadd	0	16 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	L-għadd ta' skejjel b'laboratorji tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u/jew tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM). B'mod partikolari, il-laboratorji STEM għandhom jitwasslu lil 4 000 skola sekondarja, filwaqt li l-laboratorji tal-IA għandhom jitwasslu lil 12000 skola, li minnhom 8000 skola primarja u 4 000 skola sekondarja. Il-provvisti għandhom jiġu allokati b'mod trasparenti miftiehem mal-gvernijiet lokali u ma għandhomx jiħallsu lura mir-riċevituri finali jew mill-gvernijiet lokali lill-gvern Pollakk fi kwalunkwe forma.
C14L	C2.2.1 Tagħmir lill-iskejjel/istituzzjonijiet b'tagħmir u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema edukattiva	Stadju importanti	Diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-eżaminar	Rapport dwar it-tlestija b'suċċess tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ta' eżami				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Is-sistema ta' eżami għandha tiġi aġġornata fil-qasam diġitali biex tiżdied il-kapaċità u s-sigurtà tagħha biex tittejjeb il-kwalità tal-proċess ta' eżami. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema ta' eżami attwali għandha tagħgħorna l-kummissjonijiet ċentrali u reġjonali tal-eżami u ċ-Ċentru tal-Edukazzjoni tal-IT.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull oġettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
C15L	C4.1.1 Appoġġ għal trasformazzjoni diġitali avvanzata	Stadju importanti	Gwida dwar il-cloud computing għan-negozji	Pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-ministeru responsabbli għall-kompjuterizzazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	Pubblikazzjoni fuq il-paġna web tal-ministeru responsabbli ta' gwida dwar il-cloud computing għan-negozji. Din il-gwida għandha tkun kompjużi ta' għarfien (inklużi mistoqsijiet frekwenti) dwar l-użu tal-cloud computing fit-trasformazzjoni diġitali tan-negozji.
C16L	C4.1.1 Appoġġ għal trasformazzjoni diġitali avvanzata	Stadju importanti	Ftehim ta' Implimentazzjoni	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni bejn il-ministru responsabbli għall-kompjuterizzazzjoni u l-Bank Gospodarstwa Krajowego				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni bejn il-ministru responsabbli għall-kompjuterizzazzjoni u l-Bank Gospodarstwa Krajowego.
C17L	C4.1.1 Appoġġ għal trasformazzjoni diġitali avvanzata	Tal-UE	Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali		%	0	100 %	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	Il-Bank Gospodarstwa Krajowego għandu jkun daħal fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 40 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġettivi diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF.
C18L	C4.1.1 Appoġġ għal trasformazzjoni diġitali avvanzata	Stadju importanti	Il-Ministeru lesta l-investment	Ċertifikat ta' trasferiment				IT-TIENI TRIMES	2026	Il-Polonja għandha tittrasferixxi EUR 650 000 000 lill-Bank Gospodarstwa Krajowego għall-Faċilità.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
								TRU TAT-3		

D. COMPONENT D: "L-EFFETTIVITÀ, L-AĊĊESSIBILITÀ U L-KWALITÀ TAS-SISTEMA TAS-SAĦĦA"

Il-komponent jindirizza diversi sfidi li s-sistema tal-kura tas-saħħa Pollakka qed tiffaċċja bħalissa. Il-bidla lejn kura ambulatorja primarja u speċjalizzata hija ta' importanza partikolari, peress li l-infiq fuq il-kura tas-saħħa huwa mistenni li jikber b'mod konsiderevoli fuq terminu medju sa twil, u b'hekk jiżdied il-piż fuq il-finanzi pubbliċi. Is-settur tal-isptarijiet huwa fi hteġa urġenti ta' riforma kkomplementata minn investimenti mmirati. Xi sptarijiet għandhom djun sostanzjali u għandhom rati baxxi ta' okkupanza, filwaqt li ħafna proċeduri mediċi attwalment imwettqa fl-isptarijiet jistgħu jsiru f'livelli aktar baxxi ta' kura u bi spejjeż aktar baxxi. Is-sistema tal-kura primarja mhijiex iffinanzjata biżżejjed, għandha nuqqas ta' persunal u testendi żżejjed is-servizzi tagħha. Fl-istess ħin, is-sistema tal-isptarijiet tbatì minn nuqqas ta' finanzjament kroniku, speċjalment f'termini ta' riżorsi umani. Minħabba kundizzjonijiet mhux favorevoli, bħal salarji baxxi, il-professjonijiet mediċi mhumiex popolari, u kien hemm "eżodu ta' mħuħ" sinifikanti. In-nuqqas ta' riżorsi umani jpoġġi lill-Polonja fl-aktar livelli baxxi meta mqabbel ma' Stati Membri oħra u jagħmilha neċessarja li l-professionisti li jaħdmu lil hinn mill-etajiet tal-irtirar tagħhom jinżammu. L-aċċess għall-kura jvarja bejn ir-reġjuni. Is-saħħa elettronika u l-prattiki moderni ta' ġestjoni mhumiex użati biżżejjed.

L-għanijiet tal-komponent huma multidimensjonali: li jirrifirma u jappoġġa b'investiment is-settur tal-isptarijiet f'konformità mal-hteġa għal razzjonalizzazzjoni tal-piramida tal-kura tas-saħħa, li jaċċellera t-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa, li joħloq kundizzjonijiet ta' appoġġ għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku, li jappoġġa l-iżvilupp tar-riċerka fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex jittejbu r-reżiljenza, l-aċċessibilità u l-effettività tas-sistema tas-saħħa, inkluż billi jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti u jiġi aċċellerat l-użu tas-servizzi tas-saħħa elettronika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C 58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibilità u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa

L-għan tar-riforma huwa li jiġu introdotti miżuri komprensivi li jikkonsistu fir-ristrutturar tal-isptarijiet pubbliċi. L-għan tar-riforma huwa li tiżgura titjib dejjiemi fir-reżiljenza, l-effettività, il-kwalità u l-aċċessibilità tal-kura tas-saħħa, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-isptarijiet pubbliċi, u l-proċessi ta' superviżjoni u ġestjoni ta' dawn l-entitajiet. Ir-riforma tikkonċerna s-settur kollu tal-isptarijiet li jipprovdì servizzi tal-kura tas-saħħa ffinanzjati minn sorsi pubbliċi. Ir-riforma tas-settur tal-isptarijiet għandha tiġi introdotta permezz ta' atti leġislattivi u legali, li jistgħu jintroduċu bidliet f'atti eżistenti, bħall-att dwar l-attività medika jew l-att dwar is-servizzi tal-kura tas-saħħa ffinanzjati minn fondi pubbliċi. L-elementi ewlenin tar-riforma għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

— ir-ristrutturar tas-settur tal-isptarijiet permezz tal-konsolidazzjoni, u/jew it-tfassil mill-ġdid ta' profili u/jew it-tibdil tal-ambitu u/jew l-istruttura tas-servizzi tal-kura tas-saħħa pprovduti mill-

isptarijiet, abbażi tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni nazzjonali u reġjonali u l-mappa tal-ħtiġijiet tas-saħħa;

— bażi għal azzjonijiet għar-razzjonalizzazzjoni tal-piramida tal-kura tas-saħħa billi ċerti servizzi tas-saħħa jiġu trasferiti minn sptarijiet għal livelli aktar baxxi ta' kura (kura primarja, kura ambulatorja) permezz ta' dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni rispettiva li tirregola t-tariffikazzjoni bi pjanijiet finanzjarji annwali riveduti tal-NFZ (Fond Nazzjonali tas-Saħħa);

— l-indirizzar tar-ristrutturar tad-dejn tal-isptarijiet b'mod sostenibbli, ibbażat fuq kriterji trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u sistema soda ta' finanzjament tal-isptarijiet u

— it-tisħiħ tar-rwol supervizzorju tal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa fuq il-prestazzjoni tal-kwalità tal-isptarijiet pubbliċi u t-titjib tal-professionalizzazzjoni tal-persunal maniġerjali tal-isptarijiet fid-djun billi jiġi introdott rekwiżit għal taħriġ iddedikat dwar ir-ristrutturar tal-isptarijiet u l-metodi ta' ġestjoni fil-kura tas-saħħa.

Ir-riforma tas-settur tal-isptarijiet għandha tiġi kkomplementata mir-riformi tan-*Network Onkoloġiku Nazzjonali* u n-*Network Kardjologiku Nazzjonali*, kif ukoll dwar il-kwalità fil-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti. L-oġettiv ġenerali ta' dawn ir-riformi huwa li jtejb u l-aċċess u l-kwalità tas-servizzi tal-kura onkoloġika u kardjoloġika. L-għan tar-riforma dwar il-kwalità fil-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti huwa li jiġu introdotti soluzzjonijiet sistemiċi dwar l-istandards tal-kwalità tad-dispożizzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-monitoraġġ sussegwenti għal riżultati sostenibbli tar-riforma.

Ir-riforma għandha tikkonsisti wkoll f'pakkett leġislattiv dwar it-tnedija ta' servizzi nazzjonali tas-saħħa elettronika u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistemi eżistenti/disponibbli tas-Saħħa elettronika fil-livell nazzjonali u reġjonali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa

L-oġettiv tal-investment huwa li jappoġġa lill-isptarijiet bi ħtiġijiet ta' investment li jirriżultaw mill-proċessi ta' riforma, inkluż il-konsolidazzjoni u t-tfassil mill-ġdid ta' profili. L-investment għandu jappoġġa lill-isptarijiet biss meta l-ħtiġijiet ta' investment ikunu ġew identifikati bħala riżultat tal-proċessi ta' riforma taħt ir-riforma D1.1. L-entitajiet mediċi eliġibbli għall-appoġġ għandhom jikkonsistu f' sptarijiet skont it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Attività Medika tal-15 ta' April 2011. Investimenti komplementari f'ċentri speċjalizzati ta' kura outpatient (AOS) li jikkooperaw ma' sptarijiet inklużi fin-*Network Nazzjonali tal-Onkoloġija* għandhom ikunu eliġibbli wkoll. L-appoġġ għandu jkopri biss l-ambitu tal-attivitajiet relatati mal-forniment ta' servizzi tas-saħħa ffinanzjati mill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa u ma għandux ikopri l-attivitajiet kummerċjali. Il-kriterji għall-appoġġ finanzjarju għandhom ikunu allinjati mal-oqsma ewlenin ta' intervent tar-riforma, inklużi: i) il-kopertura (bħall-popolazzjoni koperta, il-benefiċċji koperti u l-aċċess f'waqtu għall-kura), ii) l-ekwità (bħal, l-ekwità fit-twassil u l-użu), iii) l-effiċjenza (bħal, sptarijiet li qed isegwu ġestjoni finanzjarja tajba jew sptarijiet li għaddejjin minn ristrutturar biex jindirizzaw id-dejn b'mod sostenibbli), iv) il-kwalità tal-kura, u v) id-disponibbiltà tar-riżorsi (bħal riżorsi umani u riżorsi finanzjarji).

Il-kategoriji ta' investment ewlenin għandhom jikkonsistu f'investimenti f'taġġmir mediku jew infrastruttura jew xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġodda.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali

L-għan tal-investment huwa li jaċċellera t-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa billi jintroduċi servizzi tas-saħħa diġitali ġodda u jiżviluppa aktar is-servizzi diġitali eżistenti. L-investment għandu jikkonsisti fit-tneġġja ta' servizzi elettroniċi ġodda, inklużi:

- (i) għodda ta' Analiżi tas-Saħħa tal-Pazjenti li tappoġġa l-analiżi tal-kundizzjoni tas-saħħa tal-pazjent,
- (ii) għodda ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet għat-tobba bbażata fuq algoritmi tal-IA u repożitorju ċentrali ta' data medika integrata ma' sistemi ewlenin oħra tal-kura tas-saħħa, u
- (iii) repożitorju ċentrali ta' data medika integrata ma' sistemi ewlenin oħra tal-kura tas-saħħa.

Għandu jiġi stabbilit ukoll Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (SOC) fiċ-Ċentru tas-Saħħa elettronika. Iċ-Ċentru għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-riżorsi tal-IT taċ-Ċentru tas-Saħħa elettronika u jadattahom għall-ħtiġijiet dejjem akbar fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

D2.1 Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tikkontribwixxi għat-titjib tat-tqabbil bejn il-ħtiġijiet u d-disponibbiltà tal-professjonisti mediċi fil-Polonja.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'inizjattivi mmirati biex jinċentivaw liż-żgħażaġh biex jibdeu u jseguw studji mediċi u sussegwentement jipprattikaw il-mediċina fil-Polonja. Dan jinkludi (i) l-introduzzjoni ta' skema għall-ġhoti ta' self lill-istudenti mediċi, inklużi inċentivi finanzjarji biex jipprattikaw fil-Polonja wara li jintemmu l-istudji tagħhom u (ii) il-ħolqien ta' studji tat-tieni ċiklu għall-prattikanti tal-emerġenza medika, li għandhom jittrađu f'żieda fil-kwalifiki u fid-dħul għall-professjonisti kkonċernati.

Ir-riforma għandha tikkonsisti wkoll fl-introduzzjoni ta' leġislazzjoni biex tittejjeb l-attrazzjoni tal-professjonijiet mediċi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti mediċi. Din il-leġislazzjoni għandha żżid il-flessibbiltà tat-taħriġ postgraduatorju, inkluż billi tippermetti lit-tobba jingħataw ċertifikat ġdid ta' kompetenza professjonali f'diversi oqsma speċjalizzati. Għandu jżid ukoll l-aktar salarju bażiku baxx għal firxa wiesgħa ta' professjonisti mediċi u jorganizza mill-ġdid l-attribuzzjoni ta' ċerti kompetenzi bejn it-tobba u l-professjonisti mediċi speċjalizzati, il-professjonisti mediċi ta' emerġenza, l-infermiera u persuni oħra li jipprovdu l-kura medika, wara li jipprovdli taħriġ xieraq.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D2.1.1 Investimenti relatati mal-modernizzazzjoni u l-modifika retroattiva tal-faċilitajiet tat-tagħlim bl-għan li jiżiedu l-limiti ta' ammissjoni għall-istudji mediċi

L-oġġettiv tal-investment huwa li tiżdied il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' tagħlim mediku u li jiġu appoġġati l-istudenti li jieħdu sehem fi studji mediċi.

Dan għandu jikkonsisti f'subinvestimenti komplementari li għandhom l-għan li (i) joħolqu sistema temporanja ta' inċentivi biex jibdeu u jkomplu jistudjaw f'kursijiet mediċi magħżula, (ii) jimmodernizzaw il-bażi tat-tagħlim għat-taħriġ prekliniku, (iii) jimplimentaw arranġamenti ġodda ta' apprendiment ibbażati fuq teknoloġiji diġitali, (iv) jadattaw u jtejjbu l-bażi klinika għat-tagħlim fl-isptarijiet kliniċi ċentrali, (v) jimplimentaw programmi ta' taħriġ u skemi ta' inċentivi għall-persunal tat-tagħlim, (vi) jimmodernizzaw il-libreriji tal-universitajiet mediċi, l-akkomodazzjoni tal-istudenti

u s-sistemi tal-IT, u (vii) jiddiġitalizzaw il-proċessi amministrattivi għall-ġestjoni u l-governanza tal-universitajiet mediċi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D3.1 Żieda fl-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema tal-kura tas-saħħa billi jiġi appoġġat il-potenzjal Pollakk għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa

L-oġettiv tar-riforma huwa li tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa billi tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp fl-oqsma mediċi u tas-saħħa.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tal-provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, inkluża sistema trasparenti u ostakli amministrattivi u legali mnaqqsa. Għandu jikkonsisti wkoll fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' Pjan Strateġiku għall-iżvilupp tas-settur bijomediku fil-Polonja, ibbażat fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-settur bijomediku Pollakk, tal-ostakli eżistenti għall-iżvilupp tiegħu u ta' żoni b'avantaġġ kompetittiv potenzjali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

D3.1.1 Żvilupp komprensiv tar-riċerka fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa

L-oġettiv tal-investiment huwa li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa billi jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp fl-oqsma mediċi u tas-saħħa.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-attivitajiet li ġejjin:

- Jingħataw kompetizzjonijiet biex jiffinanzjaw attivitajiet ta' riċerka u żvilupp b'enfasi fuq l-innovazzjonijiet tal-prodotti, bħal fuq id-drogi, l-iżvilupp ta' apparat mediku, speċjalment għall-użu mobbli, kif ukoll għodod tal-ICT għal skopijiet mediċi u tas-saħħa,
- L-iżvilupp ta' Ċentri ta' Appoġġ għall-Provi Kliniċi inkarigati b'attivitajiet ta' riċerka fil-qasam tal-provi kliniċi,
- Il-ħolqien ta' pjattaforma ta' komunikazzjoni elettronika għan-Network Pollakk tal-Provi Kliniċi u ta' magna tat-tiftix għall-provi kliniċi

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D4.1.1 Żvilupp tal-kura fit-tul permezz tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-entitajiet mediċi fil-livell distrettwali

L-investiment għandu jappoġġa proġetti għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni meħtieġa u x-xiri ta' tagħmir għall-isptarijiet distrettwali li jistabbilixxu, fi ħdan il-pjanijiet ta' trasformazzjoni jew il-mappa tal-ħtiġijiet tas-saħħa, unitajiet jew ċentri tal-kura fit-tul u tal-kura ġerjatrika. Il-kuntratti ta' investiment għandhom jiġu attribwiti minn dispożizzjonijiet li huma konformi mal-oġettivi tar-riforma D1.2. (mill-parti tas-self).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
D1G	D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' riforma dwar il-modernizzazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza tal-isptarjiet	Dispożizzjoni fl-atti leġislattivi u legali li tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Id-dħul fis-seħħ ta' pakkett ta' liġijiet (atti leġislattivi u legali) għall-modernizzazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza tal-isptarjiet li għandu jipprevedi dan li ġej: — ir-ristrutturar tas-settur tal-isptarjiet permezz tal-konsolidazzjoni u/jew it-tfassil ta' profili mill-ġdid u/jew it-tibdil tal-ambitu u/jew l-istruttura tas-servizzi tal-kura tas-saħħa pprovduti mill-isptarjiet, abbażi tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni nazzjonali u reġjonali u l-mappa tal-ħtiġijiet tas-saħħa kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali. — bażi għal azzjonijiet għar-razzjonalizzazzjoni tal-piramida tal-kura tas-saħħa u r-riforma tas-sistema ta' finanzjament tas-servizzi mediċi fid-dawl ta' ċaqliq ta' ċerti servizzi tas-saħħa mill-isptarjiet lejn il-livelli aktar baxxi ta' kura (kura primarja, kura ambulatorja) permezz ta' dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni rispettiva li tirregola t-tariffi bi pjanijiet finanzjarji annwali riveduti tal-NFZ (Fond Nazzjonali għas-Saħħa); — l-indirizzar tar-ristrutturar tad-dejn fl-isptarjiet b'mod sostenibbli, ibbażat fuq kriterji trasparenti u bbażati fuq l-evidenza; — it-tisħiħ tar-rwol superviżorju tal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa fuq il-prestazzjoni tal-kwalità tal-isptarjiet u t-titjib tal-profezzjonalizzazzjoni tal-

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										persunal maniġerjali tal-isptarijiet fid-djun billi jiġi introdott rekwiżit għal taħriġ iddedikat dwar ir-ristrutturar tal-isptarijiet u l-metodi ta' ġestjoni fil-kura tas-saħħa.
D2G	D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-President tal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa (NFZ) u atti legali rispettivi dwar it-tisħiħ tal-kura primarja u l-kura koordinata, segwiti minn dispożizzjonijiet finanzjarji (inklużi emendi għall-kuntratti), li jippermettu implimentazzjoni nazzjonali	Dispożizzjonijiet fl-Ordni li jindikaw id-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-President tal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa (NFZ) u l-atti legali rispettivi li għandhom isaħħu l-kura primarja u l-kura koordinata, li jippermettu l-implimentazzjoni fil-pajjiż kollu u li jkopru: — kura tas-saħħa preventiva (tariffa tal-kompitu); — ir-riżultati tas-saħħa mistennija u l-kwalità tal-kura (introduzzjoni tal-inċentivi); u għal — il-programm tal-ġestjoni tal-mard tal-kura kronika u l-koordinatur tal-kura. L-ordni għandha tintroduċi arranġamenti finanzjarji li jipprevedu riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-kuntratti tal-kura tas-saħħa primarja, minbarra l-kura tas-saħħa ta' billejl u tal-vaganzi.
D3G	D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-kwalità fil-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti, flimkien mar-regolamenti ta' implimentazzjoni meħtieġa	Dispożizzjoni fl-att li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-kwalità fil-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti li għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-elementi li ġejjin: 1) awtorizzazzjoni: sistema għall-valutazzjoni tal-entitajiet li jwettqu attivitajiet mediċi bħas-servizzi tal-isptar fid-dawl tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-Ministeru

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										tas-Saħħa u l-Fond Nazzjonali għas-Saħħa (l-hekk imsejħa "rekwiżiti tal-basket"); 2) akkreditazzjoni: qafas għall-evalwazzjoni esterna tal-kwalità tal-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti fl-isptarijiet; 3) monitoraġġ ta' avvenimenti avversi: qafas għall-attivitajiet imwettqa minn entitajiet mediċi, b'mod partikolari t-twetiq ta' analiżi sistematika ta' avvenimenti avversi bil-ħsieb li tiġi evitata l-okkorrenza ta' avvenimenti avversi simili; 4) reġistri mediċi: l-ispeċifikazzjoni tar-regoli għall-ħolqien u l-finanzjament tar-reġistri mediċi u t-tisħiħ tar-rwol tagħhom fl-iżgurar tal-kwalità fil-kura tas-saħħa; 5) l-esperjenza tal-pazjenti: l-istabbiliment ta' qafas għall-kejl tal-esperjenza tal-pazjenti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kuntrattwali tal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa (NFZ); u għal 6) rikoveru fl-isptar: qafas għat-traċċar u l-analiżi tar-rati ta' riammissjoni ta' 30 jum marbuta mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali tal-NFZ (permezz ta' regolament ta' implimentazzjoni).
D4G	D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar in-Network Onkoloġiku Nazzjonali u l-atti legali rilevanti li jistabbilixxu r-regoli għall-operat tan-	Dispożizzjoni fl-att li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar in-Network Onkoloġiku Nazzjonali u l-atti legali rilevanti li għandhom jiżguraw li l-pazjenti kollha, irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom, jirċievu kura onkoloġika bbażata fuq l-istess standards

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			network billi jintroduċu struttura ġdida u mudell ġdid ta' ġestjoni tal-kura tal-kanċer							dijanostiċi u terapewtiċi. Dawn l-atti għandhom jiffukaw fuq: — it-titjib tal-organizzazzjoni tas-sistema tal-kura onkoloġika billi l-pazjenti jingħataw aċċess għall-proċessi dijanostiċi u terapewtiċi tal-ogħla kwalità u kura komprensiva tul il- "perkors tal-pazjenti" kollu fl-oqsma tal-kura primarja, il-kura tas-saħħa outpatient speċjalizzata (AOS), it-trattament fl-isptar u r-riabilitazzjoni; — il-ħolqien ta' struttura organizzattiva ġdida u mudell ġdid ta' ġestjoni tal-kura tal-kanċer, inklużi ċ-ċentri ta' monitoraġġ; — it-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti matul u wara t-trattament onkoloġiku.
D5G	D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar in-Network Kardjoloġiku Nazzjonali li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tan-network billi jintroduċi struttura ġdida u mudell ġdid ta' ġestjoni tal-kura kardjoloġika	Dispożizzjoni fl-att li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar in-Network Kardjoloġiku Nazzjonali u l-atti legali rilevanti li għandhom jiżguraw li l-pazjenti kollha, irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom, jirċievu kura kardjoloġika bbażata fuq l-istess standards dijanostiċi u terapewtiċi. Ir-riforma għandha tiffoka fuq: — it-titjib tal-organizzazzjoni tas-sistema tal-kura kardjoloġika billi l-pazjenti jingħataw aċċess għall-proċessi dijanostiċi u terapewtiċi tal-ogħla kwalità u kura komprensiva tul il- "perkors tal-pazjenti" kollu fl-oqsma tal-kura primarja, il-kura tas-saħħa outpatient speċjalizzata (AOS), it-trattament fl-isptar u r-

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										riabilitazzjoni; — il-ħolqien ta' struttura organizzattiva ġdida u mudell ġdid ta' ġestjoni tal-kura kardjoloġika; — it-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti wara t-trattament kardjoloġiku.
D6G	D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' pakkett leġiżlattiv li għandu x'jaqsam mat-tneġġija ta' servizzi nazzjonali tas-saħħa elettronika u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistemi eżistenti/disponibbli tas-Saħħa elettronika fil-livell nazzjonali u reġjonali	Dispożizzjoni fil-pakkett leġiżlattiv li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Id-dħul fis-seħħ ta' pakkett leġiżlattiv li għandu jipprovi l-ambjent legali u amministrattiv xieraq għat-tneġġija ta' servizzi nazzjonali tas-saħħa elettronika (Għodod għall-Analiżi tas-Saħħa tal-Pazjenti, għodda ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet għat-tobba abbażi tal-algoritmi tal-IA, repożitorju ċentrali tad-data medika) u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistemi eżistenti/disponibbli tas-Saħħa elettronika fil-livell nazzjonali u reġjonali.
D7G	D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tar-regolament dwar il-lista ta' ċentri ta' monitoraġġ tal-vojvodeship għan-network onkoloġiku	Dispożizzjoni fir-regolament li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ u jipprevedi l-istabbiliment ta' ċentri ta' monitoraġġ tal-vojvodeship, li għandhom ikunu entitajiet mediċi magħżula min-network onkoloġiku f'kull wieħed mis-16-il vojvodeship, li jispeċjalizzaw fil-kura onkoloġika u jipprovdut trattament u monitoraġġ onkoloġiċi komprensivi.
D8G	D1.1 It-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Stadju importanti	Evalwazzjoni tan-Network Nazzjonali għall-Kura Onkoloġika	Pubblikazzjoni tar-rapport				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Rapport dwar l-evalwazzjoni tan-Network Onkoloġiku Nazzjonali, inklużi indikaturi tal-kwalità tal-kura onkoloġika.
D9G	D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali dwar lista ta' kriterji għall-	Dispożizzjoni fl-att legali li				IT-TIENI TRIMES	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' att legali mill-Ministru tas-Saħħa fuq lista ta' kriterji li abbażi tagħhom l-isptarijiet

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa		kwalifikazzjoni tal-isptarijiet għal kull livell ta' kura tal-onkoloġija	tindika d-dħul fis-seħħ				TRU TAL-4		onkoloġiċi għandhom jiġu assenjati lil kategoriji/livelli differenti tan-Network Onkoloġiku Nazzjonali. Dawn il-kategoriji/livelli għandhom jgħinu biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' investment li jirriżultaw mir-riforma D4G. Il-kriterji ta' kategorizzazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq: — kopertura (bħal, popolazzjoni koperta; il-benefiċċji koperti; il-ħtieġa ta' aċċess f'waqtu għall-kura); — ekwità (bħal, ekwità fil-konsenja u l-użu); — l-effiċjenza; — il-kwalità tal-kura u — id-disponibbiltà tar-riżorsi (bħal, ir-riżorsi umani u r-riżorsi finanzjarji).
D10A G	D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa	Stadju importanti	L-ewwel sejħa għal proposti għal sptarijiet (taħt in-Network Onkoloġiku Nazzjonali) u ċentri tal-kura tas-saħħa outpatient speċjalizzati (AOS) li jikkooperaw magħhom	Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħiet għall-proposti				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Għandha tinbieda l-ewwel sejħa għal proposti għal sptarijiet (taħt in-Network Onkoloġiku Nazzjonali) u ċentri tal-kura tas-saħħa outpatient speċjalizzati (AOS) li jikkooperaw magħhom biex jixtru jew jaġġornaw it-tagħmir jew jinvestu fl-infrastruttura. Is-sejħa għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' kategorizzazzjoni (stabbilti taħt D9G) u proċeduri ċari u trasparenti. L-investimenti fl-infrastruttura jew ix-xiri ta' tagħmir mediku għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-kura u l-iżgurar ta' aċċess f'waqtu u komprensiv għall-kura fl-isptar.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Il-kriterji tal-għażla għas-sejħa għal proposti skont l-RRP għandhom jistabbilixxu li: - l-appoġġ għandu jkopri esklużivament sptarijiet u ċentri tal-kura tas-saħħa outpatient speċjalizzati (AOS) kwalifikati għan-Netwerk Onkoloġiku Nazzjonali li huma parti mill-istrutturi ta' dawn l-isptarijiet; - l-investimenti magħżula, inklużi dawk immirati lejn iċ-ċentri speċjalizzati ta' kura outpatient li jikkooperaw, ma għandhomx jiġu appoġġati minn fondi tal-UE għajr l-RRF. L-appoġġ għandu jkopri biss l-ambitu tal-attivitajiet relatati mal-forniment ta' servizzi tas-saħħa ffinanzjati mill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa u ma għandux ikopri l-attivitajiet kummerċjali.
D10b G	D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa	Stadju importanti	Sejħa għal proposti għal sptarijiet (taħt in-Netwerk Kardjoloġiku Nazzjonali) li jitolbu finanzjament	Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħiet għall-proposti				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Għandha titnieda l-ewwel sejħa għal proposti għal sptarijiet (taħt in-Netwerk Kardjoloġiku Nazzjonali) għal investimenti fl-infrastruttura jew biex jinxtara jew jiġi aġġornat tagħmir mediku. Is-sejħa għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' hawn taħt u proċeduri ċari u trasparenti. L-għażla tas-sejħa għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin: - kopertura (bħal, popolazzjoni koperta; il-benefiċċji koperti; il-ħtieġa

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										ta' aċċess f'waqtu għall-kura); — ekwità (bħal, aċċess ugwali fit-twassil u l-użu); — effiċjenza (bħal sptarijiet li qed isegwu ġestjoni finanzjarja tajba jew sptarijiet li għaddejjin minn ristrutturar biex jindirizzaw id-dejn b'mod sostenibbli); — il-kwalità tal-kura u — id-disponibbiltà tar-riżorsi (bħal, ir-riżorsi umani u r-riżorsi finanzjarji). L-appoġġ għandu jkopri biss l-ambitu tal-attivitajiet relatati mal-forniment ta' servizzi tas-saħħa ffinanzjati mill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa u ma għandux ikopri l-attivitajiet kummerċjali.
D10c G	D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa	Stadju importanti	Sejħa għal proposti għal sptarijiet li jitolbu finanzjament	Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħiet għall-proposti				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Għandha tinieda l-ewwel sejħa għal proposti għal sptarijiet li jkunu għaddejjin mill-proċessi ta' ristrutturar kif deskritt fl-istadju importanti D1G għal investimenti fl-infrastruttura jew għax-xiri jew l-aġġornament ta' tagħmir mediku. Is-sejħa għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' hawn taħt u proċeduri ċari u trasparenti. L-għażla tas-sejħa għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin: - kopertura (bħal, popolazzjoni koperta; il-benefiċċji koperti; il-ħtieġa ta' aċċess f'waqtu għall-kura); — ekwità (bħal, aċċess ugwali fit-twassil u l-użu);

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										— l-effiċjenza, (bħal, sptarijiet li qed isegwu ġestjoni finanzjarja tajba jew sptarijiet li għaddejjin minn ristrutturar biex jindirizzaw id-dejn b'mod sostenibbli); - il-kwalità tal-kura; u għal — id-disponibbiltà tar-riżorsi (bħal, ir-riżorsi umani u r-riżorsi finanzjarji). L-appoġġ għandu jkopri biss l-ambitu tal-attivitajiet relatati mal-forniment ta' servizzi tas-saħħa ffinanzjati mill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa u ma għandux ikopri l-attivitajiet kummerċjali.
D11G	D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa	Tal-UE	T1 — Kuntratti ffirmati bejn l-isptarijiet u l-Ministeru tas-Saħħa għax-xiri ta' tagħmir mediku jew għal investimenti fl-infrastruttura		Għadd	0	59	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Numru ta' kuntratti ffirmati bejn sptarijiet u l-Ministeru tas-Saħħa (jew istituzzjoni oħra indikata mill-Ministeru) għal tagħmir mediku mixtri jew għal investimenti fl-infrastruttura.
D12G	D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa	Tal-UE	T2 — Kuntratti ffirmati bejn l-isptarijiet u l-Ministeru tas-Saħħa għax-xiri ta' tagħmir mediku jew għal investimenti fl-infrastruttura		Għadd	59	133	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Numru ta' kuntratti ffirmati bejn l-isptar u l-Ministeru tas-Saħħa (jew istituzzjoni oħra indikata mill-Ministeru) għal tagħmir mediku mixtri jew għal investimenti fl-infrastruttura.
D13G	D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa	Tal-UE	Sptarijiet b'investimenti fl-infrastruttura jew tagħmir mediku mixtri b'rabta mal-introduzzjoni tagħhom fin-		Għadd	0	59	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' sptarijiet b'investimenti infrastrutturali kompluti jew tagħmir mediku mixtri jew aġġornat b'rabta mal-introduzzjoni tagħhom fin-Network Onkoloġiku Nazzjonali.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			Network Onkoloġiku Nazzjonali							L-investimenti fl-infrastruttura u x-xiri jew l-aġġornament ta' tagħmir relatat mal-introduzzjoni ta' sptarijiet fin-Network Onkoloġiku Nazzjonali jistgħu jinkludu investimenti komplementari f'ċentri tal-kura tas-saħħa outpatient speċjalizzati (AOS) li jikkooperaw ma' dawn l-isptarijiet.
D14G	D1.1.1 Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa	Tal-UE	Sptarijiet b'investimenti fl-infrastruttura jew tagħmir mediku mixtri b'rabta mar-ristrutturar tagħhom jew l-introduzzjoni tagħhom fin-Network Kardjologiku Nazzjonali		Għadd	0	74	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' sptarijiet b'investimenti infrastrutturali kompluti jew tagħmir mediku mixtri jew aġġornat b'rabta mar-ristrutturar tagħhom jew l-introduzzjoni tagħhom fin-Network Kardjologiku Nazzjonali.
D15G	D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali	Stadju importanti	It-tneġġija ta' servizzi elettroniċi ġodda, inklużi: — l-għodod għall-Analiżi tas-Saħħa tal-Pazjenti; — għodda ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet għat-tobba abbażi tal-algoritmi tal-IA; u għal — repożitorju ċentrali ta' data medika integrata ma' sistemi ewlenin oħra tal-kura tas-saħħa	Bidu tal-operazzjoni sħiħa				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Is-servizzi biex jiżjed l-użu ta' teknoloġiji moderni u l-iżvilupp ulterjuri tas-saħħa elektronika għandhom jiġu varati u operattivi. Dawn jinkludu: — għodod li jappoġġaw l-analiżi tal-kundizzjoni tas-saħħa tal-pazjent; — għodod immirati lejn l-aggregazzjoni tad-data minn diversi apparati li jwettqu kejl mediku jew kejl relatat mal-istil ta' ħajja tal-pazjent, li mbagħad għandhom jiġu trasferiti għall-Kont tal-Internet tal-Pazjent (IKP), kif ukoll permezz tal-implimentazzjoni tal-proġett li għandu l-għan li jiżviluppa algoritmi tal-intelliġenza artifiċjali; u għal — appoġġ għall-proċess tat-teħid tad-

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										deċiżjonijiet tat-tabib. Għandu jinkludi wkoll il-bini ta' repożitorju ċentrali ta' data medika u l-ħolqien u l-forniment ta' bank elettroniku (repożitorju) ta' data medika (dokumentazzjoni medika).
D16G	D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali	Stadju importanti	Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (SOC) fiċ-Ċentru tas-Saħħa elettronika stabbilit	Bidu tal-operazzjoni sħiħa				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-azzjoni għandha ssaħħaħ ir-riżorsi tal-IT taċ-Ċentru tas-Saħħa elettronika u tadattahom għall-ħtiġijiet dejjem akbar fil-qasam taċ-ċibersigurtà billi: — l-implimentazzjoni tas-Sistema Integrata ta' Gestiġjoni, l-espansjoni tas-sistemi ta' sigurtà, — l-implimentazzjoni ta' programm ta' sigurtà għax-xogħlijiet ta' disinn u żvilupp fil-qasam tas-sistemi tal-IT, — il-bini taċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà fiċ-Ċentru tas-Saħħa elettronika.
D17G	D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali	Stadju importanti	Ċentru għad-dokumentazzjoni medika diġitali	Bidu tal-operazzjoni sħiħa				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	Iċ-Ċentru għad-diġitalizzazzjoni tad-dokumentazzjoni medika għandu jiġi stabbilit, bil-kompitu ewlieni li jistruttura u jittrasferixxi d-dokumentazzjoni medika f'Rekord Elettroniku tas-Saħħa (HER) li jista' jintuża.
D18G	D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali	Tal-UE	L-istorja tal-interazzjoni tal-pazjenti mal-kura tas-saħħa miżmuma f'faċilitajiet mediċi diġitalizzati		% (perċentwali)	0	30	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Is-sehem tal-istorja tal-interazzjoni tal-pazjenti mal-kura tas-saħħa miżmuma f'faċilitajiet mediċi diġitalizzati, bl-għan li titwassal ir-rappreżentanza diġitali tad-dokumenti fir-rekord elettroniku individwali tas-saħħa (EHR), bi preżentazzjoni strutturata tad-data li tippermetti pproċessar ulterjuri. Il-mira hija relatata mad-

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										dokumentazzjoni stampata maħżuna mill-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa.
D19G	D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali	Tal-UE	T1 — Dokumenti mediċi diġitalizzati		Għadd	9	12	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Dokumenti mediċi ġodda għandhom jiġu diġitalizzati, inklużi dokumenti li jikkonċernaw it-trattament onkoloġiku u li jkun fihom informazzjoni dwar il-pazjenti.
D20G	D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali	Tal-UE	T2 — Dokumenti mediċi diġitalizzati		Għadd	12	18	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Dokumenti mediċi ġodda għandhom jiġu diġitalizzati, inklużi dokumenti li jikkonċernaw it-trattament onkoloġiku u li jkun fihom informazzjoni dwar il-pazjenti.
D21G	D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali	Tal-UE	Fornituri tal-kura tas-saħħa ċentrali/reġjonali konnessi mar-repożitorju ċentrali tad-data medika u fornituri tal-kura tas-saħħa ċentrali/reġjonali mgħammra bl-għodda ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażata fuq l-IA.		% (perċentwali)	0	30	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	30 % tal-fornituri tal-kura tas-saħħa (fil-livell ċentrali jew reġjonali) konnessi mar-repożitorju elettroniku ċentrali tad-data medika. 30 % tal-fornituri tal-kura tas-saħħa (fil-livell ċentrali jew reġjonali) għandhom ikunu mgħammra bl-għodda ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażata fuq l-IA.
D22G	D1.1.2 L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa permezz tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tas-saħħa diġitali	Tal-UE	Pazjenti adulti koperti mill-Għodda għall-Analiżi tas-Saħħa tal-Pazjenti		% (perċentwali)	0	70	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	70 % tal-pazjenti adulti għandhom ikunu koperti mill-Għodda għall-Analiżi tas-Saħħa tal-Pazjenti.
D23G	D2.1 Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba	Stadju importanti	Emenda għal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Għolja u x-Xjenza u	Dispożizzjoni fl-emenda għal-Liġi dwar l-				IT-TIENI TRIMES	2021	Il-liġi għandha tidħol fis-seħħ u tintroduċi l-possibbiltà li jintuża appoġġ finanzjarju fil-forma ta' self

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku		dwar il-Professjonijiet tat-Tobba u d-Dentist biex tipprovdi bażi legali għall-appoġġ finanzjarju mis-sena akkademika 2021/2022 għall-istudenti fil-qasam tal-mediċina fil-Polonja	Edukazzjoni Għolja u x-Xjenza u dwar il-Professjonijiet tat-Tobba u d-Dentist biex tiġi pprovduta bażi legali għall-appoġġ finanzjarju mis-sena akkademika 2021/2022 għall-istudenti fil-qasam tal-mediċina fil-Polonja flivell universitarju (inklużi studenti li bdew l-istudji tagħhom qabel is-sena akkademika 2021/2022) li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				TRU TAL-4		għall-istudenti ta' studji mħallsa fil-qasam tal-mediċina flivell universitarju. L-istudent għandu jkun jista' japplika għal ħlas lura antiċipat tas-self jew għal estensjoni tal-perjodu ta' ħlas lura tiegħu. Wara li jissodisfa ċerti kundizzjonijiet speċifikati fl-Att, l-istudent għandu jkun jista' japplika għal remissjoni parzjali jew sħiħa tas-self għal studji mediċi. L-istudenti li jieħdu vantaġġ mill-appoġġ għandhom ikunu jistgħu japplikaw għal remissjoni sħiħa tas-self meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: — xogħol wara l-gradwazzjoni għal perjodu ta' mhux inqas minn 10 snin fi żmien 12 snin konsekuttivi mid-data tal-gradwazzjoni, f'entitajiet li jwettqu attivitajiet mediċi fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja, li jipprovdu servizzi tal-kura tas-saħħa ffinanzjati minn fondi pubbliċi, u — ikseb it-titolu ta' speċjalista fil-perjodu msemmi hawn fuq, f'qasam ta' mediċina rikonoxxut bħala prijorità fil-jum li t-tabib jibda t-taħriġ ta' speċjalizzazzjoni. Persuna li tissodisfa dawn iż-żewġ kundizzjonijiet m'għandhiex għalfejn tirrimborża s-self għal studji mediċi. Il-kundizzjonijiet u l-proċedura dettaljati għall-kanċellazzjoni tas-self għandhom jiġu speċifikati fl-att leġiżlattiv.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
D24G	D2.1 Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku	Tal-UE	L-għadd ta' studenti tal-universitajiet mediċi li rċevew appoġġ finanzjarju f'konformità mal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Għolja u x-Xjenza u dwar il-Professjonijiet tat-Tobba u d-Dentist		Għadd	0	9 947	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	9 947 student għandhom ikunu rċevew appoġġ finanzjarju fil-forma ta' self għall-istudenti ta' studji bi ħlas bil-Pollakk fil-qasam tal-mediċina, ibbażat fuq l-emenda għal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Għolja u x-Xjenza u fuq il-Professjonijiet tat-Tobba u d-Dentist.
D25G	D2.1 Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att leġiżlattiv dwar il-professjoni ta' paramediku u l-awtonomija tal-paramediċi, li għandu jintroduċi l-possibbiltà li jinħolqu programmi tat-tieni ċiklu fil-qasam tat-tħejjija għall-professjoni ta' paramediku	Dispożizzjoni fl-Att leġiżlattiv dwar il-professjoni ta' paramediku u l-awtogovernanza ta' paramediċi li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Sabiex jittejjbu l-kompetenzi tal-paramediċi, att leġiżlattiv għandu jidħol fis-seħħ u jippermetti l-ħolqien ta' programmi tat-tieni ċiklu fil-qasam tal-paramedika, definiti bħala studji ta' sentejn li jintemmu bil-kisba ta' lawrja ta' master. Il-kisba ta' lawrja ta' master għandha tippermetti lill-paramediċi jkissbu kwalifiki addizzjonali, li għandhom l-għan li jissarrfu fi klassifikazzjoni ogħla fil-kategorija tas-salarju.
D26G	D2.1 Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku	Tal-UE	Għadd ta' paramediċi li lestew il-lawrja ta' Masters tagħhom		Għadd	0	1 250	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	1 250 paramediċi għandhom ikunu lestew l-istudji tat-tieni ċiklu tagħhom fis-servizzi mediċi ta' emerġenza.
D27G	D2.1 Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' atti legali li għandhom l-għan li jtejjbu l-attrazzjoni tal-impjiegi mediċi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema mediċi	Dispożizzjonijiet fl-atti legali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Pakkett ta' atti legali għandu jidħol fis-seħħ u jikkonsisti f'regolament dwar il-kompetenza professjonali tat-tobba u d-dentisti, emenda għall-att dwar il-professjoni ta' tabib u dentist, emenda għar-regolament dwar l-internship postgradwatorju għat-tobba u d-dentisti, emenda għar-regolament dwar il-kurrikulu ewlieni għall-edukazzjoni fil-professjonijiet tal-

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										edukazzjoni vokazzjonali, emenda għall-att dwar il-metodu għad-determinazzjoni tas-salarju bażiku l-aktar baxx ta' ċerti impjegati li jaħdmu f'entitajiet tal-kura tas-saħħa, inklużi dispożizzjonijiet dwar: 1) iż-żieda fil-flessibbiltà tal-proċess ta' edukazzjoni medika postgradwatorja bl-introduzzjoni ta' kompetenzi mediċi ċċertifikati, li jagħmluha possibbli li l-eżami ta' speċjalizzazzjoni jsir wara li tkun tlestiet is-sena ta' qabel tal-aħħar tat-taħriġ ta' speċjalizzazzjoni u wara li jinbidel il-programm ta' internship postgradwatorju, 2) l-introduzzjoni ta' sistema ċentrali għall-kwalifikazzjoni u l-allokazzjoni ta' postijiet ta' speċjalizzazzjoni, 3) il-ħelsien mit-tobba bit-tnedija ta' korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat fil-qasam tal-għajnuna operattiva għall-infermiera u l-paramediċi, 4) l-aġġornament tas-salarju bażiku l-aktar baxx tal-impjegati li jaħdmu f'entitajiet tal-kura tas-saħħa billi jiżdiedu r-rati tax-xogħol għall-gruppi okkupazzjonali kollha msemmija fl-Att tat-8 ta' Ġunju 2017 u t-tressiq' il quddiem b'nofs sena tar-rekwiżit għall-istabbilimenti mediċi kollha li jissodisfaw il-livelli tas-salarji bażiċi garantiti b'mod statutorju għall-ħaddiema mediċi: tobba, dentisti, tobba u dentisti apprendisti, infermiera, qwiebel, dijanjostiċi tal-laboratorju, fiżjoterapisti, spiżjara u

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										professjonisti mediċi oħra, u 5) it-trasferiment ta' xi kompetenzi mill-infermiera għall-indoktraturi mediċi.
D28G	D2.1 Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku	Tal-UE	L-għadd ta' tobba u dentisti li kisbu ċertifikat li jikkonferma l-kompetenzi mediċi professjonali tagħhom		Għadd	0	54 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	54 000 tabib u dentisti għandhom jirċievu ċertifikat li jikkonferma l-kompetenzi professjonali mediċi addizzjonali tagħhom. Iċ-ċertifikat tal-kwalifiki professjonali għandu jingħata minn soċjetà xjentifika nazzjonali jew minn istitut ta' riċerka tal-Istat xieraq għal ħila professjonali partikolari u mdaħħal fir-reġistru miżmum mid-direttur taċ-Ċentru Mediku għall-Edukazzjoni Postgradwata.
D29G	D2.1.1 Investimenti relatati mal-modernizzazzjoni u l-modifika retroattiva tal-faċilitajiet tat-tagħlim bl-għan li jiżiedu l-limiti ta' ammissjoni għall-istudji mediċi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali li jistabbilixxi sistema ta' inċentivi biex jitwettqu u jitkomplew l-istudji f'fakultajiet universitarji mediċi magħżula permezz ta' boroż ta' studju, finanzjament għal studji u mentoraġġ	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	L-att legali li jintroduċi s-sistema temporanja ta' inċentivi biex l-istudji mediċi jsiru aktar attraenti għandu jinkludi l-possibbiltà li: — l-għoti ta' boroż ta' studju, il-kofinanzjament ta' studji mħallsa u l-finanzjament tal-mentoraġġ tal-istudenti ta' servizzi ta' infermiera, ta' qwiebel u mediċi ta' emerġenza; u għal — l-għoti ta' boroż ta' studju għall-istudenti fl-oqsma tal-mediċina, il-mediċina u d-dentistrija, l-analitika medika, kif ukoll il-farmakija u l-fiżjoterapija. L-att legali li jintroduċi s-sistema għandu jinkludi obbligu li tiġi rieżaminata l-prestazzjoni tas-sistema fi tmiem il-perjodu tal-RRF u li jiġi analizzat l-impatt tal-iskema ta' inċentivi implimentata fuq l-għadd ta'

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										studenti fl-edukazzjoni bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni dwar it-tkomplija possibbli tagħha.
D30G	D2.1.1 Investimenti relatati mal-modernizzazzjoni u l-modifika retroattiva tal-faċilitajiet tat-tagħlim bl-għan li jiżiedu l-limiti ta' ammissjoni għall-istudji mediċi	Tal-UE	Numru ta' studenti ta' infermiera, qwiebel, servizzi mediċi ta' emerġenza, mediċina, dentistrja, analitika medika, fiżjoterapija u spiżerija li rċevew borża ta' studju u studenti jew gradwati ta' infermiera, qwiebel, servizzi mediċi ta' emerġenza koperti minn borża ta' studju, kofinanzjament ta' studju jew mentoraġġ		Għadd	0	25 400	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	25 400 student u gradwat għandhom ikunu rċevew appoġġ abbażi tas-"Sistema ta' inċentivi biex iwettqu u jkomplu l-istudji f'fakultajiet mediċi magħżula permezz ta' boroż ta' studju, finanzjament għal studji u mentoraġġ", fil-forma ta' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — borża ta' studju għal ċiklu ta' edukazzjoni mitmum ta' tliet snin, kofinanzjament għall-ewwel ċiklu komplut ta' studji jew assenjazzjoni ta' mentor, għal studenti ta' infermiera, qwiebel u studenti ta' emerġenza medika, jew — l-assenjazzjoni ta' mentor, għall-gradwati ta' studji tal-infermerija, tal-qwiebel u tal-paramediċi jew — borża ta' studju għal perjodu komplut ta' tliet snin ta' studju, għall-istudenti fl-oqsma tal-mediċina, tad-dentistrja, tal-analista mediku, tal-fiżjoterapija u tal-farmaċija. 4 400 student għandhom jibbenefikaw minn kofinanzjament ta' studji f'konformità ma' dan ta' hawn fuq. 6 000 student għandhom jibbenefikaw minn borża ta' studju f'konformità ma' dan ta' hawn fuq. Mill-inqas 15 000 student jew gradwat għandhom jiġu assenjati mentor f'konformità ma' dan ta' hawn fuq.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
D31G	D2.1.1 Investimenti relatati mal-modernizzazzjoni u l-modifika retroattiva tal-faċilitajiet tat-tagħlim bl-għan li jżiedu l-limiti ta' ammissjoni għall-istudji mediċi	Tal-UE	L-għadd ta' faċilitajiet ta' tagħlim modernizzati għall-edukazzjoni preklinika (inklużi ċ-Ċentri ta' Simulazzjoni Medika), faċilitajiet adattati tal-bażi klinika użati fit-tagħlim fi sptarijiet kliniċi ċentrali, infrastrutturi modernizzati tal-libreriji u dormitorji tal-istudenti f'universitajiet mediċi		Għadd	0	212	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	212 proġett għandhom jitlestew, inklużi dawn li ġejjin: — ir-rinnovazzjoni, il-modifika retroattiva tal-bażi didattika użata għall-edukazzjoni preklinika u l-ħolqien ta' faċilitajiet ġodda (inklużi ċ-Ċentri ta' Simulazzjoni Medika). 140 il-faċilitajiet għandhom jiġu appoġġati (inkluża l-konstruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda); — il-modernizzazzjoni jew il-ħolqien ta' bażi klinika użata għall-edukazzjoni tal-istudenti fi sptarijiet kliniċi ċentrali (l-adattament tal-operat ta' din il-bażi għall-kundizzjonijiet ta' riskju epidemjoloġiku, il-konnessjoni ta' kliniki f'entitajiet mediċi oħra ma' sptarijiet kliniċi ċentrali, l-iżvilupp ta' kliniċi meħtieġa f'żoni b'defiċit, bħal mard infettiv u onkoloġija). 42 il-faċilitajiet għandhom jiġu appoġġati; — ir-rinnovazzjoni tal-libreriji fl-universitajiet mediċi biex jiġi żgurat l-użu mingħajr kuntatt tar-riżorsi tal-librerija u postijiet sikuri għall-awtostudju. 3 proġetti dwar ir-rinnovazzjoni tal-libreriji għandhom jiġu appoġġati; u għal — ir-rinnovazzjoni tad-dormitorji tal-istudenti fl-universitajiet mediċi sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet li jirriżultaw mir-rekwiżiti sanitarji. Għandhom jiġu appoġġati 27 proġett dwar ir-rinnovazzjoni tad-dormitorji tal-istudenti.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										L-ebda xiri ta' art m'għandu jkun kopert. Il-proġetti għandhom jiġu implimentati abbażi ta' sejħiet għall-offerti jew kompetizzjonijiet ta' għotjiet miftuħa. L-għażla tar-riċevituri għandha ssir b'mod trasparenti u oġġettiv. Kull ftehim ta' għotja għandu jinkludi l-ammont finanzjarju riċevut u d-dettalji tal-proġett.
D32G	D3.1 Żieda fl-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema tal-kura tas-saħħa billi jiġi appoġġat il-potenzjal Pollakk għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem	Dispożizzjoni fl-Att li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	L-att dwar il-provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem għandu jidħol fis-seħħ u jinkludi: — regoli trasparenti, u — Faċilitajiet u mekkaniżmi addizzjonali li jinkoraġġixxu l-provi kliniċi fil-Polonja u jtejbju l-kwalità u s-simplifikazzjoni tal-provi kliniċi fil-Polonja. Dan l-Att għandu jaġġorna wkoll il-qafas legali li jirregola s-settur bijomediku b'mod ġenerali fil-Polonja, inkluż ir-Riċerka u l-Iżvilupp, sa fejn tali aġġornament jitqies bħala meħtieġ fil-Pjan Strateġiku tal-Gvern għall-Iżvilupp tas-Settur Bijomediku fil-Polonja.
D33G	D3.1 Żieda fl-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema tal-kura tas-saħħa billi jiġi appoġġat il-potenzjal Pollakk għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ jew implimentazzjoni tal-azzjonijiet ewlenin speċifikati fil-Pjan Strateġiku tal-Gvern għall-Iżvilupp tas-Settur Bijomediku f'konformità mal-	Dispożizzjonijiet fid-dokumenti sottostanti li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom jew l-implimentazzjoni tagħhom, skont it-tip ta'				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	L-azzjonijiet identifikati bħala "azzjonijiet ewlenin" fil-Pjan Strateġiku għandhom jidħlu fis-seħħ jew jiġu implimentati f'konformità mal-iskeda inkluża fil-Pjan Strateġiku u sal-punt determinat mill-Pjan Strateġiku. L-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku nnifsu fil-forma ta' riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			iskeda ta' żmien stabbilita fil-Pjan Strateġiku	azzjonijiet ewlenin identifikati fil-Pjan Strateġiku						għandha ssir fl-2022. L-azzjonijiet ewlenin għandhom jinkludu t-tfassil tas-sistema ta' ġestjoni tal-iżvilupp tas-settur, l-ewwel kompetizzjonijiet ta' għotjiet f'oqsma ta' prijorità u l-monitoraġġ permanenti tas-suq bijomediku Pollakk.
D34G	D3.1.1 Żvilupp komprensiv tar-riċerka fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' pjattaforma elettronika għan-Network Pollakk tal-Provi Kliniċi	Dħul fis-seħħ tal-pjattaforma għan-Network Pollakk għall-Provi Kliniċi				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Il-pjattaforma elettronika għandha tibda topera. Il-pjattaforma għandha tinkludi għodod għall-koordinazzjoni tal-operat tan-network, magna tat-tiftix li tippermetti l-identifikazzjoni tal-provi kliniċi, sit web li juża l-magna tat-tiftix imsemmija hawn fuq iddedikata għall-pazjenti li jkunu qed ifittxu opportunità li jieħdu sehem fi provi kliniċi u magna tat-tiftix għall-professjonisti involuti fl-iżvilupp ta' provi kliniċi jew fit-tweġġ tagħhom.
D36G	D3.1.1 Żvilupp komprensiv tar-riċerka fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa	Tal-UE	Għadd ta' proġetti ffinanzjati għal unitajiet ta' riċerka u intraprendituri fis-settur bijomediku		Għadd	0	60	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Għandhom jiġu approvati rapporti finali ta' mill-inqas 60 proġett appoġġat. Għandu jingħata appoġġ lill-unitajiet tar-riċerka u lill-intraprendituri fil-qasam tal-innovazzjonijiet farmaċewtiċi, tal-apparat mediku u tas-soluzzjonijiet tal-IT, f'konformità mal-Pjan Strateġiku għall-Iżvilupp tas-Settur Bijomediku fil-Polonja. Is-suġġett tal-kompetizzjonijiet għandu jiffoka fuq ir-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward tal-innovazzjonijiet tal-prodotti, bħall-mediċini, l-iżvilupp u/jew it-titjib tal-apparati mediċi, inkluż għall-użu mobbli, kif ukoll l-iżvilupp ta' għodod

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										tal-ICT għal skopijiet mediċi u tas-saħħa. Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz ta' kompetizzjonijiet ta' għotjiet miftuħa. Kull ftehim ta' għotja għandu jinkludi l-ammont finanzjarju mogħti u d-dettalji tal-proġett.
D37G	D3.1.1 Żvilupp komprensiv tar-riċerka fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa	Tal-UE	L-għadd ta' Ċentri eżistenti ta' Appoġġ għall-Provi Kliniċi maħluqa u l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tagħhom		Għadd	0	28	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-istabbiliment ta' 10 Ċentru ta' Appoġġ għall-Provi Kliniċi (CTSC) addizzjonali għandu jitlesta kif ukoll jipprovdi appoġġ lil 18 CTSC eżistenti. Dawn għandhom ikunu jinsabu fl-istruttura tal-entitajiet tal-kura tas-saħħa, li jkollhom rwol ċentrali fl-għoti ta' appoġġ professjonali (min-naħa tal-isptar) għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka klinika u l-isponsors tal-provi kliniċi (kumpaniji farmaċewtiċi) biex irawmu n-negozjar, l-ikkuntrattar u l-bidu tal-provi kliniċi (CT). Barra minn hekk, is-CTSC eżistenti għandha tingħata l-opportunità li tapplika biex tirċievi finanzjament għal attivitajiet magħżula relatati ma': — edukazzjoni u taħriġ għal mill-inqas 1 minn 3 gruppi riċevituri: timijiet ta' ġestjoni, xjenzati u pazjenti, — it-tnejn tas-CTSC biex iwettaq riċerka deċentralizzata (bl-approċċ iċċentrat fuq il-pazjent), — il-promozzjoni tal-provi kliniċi fis-soċjetà, — l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT,

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										— il-modernizzazzjoni jew l-adattament tal-infrastruttura eżistenti, — it-tfassil ta' proċessi u proċeduri ġodda u l-modifika tal-istruttura organizzazzjonali fl-istituzzjonijiet u r-remunerazzjoni tal-impjegati. Kull ftehim ta' għotja għandu jinkludi l-ammont finanzjarju mogħti u d-dettalji tal-proġett.
D38G	D4.1.1 Żvilupp tal-kura fit-tul permezz tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-entitajiet mediċi fil-livell distrettwali	Stadju importanti	Lista ta' sptarijiet distrettwali magħżula għall-appoġġ għall-ħolqien ta' sodod fit-tul u ġerjatriċi, abbażi ta' kriterji speċifiċi tal-għażla	Pubblikazzjoni tal-lista ta' sptarijiet magħżula				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Għandha titwassal lista ta' sptarijiet distrettwali magħżula għall-appoġġ għall-ħolqien ta' sodod għal żmien twil u ġerjatriċi. L-għażla għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kriterji li għandhom jinkludu kundizzjonijiet lokali għal: — ix-xejriet demografiċi, — id-densità tal-popolazzjoni, — il-ħtiġijiet tal-kura fit-tul, — is-saturazzjoni tas-servizzi tal-kura fit-tul/ġerjatriċi, — il-kwalità tal-kura, u — konformità ma' pjanijiet ta' ristrutturar jew dokumenti ekwivalenti għal sptar partikolari. Dokument ekwivalenti għandu jkun fih mill-inqas: informazzjoni dwar miżuri biex tiġi żgurata kundizzjoni finanzjarja soda tal — sptar ikkonċernat, inklużi dettalji dwar in-natura ta' dawn il-miżuri, l-iskeda ta' żmien tagħhom, l-ispiża tagħhom u dawk mistennija

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										ir-riżultati finanzjarji, il-korp responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u l-arranġamenti ta' monitoraġġ.
D39G	D4.1.1 Żvilupp tal-kura fit-tul permezz tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-entitajiet mediċi fil-livell distrettwali	Tal-UE	Kuntratti ffirmati bejn sptarjiet distrettwali u l-Ministeru tas-Saħħa (jew istituzzjoni oħra indikata mill-Ministeru) għal appoġġ għall-investment fil-ħolqien ta' unitajiet/ċentri tal-kura fit-tul u ġerjatrika		Għadd	0	76	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Il-kuntratti għal proġetti ta' investment għandhom jiġu ffirmati bejn l-isptarjiet u l-Ministeru tas-Saħħa (jew istituzzjoni oħra indikata mill-Ministeru). Il-kuntratti għandhom ikunu bbażati fuq dispożizzjonijiet trasparenti u ċari u jikkontribwixxu għall-oġġettiv tal-iżvilupp ta' servizzi ta' kura fit-tul u ta' kura ġerjatrika. L-investment għandu jappoġġa x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni meħtieġa u x-xiri ta' tagħmir rilevanti.
D40G	D4.1.1 Żvilupp tal-kura fit-tul permezz tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-entitajiet mediċi fil-livell distrettwali	Tal-UE	Proġetti ffinalizzati li jiżviluppaw l-għoti ta' kura fit-tul u kura ġerjatrika fi sptarjiet distrettwali		Għadd	0	76	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Il-proġetti ta' investment imwettqa abbażi ta' kuntratti ffirmati għandhom jiġu ffinalizzati. Il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettiv tal-iżvilupp ta' kura fit-tul u kura ġerjatrika fi sptarjiet distrettwali billi jżidu d-disponibbiltà tagħha u jtejbu l-kwalità. Il-proġetti għandhom jappoġġaw ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni meħtieġa u x-xiri ta' tagħmir rilevanti.

D.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

D1.2 Żieda fl-effiċjenza, id-disponibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul tal-fornituri tal-kura tas-saħħa fil-livell distrettwali

L-objettiv tar-riforma huwa li tappoġġa t-trasformazzjoni tal-isptarijiet distrettwali funitajiet jew ċentri tal-kura fit-tul u ġerjatrika. Ir-riforma għandha tkun ibbażata legalment fuq att leġislativ iddedikat li jibni fuq il-konklużjonijiet ta' rieżami tal-potenzjal għall-istabbiliment ta' unitajiet/ċentri tal-kura ġerjatrika fit-tul fi sptarijiet distrettwali fil-Polonja. Ir-riforma għandha tkun konformi wkoll mal-Istrateġija ta' Deistituzzjonalizzazzjoni mħejjija mill-Ministeru tas-Saħħa (anness għall- "Qafas strateġiku dwar l-iżvilupp tas-sistema tal-kura tas-saħħa fil-Polonja 2021–27 — Futur b'Saħħtu").

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

D.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
D1L	D1.2 Żieda fl-effiċjenza, id-disponibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul tal-fornituri tal-kura tas-saħħa fil-livell distrettwali	Stadju importanti	Rieżami tal-potenzjal għall-istabbiliment ta' unitajiet/ċentri tal-kura fit-tul u tal-kura ġerjatrika fi sptarijiet distrettwali fil-Polonja	Pubblikazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Pubblikazzjoni ta' rieżami, bħala parti mill-analiżi strateġika ġenerali tal-kura fit-tul fil-Polonja prevista taħt il-komponent A, dwar il-potenzjal li jiġu stabbiliti unitajiet/ċentri tal-kura fit-tul u tal-kura ġerjatrika fi sptarijiet distrettwali (inkluż it-trasformazzjoni ta' partijiet ta' sptarijiet distrettwali). Ir-rieżami għandu jespjora b'mod partikolari l-modi possibbli biex: — iżżid id-disponibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa fit-tul billi tindirizza l-lakuni identifikati fil-forniment tal-kura fit-tul, b'mod partikolari fil-livell distrettwali; — Telimina l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa fit-tul; — itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal mediku; u għal — ittejjeb il-kwalità tal-kura fit-tul.
D2L	D1.2 Żieda fl-effiċjenza, id-disponibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul tal-fornituri tal-kura tas-saħħa fil-livell distrettwali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv dwar l-appoġġ għall-istabbiliment ta' unitajiet/ċentri tal-kura fit-tul u ġerjatrika fi sptarijiet distrettwali, abbażi tar-riżultati tar-rieżami	Dispożizzjoni fl-att leġiżlattiv li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv, ibbażat fuq ir-riżultati tar-rieżami tal-potenzjal għall-istabbiliment ta' unitajiet/ċentri tal-kura fit-tul u tal-kura ġerjatrika fi sptarijiet distrettwali fil-Polonja. L-att għandu jispjega kif l-appoġġ għall-istabbiliment ta' unitajiet tal-kura fit-tul u unitajiet ġerjatriki u/jew ċentri fi sptarijiet distrettwali għandu jtejjeb l-għoti tal-kura, fost l-oħrajn, lill-anzjani fl-livell lokali. L-att leġiżlattiv għandu jkun konformi mal-"Qafas strateġiku dwar l-iżvilupp tas-sistema tal-kura tas-saħħa fil-Polonja 2021–27 — Futur b'Saħħu".

E. IL-KOMPONENT E: MOBBILTÀ EKOLOĠIKA U INTELLIĠENTI

Il-komponent tal-Pjan Pollakk għall-Irkupru u r-Reżiljenza jindirizza primarjament l-isfidi tas-settur tat-trasport Pollakk fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni u t-tniġġis tal-arja. Mill-1990, l-emissjonijiet tat-trasport żdiedu b' 214 %, prinċipalment minħabba żieda sinifikanti fit-trasport bit-triq. Bejn l-2005 u l-2019, it-traffiku fit-toroq kważi ttrippla, filwaqt li fit-trasport ferrovjarju ż-żieda korrispondenti kienet biss ta' 9 %. Il-komponent ifittex sinerġiji bejn id-dekarbonizzazzjoni u l-aġenda industrijali. Minħabba l-għadd għoli persistenti ta' mwiet fit-toroq fil-pajjiż, sfida oħra indirizzata mill-komponent hija s-sikurezza fit-toroq. Il-komponent jindirizza wkoll l-esklużjoni ta' ċerti żoni minn offerta vijabbli ta' trasport pubbliku.

Għalhekk, l-oġettiv ewlieni tal-komponent huwa li jintroduċi riformi u investiment biex jippromwovi t-trasport sostenibbli, permezz tat-trasport urban pubbliku, il-vetturi nodfa u l-infrastruttura korrispondenti, il-bidla modali mit-triq għall-ferroviji, u t-trasport intermodali. Is-sikurezza fit-toroq hija mmirata permezz ta' sett komprensiv ta' riformi u investiment fiż-żieda tas-sikurezza ta' sezzjonijiet speċifiċi tat-toroq. L-investimenti fit-trasport pubbliku rurali għandhom l-għan li jagħmlu dan it-trasport alternattiva vijabbli għall-karozzi u jtejbu l-koeżjoni u l-inklużjoni ekonomika u soċjali.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiffoka fuq l-innovazzjoni, it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà tiegħu, l-infrastruttura diġitali u tal-enerġija, il-kura tas-saħħa u l-enerġija aktar nadifa, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019) u biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari l-infrastruttura diġitali, il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nadifa u effiċjenti u t-trasport sostenibbli, li għandhom jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni gradwali tal-ekonomija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C 58/01). Il-proġetti kollha ta' investiment iffinanzjati taħt dan il-komponent li jeħtieġu deċiżjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali (VIA) għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2011/92/UE kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE. B'mod speċifiku, il-proġetti ġodda kollha li jeħtieġu VIA għandhom jiġu awtorizzati skont *l-Att dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ambjent u l-protezzjoni tiegħu, il-parteċipazzjoni pubblika fil-protezzjoni ambjentali u l-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, kif emendat mill-Att tat-30 ta' Marzu 2021 li jemenda dak l-Att u ċerti atti oħra*. Id-dispożizzjonijiet tal- "Linji Gwida dwar azzjonijiet ta' rimedju għal proġetti kofinanzjati mill-Fondi tal-UE affettwati mill-ksur 2016/2046", kif ikkomunikati lill-Polonja fit-23 ta' Frar 2021 (ref. Ares (2021) 1423319), għandhom jitqiesu għall-implimentazzjoni tal-proġetti kollha ta' investiment li għalihom intalab jew inħareġ deċiżjoni ambjentali jew permess ta' kostruzzjoni jew żvilupp qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tat-30 ta' Marzu 2021.

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

E1.1 Żieda fl-użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent

Din il-miżura tikkonsisti f'riforma u investiment.

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja mit-trasport u li jiżdied is-sehem tal-fjuwils alternattivi permezz ta' firxa wiesgħa ta' miżuri regolatorji u mhux regolatorji użati bħala parti minn strateġija komprensiva u fit-tul għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.

L-ewwel nett, dan l-oġġettiv għandu jintlaħaq billi jiġi stabbilit obbligu għall-operaturi u l-organizzaturi tat-trasport pubbliku li jixtru esklużivament xarabanks b'emissjonijiet żero fi bliet ta' aktar minn 100,000 abitant mill-1 ta' Jannar 2026.

It-tieni, l-użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent għandu jiġi mhegġegħ permezz ta' sett ta' miżuri li jappoġġaw lill-awtoritajiet lokali biex jistabbilixxu u jimplimentaw Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli ("SUMP"). Għandha tiġi stabbilita struttura amministrattiva b'riżorsi xierqa biex tipprovd i appoġġ tekniku u finanzjarju għall-iżvilupp ta' SUMPs lokali. Il-progress għandu jiġi mmonitorjat skont mira definita b'mod ċar.

It-tielet element ta' din ir-riforma għandu jikkonsisti fl-introduzzjoni ta' tariffa ta' reġistrazzjoni u tariffa ambjentali għal vetturi relatati mal-emissjonijiet f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". L-impatt ta' din ir-riforma, flimkien ma' miżuri oħra fuq l-użu ta' vetturi nodfa, għandu jitkejjel skont mira speċifika biex jiżdied is-sehem tal-vetturi elettriċi.

Għandha tiġi stabbilita wkoll mira speċifika għall-għadd ta' linji tal-karozzi tal-linja appoġġati mill-Fond għat-Trasport Pubbliku tal-Karozzi tal-linja biex tiġi promossa d-disponibbiltà tat-trasport pubbliku.

L-element ta' investiment ta' din il-miżura jikkonsisti fi skema ta' għotjiet biex tipprovd i appoġġ għall-akkwist ta' vetturi b'emissjonijiet żerotal-kategoriji M1, M2, u N1, b'baġit ta' EUR 273 750 000. Il-qafas tal-iskema tal-għotja jista' jiddefinixxi l-limitu tal-prezz għall-vetturi appoġġati, sabiex il-vetturi bi prezz raġonevoli biss ikunu eliġibbli għall-appoġġ. Fil-każ ta' lokazzjoni jew kiri fit-tul, l-ammont ta' appoġġ ma jistax jaqbeż it-tariffa inizzjali.

E1.1.1 Appoġġ għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju

L-oġġettiv ġenerali tal-investiment għandu jkun li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ekonomija b'livell baxx u żero ta' emissjonijiet tal-karbonju billi jappoġġa lill-industrija għas-setturi tal-mobbiltà nadifa u tal-enerġija. L-oġġettiv speċifiku tal-investiment għandu jkun li jżid il-potenzjal tas-setturi magħżula biex jiżviluppaw soluzzjonijiet ta' prodotti b'livell żero u baxx ta' karbonju.

Dawn l-oġġettivi għandhom jiġu segwiti permezz tal-istabbiliment ta' strument finanzjarju ddedikat (Fond) għall-proġetti industrijali msemmija hawn fuq. Il-prodotti u t-teknoloġiji appoġġati jistgħu b'mod partikolari jinkludu proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn l-intrapriżi li jiffukaw fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju b'enfasi fuq soluzzjonijiet innovattivi b'emissjonijiet baxxi u żero fil-qasam tal-mobbiltà sostenibbli u sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet żero u baxxi.

Dak il-fond, flimkien mal-istrateġija ta' investiment tiegħu, għandu jiġi stabbilit sat-30 ta' Ġunju 2022.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01), il-kriterji tal-għażla tal-istrument finanzjarju għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti; (III) attivitajiet relatati ma' miżblat tal-iskart, inċineraturi u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) attivitajiet fejn

ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Din il-miżura hija kkomplementata bil-miżura E3.1.1 Faċilità għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

E1.1.2 Trasport kollettiv b'emissjonijiet żero u baxxi (xarabanks)

L-investiment għandu l-għan li jagħmel it-trasport pubbliku aktar nadif u jżid l-attrazzjoni tiegħu vis-à-vis il-karozzi privati.

L-investiment għandu jikkonsisti fix-xiri ta' 579 xarabank b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi għat-trasport interurban sal-31 ta' Awwissu 2026.

Il-vetturi mixtrija għandhom jippermettu t-trasport kollettiv f'żoni extra-urbani li s'issa ġew esklużi mit-trasport. Tipi differenti ta' teknoloġiji huma previsti biex iħaddmu xarabanks b'emissjonijiet żero jew baxxi (batteriji elettriċi, ibridi klassiċi u plug-in, għall-gass: inklużi l-LNG, il-LPG, is-CNG u tipi oħra, li kollha jissodisfaw l-istandard EURO VI).

E2.1 It-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur ferrovjarju

L-oġettiv tar-riforma huwa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-operaturi ferrovjarji u li jiżdiedu l-kompetittività u l-effiċjenza tas-settur ferrovjarju fis-settur tat-trasport tal-Polonja.

Dan għandu jinkiseb billi jiġu stabbiliti prijoritajiet għat-trasport intermodali u tittejjeb il-kapaċità li jiġu ppjanati u implimentati proġetti ta' trasport ferrovjarju. Dan għandu jinkiseb ukoll billi l-maniġers tal-infrastruttura jkunu jistgħu jnaqqsu t-tariffi għall-aċċess għall-infrastruttura u jikkumpensaw lill-maniġers tal-infrastruttura għat-tnaqqis ta' dawk l-imposti.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Ir-riforma għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-vijabbiltà tal-ferroviji meta mqabbla ma' modi oħra ta' trasport billi testendi s-sistema ta' pedaġġ stradali għal 1 400 km addizzjonali ta' awtostradi u toroq espress.

E2.1.1 Il-linji ferrovjarji

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jżid il-kapaċità u l-veloċità kemm għat-trasport tal-merkanzija kif ukoll għat-trasport tal-passiġġieri.

L-investiment għandu jikkonsisti fit-tlestija ta' xogħlijiet fuq 500 km ta' linji ferrovjarji, li minnhom 250 km ta' linji għandhom jiġu rivitalizzati.

E2.1.2 Vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri

L-investiment għandu l-għan li jżid l-attrazzjoni u l-vijabbiltà tat-trasport ferrovjarju.

Dan għandu jinkiseb permezz tax-xiri ta' unitajiet ta' vetturi ferrovjarji għall-użu fuq distanzi twal u reġjonali. Il-vetturi ferrovjarji għandhom ikunu mingħajr emissjonijiet/elettriċi u mgħammra bis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju: 77 unità għal-linji reġjonali u 304 unità (56 lokomottivi ġodda u 248 vagun modernizzati) għal linji fuq distanzi twal (fi ħdan il-Kuntratti Pubbliċi ta' Servizz).

E2.1.3 Proġetti intermodali

L-investiment għandu l-għan li jappoġġa t-trasport intermodali permezz ta' investiment xieraq.

L-investiment għandu jikkonsisti fiż-żieda tal-kapaċità tat-terminals intermodali tat-trażbord, b'enfasi fuq it-terminals ferrovjarji, u l-konsenja tal-vetturi ferrovjarji. Il-ftehimiet finanzjarji korrispondenti għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2024. L-impatt tal-investiment għandu jitkejjel skont mira fformulata f'termini taż-żieda relattiva fil-kapaċità tat-trażbord tat-terminals appoġġati skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

E2.2 It-tishih tas-sikurezza tat-trasport

Ir-riforma għandha l-għan li żżid is-sikurezza tat-trasport, b'enfasi fuq is-sikurezza tal-utenti tat-trasport vulnerabbli.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'sett ta' bidliet leġiżlattivi li jintroduċu prijorità għall-persuni bil-mixi fil-qsim, veloċità uniformi f'żoni mibnija, u distanza minima bejn il-vetturi. Dawn il-bidliet leġiżlattivi kellhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-progress tar-riforma għandu jiġi segwit kontra mira tas-sikurezza fit-toroq dwar tnaqqis relattiv ta' mwiet u persuni midruba serjament f'konformità mal-għanijiet tal-UE dwar is-sikurezza fit-toroq.

E2.2.1 Investimenti fis-sikurezza tat-trasport

L-investiment għandu l-għan li jżid is-sikurezza tat-trasport bit-triq.

Dak l-investiment għandu jikkonsisti fit-titjib ta' 305 hotspots tas-sikurezza fit-toroq, il-kostruzzjoni ta' 90 km ta' bypasses, l-installazzjoni ta' 128 apparat awtomatiku ta' sorveljanza fit-toroq u s-sostituzzjoni ta' 106 559 takografu b'takografu intelliġenti.

L-investimenti għandhom jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026.

E2.2.2 Id-diġitalizzazzjoni tat-trasport

Il-miżura għandha l-għan li tagħmel il-ferroviji u t-trasport pubbliku aktar attraenti u effiċjenti permezz tal-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali.

Il-miżura għandha tinkludi investimenti fi:

- ix-xiri u l-installazzjoni ta' 144 tagħmir tal-ERTMS abbord;
- tagħmir installat għall-kontroll awtomatiku li jippermetti l-ġestjoni ta' żoni ferrovjarji partikolari minn ċentri lokali tal-ġestjoni tat-traffiku fuq 43 stazzjon tat-traffiku ferrovjarju;
- il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' qsim ferrovjarju fi 102-il post (inklużi xatbiet, sistemi ta' sikurezza tal-ħoss u tad-dawl);
- kostruzzjoni ta' 42 SDIPs (Sistemi Dinamiċi ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri).

Il-miżura għandha tlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
E1G	E1.1 Żieda fl-użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi obbligu għall-operaturi u l-organizzaturi tat-trasport pubbliku biex jixtru esklużivament xarabanks b'emissjonijiet żero fi bliet ta' aktar minn 100,000 abitant mill-1 ta' Jannar 2026	Dispożizzjoni f'liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Il-liġi għandha timponi obbligu legali għall-operaturi u l-organizzaturi tat-trasport pubbliku fil-bliet ta' aktar minn 100,000 abitant biex jixtru esklużivament xarabanks b'emissjonijiet żero mill-1 ta' Jannar 2026.
E2G	E1.1 Żieda fl-użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent	Stadju importanti	Miżuri li jappoġġaw l-iżvilupp ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) u l-adozzjoni ta' inċentivi għall-implimentazzjoni tas-SUMPs li jipprovdu appoġġ tekniku u finanzjarju liż-żoni urbani funzjonali kollha mill-Ministeru tal-Infrastruttura	Dispożizzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	L-introduzzjoni ta' miżuri li jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMPs). Dawk il-miżuri għandhom jinkludu: - struttura ġdida għall-appoġġ għall-implimentazzjoni tas-SUMPs ma' Kumitat ta' Tmexxija tas-SUMP biex jiġu stimulat l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-SUMPs; - ċentru ta' kompetenza tas-SUMP fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, li għandu jipprovdi appoġġ konsultattiv u finanzjarju lill-unitajiet tal-gvern lokali; - il-Plenipotenzzjarju għas-SUMP fil-Ministeru tal-Infrastruttura. Il-qafas il-ġdid għandu jippermetti l-għoti ta' appoġġ tekniku u finanzjarju adegwat lill-entitajiet interessati fit-tħejjija tas-SUMPs u għandu jtejjeb l-attivitajiet imwettqa f'dan il-qasam mill-amministrazzjoni ċentrali.

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
E3G	E1.1 Żieda fl- użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill- ambjent	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali li jintroduċi tariffa ta' reġistrazzjoni għal vetturi relatati mal- emissjonijiet f'konformità mal- prinċipju ta' "min iniegges iħallas"	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Att legali għandu jintroduċi miżuri finanzjarji u fiskali li jstimulaw id-domanda għal vetturi aktar nodfa, inklużi tariffi ta' reġistrazzjoni ogħla għall-vetturi b'kombustjoni, u li jsaħħu l- miżuri dwar id-deprezzament aċċellerat tal- vetturi elettriċi. It-tariffa għandha tiddependi fuq l-emissjonijiet tas-CO2 u/jew tal-NOx. L- introjtu mit-tariffi għandu jintuża għat-tnaqqis ta' esternalitajiet negattivi tat-trasport u għall- iżvilupp ta' trasport pubbliku b'emissjonijiet baxxi kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali.
E4G	E1.1 Żieda fl- użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill- ambjent	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali li jintroduċi tariffa ambjentali għall-vetturi relatati mal-emissjonijiet f'konformità mal- prinċipju ta' "min iniegges iħallas"	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Għandha tiġi introdotta tariffa ambjentali għall- vetturi tal-kombustjoni (kategoriji M1 u N1) għall-imprendituri u għandha tkun korrelata mal-emissjonijiet ta' CO2 u NOx ta' vettura, bil-possibbiltà li jintużaw indikaturi xierqa. It- tariffa ambjentali għandha tkun applikabbli mill-ewwel trimestru tal-1 2026. Eżenzjoni de minimis għall-intraprendituri b'vettura waħda biss hija possibbli. L-introjtu mit-tariffa għandu jintuża għat-tnaqqis tal-esternalitajiet negattivi tat-trasport u għall-iżvilupp tat- trasport pubbliku b'emissjonijiet baxxi kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali.

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
E4aG	E1.1 Żieda fl-użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent	Stadju importanti	It-tnejn tal-iskema tal-għotjiet	Bidu tal-operat tal-iskema ta' għotjiet				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Għandha tiġi stabbilita skema ta' għotjiet b'baġit ta' EUR 273 750 000 biex tappoġġa x-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero tal-kategorija M1, M2 u N1. L-iskema għandha tiġi ġestita mill-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma. Għandha titnieda sejħa għall-applikazzjonijiet mill-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma. Għall-vetturi M1 l-appoġġ: - ma għandhiex taqbeż PLN 40 000 għal kull riċevitur finali fil-każ ta' persuni fiżiċi u proprjetarji uniċi. - ma għandhiex taqbeż PLN 40 000 għal kull vettura fil-każ ta' parks nazzjonali. Għall-vetturi M2 u N1 l-appoġġ: - għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' għotjiet lil proprjetarji uniċi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, istituzzjonijiet u ċentri ta' kura u edukazzjoni, faċilitajiet mediċi u edukattivi u parks nazzjonali. - ma għandhiex taqbeż PLN 600 000 għal kull vettura M2, u PLN 70 000 għal kull vettura N1.

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
E4C G	E1.1. Żieda fl- użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill- ambjent	Tal-UE	Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali		Perċentwali (%)	0 %	100 %	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Il-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma, jew entitajiet oħra li lilhom il-Fond Nazzjonali għall- Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma jittrasferixxi fondi skont ftehim (eż. banek jew istitutzzjonijiet ta' kiri), għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' għotja legali mar-riċevituri finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal- baġit għall-iskema ta' għotja, u l-appoġġ rispettiv għandu jitħallas lir-riċevituri finali.
E5G	E1.1 Żieda fl- użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill- ambjent	Tal-UE	Bliet b'SUMPs ġodda adottati		Għadd	0	30	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Il-mira kwantitattiva tirreferi għall-għadd ta' bliet li jadottaw SUMP ġdid f'konformità mal- kunċett tas-SUMP fil-Komunikazzjoni l-ġdida dwar il-Qafas għall-Mobbiltà Urbana tal-UE tal-2021.
E6G	E1.1 Żieda fl- użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill- ambjent	Tal-UE	Linji tal-karozzi tal-linja appoġġati mill-Fond għat-Trasport Pubbliku tal-Karozzi tal-linja		Għadd	0	4 500	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' linji tal-karozzi tal-linja appoġġati mill-Fond għat-Trasport Pubbliku tal-Karozzi tal-linja. Il-Fond għandu jappoġġa t-trasport pubbliku li għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-trasport indivdwal u b'hekk inaqqas l-impatt negattiv tat-trasport fuq l-ambjent.
E7G	E1.1 Żieda fl- użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill- ambjent	Tal-UE	Vetturi ġodda b'emissjonijiet żero		% (perċentwali)	0	100	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għan huwa li jiżdied is-sehem b'mill-inqas 100 % ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet żero fis- suq (karozzi/karozzi tal-linja u vetturi tqal). Sa tmiem l-2020, l-għadd ta' vetturi elettriċi rreġistrati fil-Polonja kien ta' 10 041. Jekk wieħed jassumi n-numru ta' hawn fuq, dan ifisser li fi tmiem it-tieni trimestru tat-2 2026, l- għadd ta' vetturi elettriċi għandu jkun mill- inqas 20 082.
E8G	E1.1.1 Appoġġ għal ekonomija b'livell baxx	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' strument finanzjarju (Fond) għal mobbiltà u	Approvazzjon i u reġistrazzjoni tal-Fond,				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	L-istabbiliment tal-istrument finanzjarju ("il- Fond") biex jappoġġa l-ekonomija b'emissjonijiet baxxi fil-Polonja, inkluża l- istrateġija/il-politika ta' investiment relatata.

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ta' emissjonijiet ta' karbonju		enerġija b'emissjonijiet żero/baxxi	approvazzjoni tal-istrateġija ta' investiment mill-korpi governattivi tal-Fond						Din tal-aħħar għandha tiġi adottata mill-korpi governattivi tal-Fond, tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 relatata mal-istrumenti finanzjarji u tinkludi kriterji tal-għażla biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C 58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. B'mod partikolari għandha tiġi żgurata l-konformità tal-investimenti appoġġati mal-Artikoli 6 (3) u 12 tad-Direttiva dwar il-Habitats, u l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Għasafar u, fejn meħtieġ, għandha titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) jew skrinjar, f'konformità mad-Direttiva VIA. Il-Fond għandu jipprovdi strumenti finanzjarji (ekwità jew dejn) appoġġ għal proġetti ta' investiment relatati mal-proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi li jiffukaw fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, b'enfasi fuq soluzzjonijiet innovattivi b'emissjonijiet baxxi u żero fil-qasam tal-mobbiltà sostenibbli u sorsi ta' enerġija b'emissjonijiet żero/baxxi (minbarra l-Gass Naturali Kkompressat u l-Gass Naturali Likwifikat), primarjament implimentati mill-SMEs u mid-caps. Il-ġestjoni tal-Fond għandha tiġi fdata lil manijer tal-Fond magħżul permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti. Il-Kumitat tal-Investment tal-Fond għandu jiġi stabbilit u jkun responsabbli għall-approvazzjoni ta' proġetti ta' riċevituri finali (destinatarji ta' investiment) kif propost mill-manijer tal-Fond

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq u b'mod miftuħ u konformi mas-suq. L-istruttura tal-Fond għandha tippermetti l-ingranaġġ ta' fondi privati. L-atti legali sottostanti għandhom jiżguraw li kwalunkwe rimborż (jiġifieri mgħax fuq is-self, ir-redditu fuq l-ekwità, jew il-kapital imħallas lura, nieqes il-kostijiet assoċjati) marbut ma' dawn l-istrumenti għandu jintuża għall-istess għanijiet ta' politika, inkluż lil hinn mill-2026, jew biex jitħallas lura s-self mill-RRF.
E13G	E1.1.2 Trasport kollettiv b'emissjonijiet żero u baxxi (xarabanks)	Stadju importanti	Vetturi b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi: l-għażla tal- benefiċjarji	Kuntratti ffirmati				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Il-kuntratti għandhom jiġu ffirmati mal-entitajiet benefiċjarji magħżula (awtoritajiet lokali jew operaturi ta' servizz pubbliku) għal 579 xarabank ġdid b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi. L-entitajiet benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet trasparenti u kompetittivi miftuħa għall-awtoritajiet lokali u l-operaturi tas-servizz pubbliku kollha, għal trasport b'emissjonijiet żero u baxxi f'żoni mhux urbani. Il-kriterji għall-għażla tal-entitajiet benefiċjarji għandhom b'mod partikolari jirriflettu l-ħtiġijiet għal trasport pubbliku nadif u l-impatt fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet (b'mod partikolari għat-trasport urban b'emissjonijiet żero) u l-konġestjoni, l-appoġġ għaż-żoni tat-trasport esklużi, il-proġetti li jappoġġaw/jiżguraw l-integrazzjoni tat-trasport (bil-ferrovija, urbana, mhux urbana). Id-distribuzzjoni bilanċjata tal-vetturi fil-pajjiż għandha tiġi mħeġġa permezz ta' sejħiet miftuħa għal proposti li fihom kwalunkwe awtorità eliġibbli għandha tkun tista' tissottometti applikazzjoni.

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
E14G	E1.1.2 Trasport kollettiv b'emissjonijiet żero u baxxi (xarabanks)	Tal-UE	Vetturi ġodda b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi li qed jitħaddmu		Għadd	0	579	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	Xarabanks ġodda b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi, kif definiti fid- deskrizzjoni tal-miżura għandhom jitwasslu taħt kuntratti ffinanzjati minn dan l-investiment għat-trasport pubbliku suburban/rurali. L-għadd ta' karożżi tal-linja b'emissjonijiet baxxi ma għandux jaqbeż t-363 unità.
E15G	E2.1 It-tisħiħ tal- kompetittività tas-settur ferrovjarju	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar it- Trasport bil-Ferrovija li jiżgura r-reżiljenza tal- operaturi ferrovjarji. Deċiżjoni ministerjali dwar l-istabbiliment ta' prioritajiet għat-trasport intermodali u dwar it- tneħħija ta' punti ta' konġestjoni biex titrawwem il-kapaċità tal-ferroviji	Dispożizzjoni fl-att li jemenda l-Att dwar it- Trasport bil- Ferrovija li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu, u l- adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Ministru għall- Infrastruttura dwar il- kongestjonijie t.				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Att leġislativ li jemenda l-Att dwar it-Trasport bil-Ferrovija għandu jippermetti lill-maniġers tal-infrastruttura jnaqqsu t-tariffi għall-aċċess għall-infrastruttura u jikkompensaw lill- maniġers tal-infrastruttura għat-tnaqqis tal- imposti. L-iżvilupp tat-trasport intermodali għandu jitravwem permezz tal-miżuri li ġejjin: l-ippjanar, il-koordinazzjoni tal-programmi, l- innovazzjoni, l-investimenti, li jwasslu għal żieda fil-kapaċità intermodali, flimkien mal- istabbiliment ta' unità intermodali fil-Ministeru tal-Infrastruttura. L-istatus tan-network għandu jiġi analizzat b'enfasi fuq il-konġestjonijiet u għandha tittieħed Deċiżjoni mill-Ministru tal- Infrastruttura dwar prioritajiet għat-tneħħija ta' konġestjonijiet, li jwasslu għal żieda fil- kapaċità ferrovjarja.
E16G	E2.1 It-tisħiħ tal- kompetittività tas-settur ferrovjarju	Tal-UE	L-istabbiliment ta' sistema ta' pedaġġ f'toroq ġodda		km	0	1 400	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	It-tul ta' toroq ġodda soġġetti għal sistema ta' pedaġġ, li tkopri kemm l-awtostradi kif ukoll l- awtostradi.
E17G	E2.1.1 Il-linji ferrovjarji	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti	Kuntratti ffirmati				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Għandhom jiġu ffirmati kuntratti għax- xogħlijiet fuq 500 km ta' linji ferrovjarji li minnhom 250 km ta' linji għandhom jiġu rivitalizzati. Il-kuntratturi tal-modernizzazzjoni tal- infrastruttura ferrovjarja għandhom jintgħażlu

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku.
E18G	E2.1.1 Il-linji ferrovjarji	Tal-UE	Xogħlijiet fuq 500 km ta' linji ferrovjarji, li minnhom 250 km ta' linji għandhom jiġu rivitalizzati		Għadd	0	500	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	Ix-xogħlijiet fuq 500 km ta' linji ferrovjarji għandhom jitlestew, li minnhom 250 km ta' linji għandhom jiġu rivitalizzati.
E18a G	E2.1.1 Il-linji ferrovjarji	Tal-UE	It-tneħħija ta' 180 punti ta' konġestjoni (inklużi l-qsim invell)		Għadd	0	180	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	Ix-xogħlijiet għandhom jitlestew għat-tneħħija ta' 180 konġestjoni, inklużi l-passaġġi invell.
E19G	E2.1.2 Vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratti għal vetturi ferrovjarji tal- passiġġieri	Kuntratti ffirmati				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Il-proġetti għandhom jintgħażlu taħt sejħa kompetittiva u miftuħa għall-proposti. Wara s- sejħa, il-kuntratti mal-benefiċjarji magħżula għandhom jiġu ffirmati għall-konsenja ta' 77 unità ta' vetturi ferrovjarji b'emissjonijiet zero/elettriċi u mgħammra bl-ERTMS għat- trasport ferrovjarju reġjonali tal-passiġġieri. 304 unità ta' vetturi ferrovjarji elettriċi addizzjonali (56 lokomottivi ġodda u 248 vagon modernizzati) għandhom ikunu soġġetti għal kuntratti ffirmati mal-Kumpanija Ferrovarja Nazzjonali Pollakka PKP IC — operatur ta' ferroviji fuq distanzi twal.
E19a G	E2.1.2 Vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri	Tal-UE	Vetturi ferrovjarji elettriċi u mgħammra bl- ERTMS ikkonsenjati għal-linji ferrovjarji fuq distanzi twal		Għadd	0	160	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Għandhom jiġu kkonsenjati 10 lokomottiv ġdid u 150 vagon modernizzati għal-linji fuq distanzi twal.
E20G	E2.1.2 Vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri	Tal-UE	Vetturi ferrovjarji ġodda elettriċi u mgħammra bl- ERTMS għal-linji ferrovjarji reġjonali u fuq distanzi twal		Għadd	160	381	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' unitajiet ta' vetturi ferrovjarji ġodda għat-traffiku fuq distanzi twal u reġjonali aċċettati-provviżorjament (aċċettazzjoni teknika) wara l-kostruzzjoni tagħhom.

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Il-vetturi ferrovjarji għandhom ikunu b'emissjonijiet żero/elettriċi, konformi mal-prinċipji tad-DNSH (eż. b'emissjonijiet żero) u mgħammra bl-ERTMS. Għandu jkun hemm 77 unità għal-linji reġjonali u 304 unità (56 lokomottivi ġodda u 248 vagun modernizzati) għal-linji fuq distanzi twal (fi ħdan kuntratti ta' servizz pubbliku). Il-kuntratt ta' servizz pubbliku għandu jirrikjedi li l-vetturi ferrovjarji jiġu ttrasferiti lill-awtorità kompetenti jew lill-operatur li jmiss (bil-prezz tas-suq nett mill-għajnuna) fi tmiem il-kuntratt ta' servizz pubbliku.
E21G	E2.1.3 Proġetti intermodali	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratti għal proġetti ta' trasport intermodali	Kuntratti ffirmati				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Il-proġetti għandhom jintgħażlu taħt sejħa kompetittiva u miftuħa għall-proposti. Wara s-sejħa, il-kuntratti mal-benefiċjarji magħżula għandhom jiġu ffirmati għall-appoġġ ta' 5 terminal intermodali u t-twassil ta' 200 unità ta' vetturi ferrovjarji konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u mal-prinċipji tad-DNSH (eż. brejkijiet silenżjużi, b'emissjonijiet żero) u mas-Sistema Globali għall-Komunikazzjonijiet Mobbli (għal-lokomottivi).
E22G	E2.1.3 Proġetti intermodali	Tal-UE	Żieda fil-kapaċità tat- trażbord		% (perċentwali)	Linja bażi ta' 9,1 mln TEU/y kapaċità installata (ref 2020) għat- terminals kollha fil- Polonja	5	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Żieda fil-kapaċità tat-trażbord tat-terminals appoġġati taħt l-RRF b'mill-inqas 5 % vs il-linja bażi (2020).
E23G	E2.2 It-tisħiħ tas-sikurezza tat-trasport	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' atti legali li jintroduċu: prijorità għall-persuni	Dispożizzjoni jiet fl-atti legali li				IT-TIENI TRIMES	2021	Għandhom jiddaħħlu l-bidliet leġiżlattivi li ġejjin li jippromwovu s-sikurezza fit-toroq: il-prijorità tal-persuni bil-mixi fuq il-qsim, l-

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			bil-mixi fil-qsim, veloċità uniformi f'żoni mibnija distanza minima bejn il-vetturi, miri għas-sikurezza fit-toroq sal-2030 (-50 % fatalitajiet f'inċidenti)	jindikaw id- dħul fis-seħħ				TRU TAL-4		introduzzjoni ta' limitu tal-veloċità omoġenju fiż-żoni urbani (50 km/h) u d-distanza minima bejn il-vetturi fuq l-awtostradi u l-awtostradi (nofs il-veloċità f'metri). L-għan ġenerali għas- sikurezza fit-toroq għandu jiġi stabbilit fil- Programm Nazzjonali għas-Sikurezza fit-Toroq li jimmira għal tnaqqis ta' 50 % tal-imwiet fl- inċidenti fit-toroq sal-2030 vs l-2019 f'konformità mal-impenn tal-UE.
E24G	E2.2.1 Investimenti fis-sikurezza tat-trasport	Tal-UE	Il-kostruzzjoni ta' bypasses u t-titjib tal- hotspots tas-sikurezza fit-toroq		Għadd	0	10 km ta' bypasses, 125 hotspots	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Titjib ta' 125 hotspots tas-sikurezza fit-toroq u kostruzzjoni ta' 10 km ta' bypasses.
E25G	E2.2.1 Investimenti fis-sikurezza tat-trasport	Tal-UE	Il-kostruzzjoni ta' bypasses, it-titjib tal- hotspots tas-sikurezza fit-toroq, l-installazzjoni ta' apparat awtomatiku għas-sorveljanza fit- toroq, is-sostituzzjoni ta' takografi b'takografi intelliġenti		Għadd	10 km ta' bypasses, 125 hotspots	90 km ta' bypasses, 305 iswed/hotspots, 128 apparat, 106 559 takografu	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	It-titjib ta' 305 hotspots tas-sikurezza fit-toroq, il-kostruzzjoni ta' 90 km ta' bypasses, l- installazzjoni ta' 128 apparat ġdid ta' sorveljanza awtomatika, is-sostituzzjoni ta' 106 559 takografu b'takografu intelliġenti.
E27G	E2.2.2 Id- diġitalizzazzjo ni tat-trasport	Tal-UE	Tlestija: 10 postijiet SDIP, 10 postijiet ta' kontroll mill-bogħod u 30 postijiet ta' qsim ferrovjarju		Għadd	0	SDIP: 10 postijiet, kontroll: 10 post, qsim invell: 30 postijiet	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	L-installazzjoni ta' Sistema Dinamika ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (SDIP) f' 10 post, 10 post għal kontroll awtomatiku li jippermettu l-ġestjoni ta' żoni ferrovjarji partikolari minn ċentri lokali tal-ġestjoni tat- traffiku, 30 qsim invell li jikkonċernaw l- installazzjoni ta' apparati ta' sikurezza kkontrollati awtomatikament (xatba tal-qsim, sistemi ta' sinjalar bil-ħoss u bid-dawl).
E28G	E2.2.2 Id- diġitalizzazzjo ni tat-trasport	Tal-UE	Installazzjoni ta' kontroll awtomatiku, qsim invell, 144 unità abbord tal- ERTMS		Għadd	ERTMS: 0 SDIP: 10 postijiet, spezzjoni 10 postijiet,	144 unitajiet abbord tal- ERTMS;42 SDIP 102 post għall- qsim invell;	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	Tlestija ta' xogħlijiet relatati ma': l- installazzjoni ta' 144 unità abbord tal-ERTMS, l-installazzjoni ta' 42 SDIP, il- modernizzazzjoni tas-sistemi ta' qsim invell f' 102 post (inklużi l-bibien, is-sistemi ta' sikurezza tal-ħoss u tad-dawl) u l-introduzzjoni

Num ru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
						passaġġi invell: 30 postijiet	43 postijiet għall-kontroll awtomatiku			ta' kontroll awtomatiku tal-punti ta' kontroll ferrovjarju f' 43 post.

E.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

E1.2 Żieda fis-sehem tat-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-impatt negattiv tat-trasport fuq l-ambjent

Ir-riforma għandha l-għan li tnaqqas l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent u s-saħħa.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment ta' obbligu li jinħolqu żoni tat-trasport b'emissjonijiet baxxi fi bliet b'aktar minn 100 000 abitant, fejn jinqabżu l-limiti speċifiċi tat-tniġġis tal-arja (NO₂) kif identifikat fir-rapport dwar il-kwalità tal-arja li għandu jitħejja sat-30 ta' April ta' kull sena mill-Ispettorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ambjentali. Dawn iż-żoni għandhom jiġu stabbiliti mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

E1.2.1 Trasport pubbliku b'emissjonijiet żero fil-bliet (trammijiet)

L-investment għandu l-għan li jżid l-offerta ta' trasport pubbliku nadif fil-bliet.

L-appoġġ għandu jingħata bħala kwistjoni ta' prijorità lil żoni, fejn ġew introdotti jew huma ppjanati li jiġu introdotti żoni b'emissjonijiet baxxi.

L-investment għandu jikkonsisti fix-xiri ta' 88 vettura ferrovjarja b'emissjonijiet żero (trammijiet) għat-trasport pubbliku fil-bliet. Dawn għandhom jiġu ddikjarati lesti għall-aċċettazzjoni wara l-konstruzzjoni tagħhom sal-31 ta' Awwissu 2026.

E2.3 It-tisħiħ tal-aċċessibbiltà għat-trasport, is-sigurtà u s-soluzzjonijiet diġitali

Ir-riforma għandha l-għan li żżid l-aċċessibbiltà tat-trasport.

Dan għandu jikkonsisti f'implimentazzjoni aċċellerata tar-Regolament 1371/2007 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji u dwar l-adattamenti tal-vetturi ferrovjarji għall-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa. Ir-riforma għandha tidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022.

Ir-riforma għandha tinkludi wkoll dispożizzjonijiet rilevanti biex jiġu aġġornati l-vetturi ferrovjarji nazzjonali u internazzjonali b'rekwiżiti għall-passiġġieri b'diżabilità. Ir-riforma għandha tidħol fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2024.

Faċilità E3.1.1 għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju

Dan l-investment jikkomplementa l-miżura E1.1.1 Appoġġ għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

L-oġettiv ġenerali tal-investment huwa li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ekonomija b'livell baxx u żero ta' emissjonijiet tal-karbonju billi jappoġġa proġetti tal-industrija għas-setturi tal-mobbiltà nadifa u tal-enerġija. L-oġettiv speċifiku tal-investment huwa li jżid il-potenzjal ta' setturi magħżula biex jiżviluppaw soluzzjonijiet ta' prodotti b'livell żero u baxx ta' karbonju.

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investment pubbliku f'Faċilità li għandha topera billi tipprovdi investimenti ta' ekwità direttament lis-settur privat kif ukoll lis-settur pubbliku involut f'attivitajiet simili.

L-oġettiv tal-Faċilità għandu jkun li jikkontribwixxi biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni ta' vetturi u infrastruttura ġodda b'emissjonijiet żero għall-iżvilupp tal-elettromobbiltà, kif ukoll installazzjonijiet industrijali u soluzzjonijiet innovattivi mmirati lejn il-produzzjoni u l-ħżin ta' enerġija b'emissjonijiet żero.

Il-prodotti u t-teknoloġiji appoġġati jistgħu b'mod partikolari jinkludu proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn l-intrapriżi li jiffukaw fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju b'enfasi fuq soluzzjonijiet innovattivi b'emissjonijiet baxxi u żero fil-qasam tal-mobbiltà sostenibbli u sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet żero u baxxi.

Il-benefiċjarji tal-appoġġ għandhom ikunu kumpaniji li jipprovdu soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero tal-karbonju u attivi fis-suq tal-fjuwils alternattivi, inklużi l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. F'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, l-entitajiet pubbliċi li huma involuti f'attivitajiet simili bħall-entitajiet privati li jibbenefikaw mill-iskema finanzjarja jistgħu jiġu aċċettati wkoll bħala benefiċjarji finali tal-iskema finanzjarja.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma (NFOSiGW).

Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

E.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
E1L	E1.2 Żieda fis-sehem tat-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-impatt negattiv tat-trasport fuq l-ambjent	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali li jintroduċi obbligu ta' żoni b'emissjonijiet baxxi għal bliet magħżula u l-aktar imniġġsa	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	L-att legali għandu jistabbilixxi obbligu, mill-ewwel trimestru tal-1 2025, li jinħolqu żoni tat-trasport b'emissjonijiet baxxi fi bliet b'aktar minn 100 000 abitant, fejn ikun hemm eċċess ta' sustanzi perikolużi (NO2) vs limiti tat-tniġġis tal-arja tal-UE. L-att legali għandu jispjega li dan l-obbligu japplika għall-bliet kollha b'aktar minn 100 000 abitant li jaqbżu l-limiti fuq il-kwalità tal-arja kif identifikati fir-rapport dwar il-kwalità tal-arja li għandu jitħejja sat-30 ta' April ta' kull sena mill-Ispettorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ambjentali u li ż-żoni tat-trasport b'emissjonijiet baxxi għandhom jiġu stabbiliti f'tali bliet mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. L-att legali għandu jkompli jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jiġu introdotti żoni tat-trasport b'emissjonijiet baxxi fiż-żoni urbani kollha, irrispettivament mill-għadd ta' abitanti.
E2L	E1.2 Żieda fis-sehem tat-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-impatt negattiv tat-	Stadju importanti	L-introduzzjoni ta' żoni tat-trasport b'emissjonijiet baxxi implimentati mill-awtoritajiet municipli rilevanti	Introduzzjoni ta' żoni tat-trasport b'emissjonijiet baxxi				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-ewwel żoni tat-trasport b'emissjonijiet baxxi għandhom jiġu stabbiliti sal-1 ta' Jannar 2026 fi bliet b'aktar minn 100 abitant fejn jinqabżu l-limiti tal-kwalità tal-arja, kif identifikat fl-aħħar rapport dwar il-kwalità tal-arja tal-Ispettorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ambjentali disponibbli sat-30 ta' April 2025.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull oġġettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	trasport fuq l-ambjent									
E3L	E1.2.1 Trasport pubbliku b'emissjonijiet żero fil-bliet (trammijiet)	Stadju importanti	Trammijiet ġodda: l-għażla tal-benefiċjarji	Kuntratti ffirmati ma' entitajiet benefiċjarji				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Kuntratti ffirmati ma' entitajiet benefiċjarji (muniċipalitajiet jew operaturi ta' servizz pubbliku) għax-xiri u d-dħul fis-servizz ta' 88 tramm, wara sejħiet kompetittivi miftuħa u trasparenti. L-entitajiet benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet trasparenti u kompetittivi miftuħa għall-awtoritajiet lokali u l-operaturi tas-servizz pubbliku kollha. Il-kriterji għall-għażla tal-entitajiet benefiċjarji għandhom b'mod partikolari jirriflettu l-ħtiġijiet għal trasport pubbliku nadif u l-impatt fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-konġestjoni, il-maturità tal-proġetti. Għandha tingħata prijetà lil żoni fejn ġew introdotti jew huma ppjanati li jiġu introdotti żoni ta' trasport nodfa. Il-fondi għandhom jiġu allokati b'mod ġust u trasparenti kkonsultat mal-gvernijiet lokali u ma għandhomx jithallu lura mir-riċevituri finali jew mill-gvernijiet lokali lill-gvern Pollakk fi kwalunkwe forma.
E4L	E1.2.1 Trasport pubbliku b'emissjonijiet żero fil-bliet (trammijiet)	Tal-UE	Trammijiet ġodda għat-trasport urban pubbliku		Għadd	0	88	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	L-għadd ta' vetturi ferrovjarji ġodda b'emissjonijiet żero (trammijiet) għat-trasport pubbliku fl-ibliet iddikjarati lesti għall-aċċettazzjoni wara l-kostruzzjoni tagħhom. L-akkwist tat-trammijiet għandu jsir permezz ta' offerti miftuħa u kompetittivi ġestiti mill-entitajiet benefiċjarji.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										L-investiment għandu l-għan li jżid l-offerta ta' trasport pubbliku nadif fil-bliet. L-appoġġ għandu jingħata bħala kwistjoni ta' prijetà lil żoni fejn ġew introdotti jew huma ppjanati li jiġu introdotti żoni ta' trasport nodfa.
E5L	E2.3 It-tisħiħ tal-aċċessibbiltà għat-trasport, is-sigurtà u s-soluzzjonijiet diġitali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali li jintroduċi titjib fid-drittijiet tal-passiġġieri fil-qasam tar-rekwiżiti tal-vetturi ferrovjarji	Dispożizzjoni fl-atti legali li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	L-istandards tekniċi u funzjonali għall-investimenti ferrovjarji għandhom jiġu introdotti permezz ta' att legali sabiex jiġu żgurati soluzzjonijiet infrastrutturali adegwati li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa. Għal dan l-għan l-att legali għandu jħassar id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti għal deroga mir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji.
E6L	E2.3 It-tisħiħ tal-aċċessibbiltà għat-trasport, is-sigurtà u s-soluzzjonijiet diġitali	Stadju importanti	Obbligu li jiġu aġġornati l-vetturi ferrovjarji nazzjonali u internazzjonali b'rekwiżiti għall-passiġġieri b'diżabbiltà	Dispożizzjoni fl-atti legali li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet rilevanti biex il-vetturi ferrovjarji jiġu adattati għar-rekwiżiti tad-drittijiet tal-passiġġieri, filwaqt li jadattaw għar-Regolament 2021/782 l-Artikolu 9, it-Taqsima 3 (fejn il-modernizzazzjoni hija ġustifikabbli u razzjonali dwar il-ħajja mistennija tal-isfruttament tal-vetturi ferrovjarji) biex il-vetturi ferrovjarji nazzjonali u internazzjonali jiġu aġġornati għal passiġġieri b'diżabbiltà u jtejbju d-drittijiet tal-passiġġieri.
E7L	Faċilità E3.1.1 għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju	Stadju importanti	Emendi għall-politika ta' investiment	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-politika ta' investiment				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi meħtieġa għall-politika ta' investiment tal-Fond imsemmija fl-istadju importanti E8G sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura E3.1.1 Faċilità għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
E8L	Faċilità E3.1.1 għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju	Stadju importanti	Iffirmar tal-ftehim ta' implimentazzjoni	Iffirmar tal-ftehim ta' implimentazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	L-iffirmar tal-ftehim ta' implimentazzjoni mal-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma.
E9L	Faċilità E3.1.1 għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju	Stadju importanti	Firma tal — ftehimiet ta' finanzjament	L-iffirmar tal-ftehimiet ta' finanzjament				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-iffirmar tal-ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji finali magħżula f'konformità mal-politika ta' investiment.
E10L	Faċilità E3.1.1 għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju	Tal-UE	Tlestija ta' investimenti ta' ekwità	Fondi mwassla	EUR	0	1 113 750 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Konsenja ta' total ta' EUR 1 103 750 000 lill-benefiċjarji finali u EUR 10 000 000 għat-tariffa tal-ġestjoni għall-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma.

F. IL-KOMPONENT F: "IT-TITJIB TAL-KWALITÀ TAL-ISTITUZZJONIJIET U L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-RRP"

Il-Polonja qed tiffaċċja għadd ta' sfidi li ilhom jeżistu relatati mal-klima tal-investiment, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja Pollakka kif ukoll tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tat-tfassil tal-liġijiet.

Għalhekk, dan il-komponent ifittex primarjament li jtejjeb il-klima tal-investiment u jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għal implimentazzjoni effettiva tal-Pjan Pollakk għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għal dak l-għan, ir-riformi għandhom l-għan li: jissaħħu ċerti aspetti tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati; jirrimedjaw is-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u kawżi ta' immunità ġudizzjarja bil-ħsieb li jergġhu jiddaħħlu wara proċedimenti ta' rieżami pożittiv mill-Awla l-ġdida, li għandhom jitwettqu mingħajr dewmien; ittejjeb il-konsultazzjoni tas-sħab soċjali fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet; jiżdied l-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet; jitnaqqas l-użu ta' proċeduri rapidi fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet; tiżgura l-konsultazzjoni xierqa tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż permezz tal-ħolqien ta' Kumitat ta' Monitoraġġ u tiżgura l-applikazzjoni tal-ġhodda għall-kejl tar-riskju Arachne fl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex "[j] tejjeb l-ambjent regolatorju, b'mod partikolari billi jsahha ir-rwol tal-konsultazzjonijiet tas-sħab soċjali u l-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-proċess leġiżlattiv" (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2019) u biex "[i]l-klima tal-investiment, b'mod partikolari billi tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza ġudizzjarja" kif ukoll "jiġu żgurati konsultazzjonijiet pubbliċi effettivi u l-involvement tas-sħab soċjali fil-proċess tat-tfassil tal-politika" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2020).

F1 Sistema tal-ġustizzja

L-għan ewlieni tar-riformi huwa li jgħollu l-istandard tal-protezzjoni ġudizzjarja u li jtejbu l-klima tal-investiment fil-Polonja, kif ukoll li jappoġġaw is-sistema ta' kontroll intern imsemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, billi jsaħħu l-garanziji tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati.

Ir-riforma għandha tirriżulta f'tisħiħ tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati u l-imħallfin stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19 tat-TUE u l-acquis rilevanti tal-UE. F'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, kwalunkwe riforma oħra għandha titwettaq mingħajr ma tiddgħajef dan ir-riżultat u tħalli impatt negattiv fuq l-elementi ta' hawn taħt.

F1.1 Riforma li ssaħħa l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati

Ir-riforma għandha:

1. fil-kawżi kollha relatati mal-imħallfin, inklużi dawk dixxiplinari u t-tneħħija tal-immunità ġudizzjarja, jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Awla tal-Qorti Suprema, minbarra l-Awla Dixxiplinari eżistenti, li tissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 19 (1) tat-TUE. Dan għandu jiżgura li l-każijiet imsemmija hawn fuq jiġu eżaminati minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita bil-liġi, filwaqt li s-setgħa diskrezzjonali li

jinħatar it-tribunal dixxiplinari b'ġuriżdizzjoni fil-prim' istanza f'kawżi li jikkonċernaw imħallfin ta' qراطي ordinarji għandha tkun ċirkoskritta,

2. jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin, billi jiġi żgurat li d-dritt tal-qراطي Pollakki li jippreżentaw talbiet għal deċiżjonijiet preliminari lill-QĠUE ma jkunx ristrett. Tali talba ma għandhiex tkun raġuni biex jinbdew proċedimenti dixxiplinari kontra mħallf,
3. filwaqt li l-imħallfin xorta jistgħu jinżammu responsabbli għal kondotta professjonali ħażina, inkluż ksur ovvj u gravi tal-liġi, jiddeterminaw li l-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji ma jkunx ikklassifikat bħala reat dixxiplinari,
4. tiżgura li l-bidu tal-verifika, fi ħdan il-proċedimenti tal-qorti, jekk imħallf jissodisfax ir-rekwiżiti li jkun indipendenti, imparzjali u "stabbilit bil-liġi", skont l-Artikolu 19 tat-TUE, ikun possibbli għal qorti kompetenti meta jkun hemm dubju serju dwar dak il-punt u li tali verifika ma tkunx ikklassifikata bħala reat dixxiplinari,
5. isaħħu l-garanziji proċedurali u s-setgħat tal-partijiet fi proċedimenti dixxiplinari li jikkonċernaw l-imħallfin, permezz ta'

(I) l-iżgurar li l-kawżi dixxiplinari kontra l-imħallfin tal-qراطي ordinarji jiġu eżaminati fi żmien raġonevoli,

(II) li jsiru regolamenti aktar preċiżi dwar il-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qراطي li jeżaminaw il-kawżi dixxiplinari biex jiġi żgurat li l-qorti rilevanti tkun tista' tiġi ddeterminata direttament f'konformità mal-att leġiżlattiv; u għal

(III) l-iżgurar li l-ħatra ta' avukat tad-difiża fi proċedimenti dixxiplinari li jikkonċernaw imħallf issir fi żmien raġonevoli, kif ukoll li jingħata żmien għat-tħejjija sostantiva tal-avukat tad-difiża biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu fil-proċedimenti partikolari. Fl-istess ħin, il-qorti għandha tissospendi l-andament tal-proċedimenti f'każ ta' assenza debitament ġustifikata tal-imħallf akkużat jew tal-avukat tad-difiża tiegħu.

Ir-riforma għandha tidħol fis-seħħ sa tmiem it-tieni kwart tal-2022.

F1.2 Riforma biex tiġi rrimediata s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u f'kawżi ta' immunità ġudizzjarja

Ir-riforma għandha tiżgura li l-imħallfin affettwati minn deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema jkollhom aċċess għal proċedimenti ta' rieżami tal-kawżi tagħhom. Tali każijiet diġà deċiżi mill-Awla Dixxiplinari għandhom jiġu rieżaminati minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 19 (1) tat-TUE, f'konformità mar-regoli li għandhom jiġu adottati abbażi tar-riforma ta' hawn fuq. L-att leġiżlattiv għandu jistabbilixxi li l-ewwel seduta ta' smiġħ tal-qorti biex tiddeċiedi dawk il-każijiet għandha ssir fi żmien tliet xhur minn meta tasal il-mozzjoni tal-imħallf li jitlob rieżami, u li l-kawżi għandhom jiġu aġġudikati fi żmien tnax-il xahar minn meta tasal tali mozzjoni. Il-kawżi li bħalissa għadhom pendenti quddiem l-Awla Dixxiplinari għandhom jiġu rrinvijati lill-qorti għal kunsiderazzjoni ulterjuri u f'konformità mar-regoli ddeterminati fil-proċedimenti msemmija hawn fuq.

Ir-riforma għandha tidħol fis-seħħ sa tmiem it-tieni kwart tal-2022.

Iż-żewġ riformi elenkati hawn fuq b'data tat-tlestija tat-tieni trimestru tat-2 2022 għandhom jiġu ssodisfati qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għall-pagament lill-Kummissjoni u għandhom ikunu prekondizzjoni għal kwalunkwe pagament skont l-Artikolu 24 tar-Regolament RRF.

F2.1 Titjib tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet

L-objettiv tar-riforma huwa l-adozzjoni ta' emenda għar-Regoli ta' Proċedura tas-Sejm, is-Senat u l-Kunsill tal-Ministri.

F3.1 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-RRP

Sabiex tiġi żgurata l-konsultazzjoni xierqa tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-riforma għandha tinkludi d-dħul fis-seħħ ta' att leġislativ biex jinhloq Kumitat ta' Monitoraġġ li jikkonsisti minn partijiet ikkonċernati u sħab soċjali involuti fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jingħata l-kompitu li jissorvelja l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-att leġislativ għandu jinkludi dispożizzjoni biex isir rekwiżit legali li jiġi kkonsultat il-Kumitat ta' Monitoraġġ matul l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Ir-riforma għandha tinkludi wkoll l-adozzjoni tal-gwida li tistabbilixxi r-regoli għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati u s-sħab soċjali fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-RRP.

Ir-riforma għandha tinkludi wkoll l-istabbiliment ta' sistema ta' repożitorju f'konformità mal-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament (UE) 2021/241 biex tippermetti l-ġbir, il-ħżin u l-monitoraġġ tad-data dwar l-istadji importanti u l-miri, inkluż fil-livell tar-riċevituri finali. Id-data li ġejja minn din is-sistema ta' repożitorju għandha tiddaħħal fis-sistema Arachne, li għandha tintuża matul l-awditi u l-kontrolli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-frodi, il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju. Dan l-istadju importanti għandu jiġi ssodisfat qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għal pagament lill-Kummissjoni u għandu jkun prekondizzjoni għal kwalunkwe pagament skont l-Artikolu 24 tar-Regolament RRF.

Fl-aħħar nett, ir-riforma għandha tinkludi wkoll it-tħejjija ta' analiżi tal-ammont ta' xogħol għall-valutazzjoni tal-kapaċità amministrattiva għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
F1G	F1.1 Riforma li ssaħħaħ l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' riforma li ssaħħaħ l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' riforma, li għandha: - fil-kawżi kollha relatati mal-imħallfin, inklużi dawk dixxiplinari u t-tehhija tal-immunità ġudizzjarja, jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-ġurisdiżżjoni tal-Awla tal-Qorti Suprema, minbarra l-Awla Dixxiplinari eżistenti, li tissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 19 (1) tat-TUE. Dan għandu jiżgura li l-każijiet imsemmija hawn fuq jiġu eżaminati minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita bil-liġi, filwaqt li s-setgħa diskrezzjonali li jinħatar it-tribunal dixxiplinari b'ġurisdiżżjoni fil-prim' istanza f'kawżi li jikkonċernaw imħallfin ta' qrati ordinarji għandha tkun ċirkoskritta, - jiġi eċarat il-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin, billi jiġi żgurat li d-dritt tal-qrati Pollakki li jippreżentaw talbiet għal deċiżjonijiet preliminari lill-QĠUE ma jkunx ristrett. Tali talba ma għandhiex tkun raġuni biex jinbdew proċedimenti dixxiplinari kontra mħallef, - filwaqt li l-imħallfin xorta jistgħu jinżammu responsabbli għal kondotta professjonali ħażina, inkluż ksur ovvj u gravi tal-liġi, jiddeterminaw li l-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji ma jkunx ikklassifikat bħala reat dixxiplinari, - tiżgura li l-bidu tal-verifika, fi ħdan il-proċedimenti tal-qorti, jekk imħallef jissodisfax ir-rekwiżiti li jkun indipendenti, imparzjali u "stabbilit bil-liġi", skont l-Artikolu 19 tat-TUE, ikun possibbli għal qorti kompetenti meta jkun hemm dubju serju dwar dak il-

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										punt u li tali verifika ma tkunx ikklassifikata bħala reat dixxiplinari, - isaħħu l-garanziji proċedurali u s-setgħat tal-partijiet fi proċedimenti dixxiplinari li jikkonċernaw l-imħallfin, permezz ta' - l-iżgurar li l-każijiet dixxiplinari kontra l-imħallfin tal-qorti ordinarji jiġu eżaminati fi żmien raġonevoli, - li jsiru regolamenti aktar preċiżi dwar il-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qorti li jeżaminaw il-kawżi dixxiplinari biex jiġi żgurat li l-qorti rilevanti tkun tista' tiġi ddeterminata direttament f'konformità mal-att leġislattiv; u għal - l-iżgurar li l-ħatra ta' avukat tad-difiża fi proċedimenti dixxiplinari li jikkonċernaw imħallfessir fi żmien raġonevoli, kif ukoll li jingħata żmien għat-thejjja sostantiva tal-avukat tad-difiża biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu fil-proċedimenti partikolari. Fl-istess ħin, il-qorti għandha tissospendi l-kors tal-proċedimenti f'każ ta' assenza debitament ġustifikata tal-imħallfessir akkużat jew tal-avukat tad-difiża tiegħu.
F2G	F1.2 Riforma biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' riforma biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Dħul fis-seħħ ta' riforma li għandha tiżgura li l-imħallfin affettwati minn deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema jkollhom aċċess għal proċedimenti ta' sħarriġ tal-kawżi tagħhom. Tali każijiet diġà deċiżi mill-Awla Dixxiplinari għandhom jiġu rieżaminati minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 19 (1) tat-TUE, f'konformità mar-regoli li għandhom jiġu adottati abbażi tal-

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
	tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u f'kawżi ta' immunità ġudizzjarja		Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u f'kawżi ta' immunità ġudizzjarja							Istadju Importanti F1G hawn fuq. L-att leġiżlattiv għandu jstabbilixxi li l-ewwel seduta ta' smigħ tal-qorti biex tiddeċiedi dawk il-każijiet għandha ssir fi żmien tliet xhur minn meta tasal il-mozzjoni tal-imhallet li jitlob rieżami, u li l-kawżi għandhom jiġu aġġudikati fi żmien tnax-il xahar minn meta tasal tali mozzjoni. Il-kawżi li bħalissa għandhom pendenti quddiem l-Awla Dixxiplinari għandhom jiġu rrinvijati lill-qorti għal kunsiderazzjoni ulterjuri u f'konformità mar-regoli ddeterminati fil-proċedimenti msemmija hawn fuq.
F3G	F1.2 Riforma biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u f'kawżi ta' immunità ġudizzjarja	Stadju importanti	Riforma biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u f'kawżi ta' immunità ġudizzjarja	Kawżi aġġudikati				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Il-kawżi kollha ta' rieżami mnedija f'konformità mal-Istadju Importanti F2G għandhom jiġu aġġudikati, sakemm ma jkunux f'ċirkostanzi eċċezzjonali debitament ġustifikati.
F4G	F2.1 Titjib tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi tar-Regoli ta' Proċedura tas-Sejm, tas-Senat u tal-Kunsill tal-Ministri	Dispożizzjonijiet fl-atti legali li jindikaw id-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tas-Sejm li għandhom jillimitaw l-użu ta' proċeduri rapidi għal każijiet ġustifikati u jintroduċu għal abbozzi ta' liġijiet proposti mid-deputati r-reqwiżit li, ħlief għal każijiet ġustifikati, ikun hemm valutazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni pubblika. Dħul fis-seħħ tal-emendi għar-Regoli tal — Il-proċedura tal-Kunsill tal-Ministri li għandha tillimita l-użu ta' proċeduri rapidi għal każijiet ġustifikati.

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tas-Senat li għandhom jintroduċu għall-abbozzi ta' liġijiet proposti mis-Senat ir-rekwiżit li, ħlief għal każijiet ġustifikati, ikun hemm valutazzjoni tal-impatt.
F5G	F3.1 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-RRP	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att legali li johlq kumitat ta' monitoraġġ u jinkarigah bis-supervizzjoni tal-implimentazzjoni i effettiva tal-RRP	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	Wara konsultazzjoni pubblika, id-dħul fis-seħħ ta' att legali li għandu: 1) jinhloq Kumitat ta' Monitoraġġ, li għandu jingħata l-kompitu li jimmonitorja l-implimentazzjoni effettiva tal-RRP, li jikkonsisti minn partijiet ikkonċernati u sħab soċjali affettwati mill-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi rappreżentanti ta' korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u jippromwovu d-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni; 2) tagħmilha rekwiżit legali li jiġi kkonsultat il-Kumitat ta' Monitoraġġ matul l-implimentazzjoni tal-RRP.
F6G	F3.1 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-RRP	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Gwida mill-Ministru inkarigat mill-iżvilupp reġjonali li tistabbilixxi r-regoli għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati u s-sħab soċjali fl-implimentazzjoni i tal-RRP	Pubblikazzjoni tal-Gwida fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Fondi għall-Iżvilupp u l-Politika Reġjonali				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Wara konsultazzjoni pubblika, l-adozzjoni tal-Gwida biex jiġi żgurat l-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fl-iiprogrammar, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-RRP. Il-gwida għandha tarmonizza l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-istituzzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti skont l-RRP. Il-gwida għandha tinkludi mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali.
F7G	F3.1 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-RRP	Stadju importanti	L-iżgurar ta' awditjar u kontroll effettivi fil-qafas tal-implimentazzjoni i tal-RRF li tipproteġi l-	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema ta' informazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Għandha tkun stabbilita u operattiva sistema repożitorja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF. Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-data u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri;

Numr u ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
			interessi finanzjarji tal-Unjoni							(b) il-ġbir, il-ħżin u l-iżgurar tal-aċċess għad-data meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) (i) sa (iii) tar-Regolament RRF. L-aċċess għal din id-data għandu jingħata lill-korpi nazzjonali u Ewropej rilevanti kollha għall-fini ta' awditjar u kontroll. Id-data li ġejja minn din is-sistema tar-repożitorju għandha tiddaħħal fis-sistema Arachne fuq bażi trimestrali. Is-sistema Arachne għandha tintuża matul l-awditi u l-kontrolli biex tipprevjeni u tidentifika u tikkoreġi l-kunflitt ta' interess, il-frodi, il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju.
F8G	F3.1 It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-RRP	Stadju importanti	Analiżi tal-ammont ta' xogħol imħejjija mill-Ministeru tal-Fondi għall-Iżvilupp u l-Politika Reġjonali.	Analiżi tal-ammont ta' xogħol imħejjija mill-Ministeru tal-Fondi għall-Iżvilupp u l-Politika Reġjonali				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Għandha titwettaq analiżi tal-ammont ta' xogħol għall-istituzzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Jekk l-analiżi tal-ammont ta' xogħol tiddetermina li huwa meħtieġ persunal addizzjonali, għandha tiġi adottata deċiżjoni tal-gvern li jalloka karigi addizzjonali lill-istituzzjonijiet li jikkoordinaw u jimplimentaw il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

G. KOMPONENT G: "REPOWEREU"

Il-komponent REPowerEU għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fil-Polonja u li jippermetti aktar it-tranżizzjoni tal-enerġija, billi jappoġġa l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jżid il-kapaċità tal-grilji tal-elettriku biex jintegraw dawn is-sorsi tal-enerġija. Dawn l-għanijiet huma permessi wkoll permezz ta' passi biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, inkluż għad-djar. Il-komponent għandu wkoll l-għan li jtejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

F'dan ir-rigward, il-miżuri fil-komponent għandhom l-għan li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa għall-Polonja fil-qafas tas-Semestru Ewropew fl-2022 u l-2023. B'mod partikolari, il-miżuri previsti jgħinu biex titthaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, b'mod partikolari billi jissimplifikaw il-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli aktar malajr, billi jespandu u jaġġornaw il-grilji biex jippermettu l-kapaċitajiet rinnovabbli mibnija ġodda, billi jappoġġaw il-faċilitajiet tal-ħżin tal-elettriku, u billi jinċentivaw l-investimenti fin-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni fiż-żoni rurali biex tiżdied il-kapaċità għall-konnessjoni ta' sorsi ġodda tal-enerġija rinnovabbli mal-grilja, u billi jappoġġaw l-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta. Tgħin ukoll biex jitneħħew l-ostakli għall-iżvilupp tal-komunitajiet lokali tal-enerġija rinnovabbli u tappoġġa l-użu tagħhom. Dan jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet biex titthaffef l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, ir-riforma tal-qafas legali għall-għoti ta' permessi għall-konnessjoni mal-grilja u għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-komunitajiet tal-enerġija, il-bijometan u l-idroġenu rinnovabbli (CSR 6.1–6.2 fl-2022, CSR 4.1–4.2 fl-2023). Sabiex jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet għall-promozzjoni ta' modi sostenibbli tat-trasport pubbliku (CSR 4.4 fl-2023) u l-adozzjoni ta' vetturi elettriċi (CSR 6.4 fl-2022), il-komponent jinkludi miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, b'mod partikolari billi l-vetturi tat-trasport pubbliku urban li jniġġsu jiġu sostitwiti b'vetturi b'emissjonijiet żero u permezz tal-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni għal trasport ekoloġiku f'konformità mal-oġġettivi klimatiċi tal-UE. Barra minn hekk, il-komponent jinkludi miżuri li jappoġġaw servizzi integrati ta' rinnovazzjoni tad-djar u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili fit-tisħin tad-djar, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet biex jiġi promoss l-iffrankar tal-enerġija, jiżdied l-investment fl-effiċjenza enerġetika għall-bini u tiġi dekarbonizzata l-provvista tas-sħana fit-tisħin distrettwali biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku (CSR 6.3. 2022 u CSR 4.3. 2023). Il-komponent għandu wkoll l-għan li jaġġorna l-oqfsa ta' kwalifiki settorjali għat-tranżizzjoni ekoloġika, kif imħeġġeġ fir-rakkomandazzjonijiet biex jiżdiedu l-isforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist ta' hili u kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika (CSR 4.5 2023). Fl-aħħar nett, investment immirat li jikkonċerna l-infrastruttura tal-gass għandu l-għan li jindirizza l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista għall-Polonja b'mod proporzjonat u mmirat. Il-Fond ta' Appoġġ għall-Enerġija għandu l-għan li jimmobilizza l-investment privat u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-setturi kruċjali għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Dan jgħin biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet biex jiġi estiż l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, inkluż billi jsir użu mill-RRF, mir-REPowerEU u minn fondi oħra tal-UE. (CSR 1.2 fl-2022 u CSR 1.3 fl-2023).

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fil-komponent għandhom dimensjoni transfruntiera jew multinazzjonali. Tabilħaqq, diversi miżuri jiżguraw il-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi, b'mod partikolari r-riformi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż mill-komunitajiet tal-enerġija, u l-konnessjoni ta' tali sorsi tal-enerġija mal-grilja tal-elettriku. Barra minn hekk, il-komponent jinkludi investimenti li għandhom l-għan li jkun ta' benefiċċju għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u li jtejjbu l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja. Riformi u investimenti oħra jikkontribwixxu biex jiżdied il-pass tar-rinnovazzjoni tal-bini u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u titnaqqas id-domanda

għall-enerġija. Dawn il-miżuri jirrappreżentaw ukoll kontribut għall-azzjoni usa' dwar l-enerġija u l-klima fil-livell tal-UE.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmel l-Ebda Ħsara Sinifikanti (DNSH) (C (2023) 6454 final), filwaqt li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ma japplikax għall-miżura G3.2.1. "Kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-gass naturali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija", f'konformità mal-Artikolu 21c(6) tar-Regolament (UE) 2021/241.

G1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Subkomponent G1.1 — Stimulazzjoni tal-investimenti f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Is-subkomponent għandu l-għan li jhegġegħ l-iżvilupp ta' installazzjonijiet rinnovabbli mħaddma mill-komunitajiet tal-enerġija, b'mod partikolari billi jtejjeb il-qafas biex jinċentiva l-użu aċċellerat ta' tali komunitajiet. Barra minn hekk, dan is-subkomponent jinkludi miżuri li jappoġġaw il-ħżin tal-elettriku biex jiġu integrati s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja, u miżuri li jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u organizzazzjonali tal-istituzzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU u fil-proċessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

G1.1.1 L-inkoraġġiment tal-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija lokali

L-oġġettiv tar-riforma huwa li ttejjeb l-ambjent regolatorju għall-komunitajiet tal-enerġija fil-Polonja u li ttejjeb ir-rwol taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-awtoritajiet lokali fit-tranżizzjoni tal-enerġija tal-pajjiż.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-twettiq ta' analiżi biex jiġu identifikati l-ostakli regolatorji u amministrattivi għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija. B'mod partikolari, l-analiżi għandha tinkludi valutazzjoni tad-distakk fil-politika bejn il-qafas regolatorju nazzjonali u tal-UE, kif ukoll tidentifika l-ostakli li jfixxlu l-iżvilupp ta' dawn il-komunitajiet u li joriġinaw minn (i) id-definizzjoni ta' komunitajiet tal-enerġija, (ii) il-proċeduri amministrattivi għall-istabbiliment u l-operat tal-komunitajiet tal-enerġija u (iii) id-dmirijiet, il-prattiki u r-rwoli tal-operaturi tas-sistema. L-analiżi għandha tiżviluppa wkoll rakkomandazzjonijiet ta' politika bl-għan li jiġi stabbilit qafas abilitanti, sempliċi u komprensiv għall-komunitajiet tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Installazzjonijiet tal-G1.1.2 Sorsi ta' enerġija rinnovabbli implimentati mill-komunitajiet tal-enerġija, inkluża parti fuq skala akbar

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jinċentiva l-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli lokali implimentati mill-komunitajiet tal-enerġija, inklużi r-raggruppamenti tal-enerġija, il-kooperattivi tal-enerġija u komunitajiet oħra tal-enerġija li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (RED II), b'enfasi partikolari fuq ir-rwol tal-gvern lokali (b'mod partikolari l-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tal-muniċipalitajiet) li jiffurmaw tali komunitajiet tal-enerġija lokali.

Il-programm ta' appoġġ ta' qabel l-investment għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' format legali u organizzattiv u mudell tan-negozju għat-tnedija jew l-iżvilupp ta' komunità tal-enerġija, u fit-tnejn

tal-analiżi u d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-investment. Dan il-programm għandu jappoġġa, fost l-oħrajn, strateġiji għall-iżvilupp tas-suq tal-enerġija lokali; analiżi tad-domanda u l-provvista lokali tal-enerġija; inventarji tar-riżorsi tal-enerġija lokali (infrastrutturi) u l-potenzjal tagħhom (bħall-kapaċità li jiġu pprovduti konnessjonijiet tal-enerġija); l-istudji tal-fattibbiltà, il-pjanijiet tan-negożju, id-dokumenti tad-diliġenza dovuta; dokumentazzjoni teknika u proġetti ta' kostruzzjoni.

Bħala parti mill-appoġġ għall-investment, il-finanzjament għandu jkopri, fost l-oħrajn, teknoloġiji ġodda mmirati lejn il-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli; infrastruttura komplementari għal teknoloġiji għajr l-elettriku; l-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli assoċjata (bħal komponenti u miters tan-network); faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija u software tal-IT għall-ġestjoni tal-komunità tal-enerġija u l-ottimizzazzjoni tal-enerġija. L-appoġġ mill-programm ta' investment għandu jingħata abbażi ta' sejħa miftuħa u kompetittiva għal proposti li għandha tippermetti l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija involuti fil-fażi ta' qabel l-investment.

Il-parti miżjuda tal-investment għandha tikkonsisti fl-ġhoti ta' appoġġ finanzjarju ta' qabel l-investment lil 61 komunità tal-enerġija addizzjonali u appoġġ għall-investment lil 10 komunità tal-enerġija addizzjonali.

L-implimentazzjoni tal-appoġġ ta' qabel l-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025 u dik tal-appoġġ għall-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sistemi ta' ħżin tal-enerġija tal-G1.1.3 (appoġġ li ma jitħallasx lura)

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jiżgura l-kontinwità tal-provvista tal-elettriku lill-klijenti u jżid l-effiċjenza tal-użu tas-sorsi RES permezz ta' investimenti f'teknoloġiji li jiffaċilitaw l-ibbilanċjar tal-elettriku fis-sistema tal-elettriku.

L-investment għandu jikkonsisti fl-implimentazzjoni tal-użu ta' sistema tal-ħżin tal-enerġija tal-batteriji fuq skala kbira (BESS) għall-ħżin tal-enerġija żejda fis-sistema tal-elettriku. Din is-sistema ta' ħżin għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-ibbilanċjar tekniku tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

G1.1.4 Appoġġ lill-istituzzjonijiet li jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u organizzazzjonali tal-istituzzjonijiet pubbliċi ewlenin involuti fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU. Għandu wkoll l-għan li jappoġġa miżuri regolatorji, analitiċi u edukattivi dwar is-sistema tal-enerġija fil-Polonja, inkluż it-titjib tal-kapaċitajiet amministrattivi għall-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u networks tal-elettriku u/jew għad-diġitalizzazzjoni tal-iżvilupp tal-grilja u tal-proċess għall-konnessjoni man-networks tal-elettriku.

L-investment għandu jipprovi appoġġ tal-kapaċità amministrattiva lill-amministrazzjonijiet ċentrali u lokali u lill-NGOs.

L-appoġġ għandu jinkludi ż-żieda fl-għadd ta' persunal li jaħdem fuq l-implimentazzjoni tar-REPowerEU. Mill-inqas 106 persuna ġdida ekwivalenti għall-full-time għandhom ikunu ddedikati fl-amministrazzjoni ċentrali biex jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u networks tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni tal-iżvilupp tal-grilja u tal-proċess għall-konnessjoni man-networks tal-elettriku. L-investment għandu jinkludi wkoll appoġġ għall-NGOs li jaħdmu fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u fdati biex iwettqu proġetti ta' bini tal-kapaċità inkluż taħriġ, attivitajiet konsultattivi u ta' riċerka, kif ukoll kampanji soċjali.

L-investment għandu jinkludi wkoll it-tlestija u d-dħul fis-seħħ ta' għodda tal-IT għall-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija għall-applikazzjoni tal-mudell regolatorju l-ġdid imsemmi fil-miżura G1.2.1.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sottokomponent G1.2 — Reviżjoni tal-grilji tal-elettriku biex titħaffef l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli

Is-subkomponent għandu l-għan li jistabbilixxi l-għodod u l-aġġornamenti xierqa għall-iżvilupp aċċellerat ta' installazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-elettriku minn sorsi rinnovabbli. Dan ifisser it-tneħħija tal-ostakli għall-konnessjoni mal-grilji kif ukoll il-bini ta' infrastruttura ġdida u t-titjib tal-grilji eżistenti biex l-enerġija rinnovabbli tinġieb minn fejn tiġi ġġenerata sa fejn tintuża.

G1.2.1 Soluzzjonijiet regolatorji għall-integrazzjoni aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli fil-grilji tad-distribuzzjoni

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-kapaċità tal-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija li jivvaluta l-pjanijiet ta' żvilupp tal-grilja tal-Operaturi tas-Sistema ta' Distribuzzjoni u jsawwar it-tariffi biex jippermetti finanzjament tariffarju adegwat ta' investimenti effiċjenti u mmirati fl-iżvilupp ta' grilji ta' distribuzzjoni bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ostakli għall-iżvilupp tas-SER.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-adozzjoni ta' mudell regolatorju ġdid mir-regolatur nazzjonali tal-enerġija, l-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija. Il-mudell regolatorju l-ġdid għandu jippermetti lir-regolatur nazzjonali tal-enerġija jidentifika u jivvaluta b'mod aktar preċiż il-ħtiġijiet ta' investiment relatati mal-iżvilupp ta' grilji ta' distribuzzjoni fil-kuntest tat-tkabbir rapidu tal-enerġija rinnovabbli u jirriflettihom fit-tariffi tal-grilja tad-distribuzzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

G1.2.2 It-tneħħija tal-ostakli għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fin-networks tal-elettriku

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li taċċellera l-użu ta' sorsi ġodda tal-enerġija rinnovabbli, billi tneħħi l-ostakli għall-integrazzjoni tagħhom fin-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku.

Ir-riforma għandha l-għan, l-ewwel nett, li tistabbilixxi qafas legali għall-konnessjoni ta' diversi sorsi ta' enerġija rinnovabbli ma' punt uniku ta' konnessjoni (akkomunament tal-kejbil). Ir-regoli l-ġodda għandhom jippermettu lill-ġeneraturi tal-enerġija rinnovabbli li jidħlu fi ftehim, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Liġi dwar l-Enerġija, jikkondividu konnessjoni, jiġifieri jużaw l-istess kapaċità ta' konnessjoni f'punt ta' konnessjoni wieħed, filwaqt li jżommu l-possibbiltà li jikkonkludu kuntratti għall-bejgħ tal-enerġija prodotta. Barra minn hekk, l-Att dwar is-Sorsi tal-Enerġija Rinnovabbli għandu jiġi emendat. L-emendi għandhom jippermettu lill-entitajiet li jibbenefikaw minn skemi ta' appoġġ għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli jikkondividu l-kapaċità ta' konnessjoni tagħhom ma' installazzjonijiet oħra konnessi fl-istess punt ta' konnessjoni mingħajr ma jitilfu d-dritt għall-appoġġ previst f'dak l-Att. Fost l-installazzjonijiet li jikkondividu punt ta' konnessjoni wieħed biss għandu jkun jista' jibbenefika minn skema ta' appoġġ.

It-tieni nett, ir-riforma għandha l-għan li tagħmel ir-riżerva tal-kapaċità u l-konnessjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli man-networks tal-elettriku aktar effiċjenti. Ir-riforma għandha tiegħu l-forma ta' atti leġislattivi u, fejn rilevanti, atti mhux leġislattivi fir-rigward tar-regoli relatati mal-konnessjoni ta' installazzjonijiet man-networks tal-elettriku, sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-proċess ta' konnessjoni.

L-implimentazzjoni ta' dan l-element tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

G1.2.3 Żvilupp ta' networks ta' trażmissjoni, infrastruttura intelliġenti tal-elettriku, inkluża parti fuq skala akbar

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jestendi, jimmodernizza u jiddiġitalizza n-networks ta' trażmissjoni f'diversi reġjuni, inkluża l-estensjoni tal-konnessjonijiet bejn il-partijiet tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-pajjiż, filwaqt li jiffaċilita l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' linji ta' trażmissjoni ta' 400 kV u 220 kV flimkien mal-kostruzzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-istazzjonijiet rilevanti. L-investiment għandu jintroduċi s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq tal-Enerġija Ċentrali (CSIRE) il-ġdida b'sistema ta' analizzatur tal-kwalità tal-enerġija li tkompli tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-infrastruttura tal-elettriku. Fl-aħħar nett, għandhom jiġu żviluppati tliet sistemi tal-ICT ġodda, aġġornati jew estiżi għall-ipproċessar tad-data u għall-ġestjoni tas-sistema, li jappoġġaw l-operazzjonijiet tan-networks ta' trażmissjoni u taċ-ċentri tad-data.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

G1.2.4 Il-kostruzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' networks ta' distribuzzjoni tal-elettriku li jservu b'mod predominanti żoni rurali biex jippermettu l-konnessjoni ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tan-networks tad-distribuzzjoni tal-elettriku li jservu b'mod predominanti ż-żoni rurali, bl-għan li jippermetti l-konnessjoni ta' sorsi ġodda tal-enerġija rinnovabbli f'dawn iż-żoni.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' 880 km ta' networks ta' distribuzzjoni, inklużi l-istazzjonijiet assoċjati, u l-integrazzjoni tal-funzjonalitajiet tal-grilja intelliġenti. L-awtoritajiet Pollakki għandhom l-ewwel jidentifikaw il-proġetti li jiffurmaw in-networks mibnija jew modernizzati.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Subkomponent G1.3 — L-iżvilupp ta' trasport sostenibbli

Is-subkomponent għandu l-għan li jappoġġa t-trasport sostenibbli bil-ħsieb li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja fil-Polonja. Is-subkomponent jinkludi b'mod partikolari miżuri għax-xiri ta' karożżi tal-linja elettriċi ġodda kif ukoll pjan ta' azzjoni għal trasformazzjoni sostenibbli tas-settur tat-trasport.

G1.3.1 Appoġġ għal trasport sostenibbli

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja mit-trasport.

Dan l-oġġettiv għandu jintlaħaq permezz tat-tnejjija ta' pjan ta' azzjoni għat-trasport sostenibbli fil-Polonja, sostnut minn analiżi tal-miżuri diġà inklużi fid-dokumenti strateġiċi eżistenti fil-livell nazzjonali. Il-pjan ta' azzjoni għandu jidentifika r-riformi u l-investimenti prijoritarji meħtieġa għal trasformazzjoni sostenibbli tas-settur tat-trasport Pollakk f'konformità mal-għanijiet klimatiki tal-UE.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

G1.3.2 Trasport kollettiv b'emissjonijiet żero (xarabanks)

L-investiment għandu l-għan li jagħmel it-trasport pubbliku aktar nadif u jżid l-attraenza tiegħu fiż-żoni urbani.

L-investiment għandu jikkonsisti fix-xiri ta' 1159 xarabank (elettriċi) b'emissjonijiet żero għat-trasport urban.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

G2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Subkomponent G1.1 — Stimulazzjoni tal-investimenti f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
G1G	G1.1.1 L-inkoraġġiment tal-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija lokali	Stadju importanti	Analiżi dwar l-ostakli għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija u tal-kooperattivi tal-enerġija identifikati matul il-programm ta' appoġġ ta' qabel l-investiment	Pubblikazzjoni tal-analiżi				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Il-pubblikazzjoni ta' analiżi tal-ostakli legali, organizzattivi u amministrattivi għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija, li tibni fuq l-esperjenzi mill-appoġġ ta' qabel l-investiment. L-analiżi għandha tidentifika ostakli kbar għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija u tipproponi sett ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika, bil-ħsieb li jiġu introdotti emendi legali li jarmonizzaw il-qafas legali tagħhom u jissimplifikaw u jaċċelleraw l-użu tagħhom.
G2G	Installazzjonijiet tal-G1.1.2 Sorsi ta' enerġija rinnovabbli implimentati mill-komunitajiet tal-enerġija	Stadju importanti	Sejħa għall-programm ta' appoġġ għall-investiment	Tnedija ta' sejħa għal proposti għall-komunitajiet tal-enerġija interessati li jirċievu appoġġ taħt il-parti tal-investiment				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Għandha titnieda sejħa għal proposti miftuħa, trasparenti u kompetittiva disponibbli għall-kooperattivi tal-enerġija, għall-komunitajiet tal-enerġija u għar-raggruppamenti tal-enerġija bl-għan li jiġi allokat appoġġ lil tipi differenti ta' riċevitori b'mod ibbilanċjat.
G3G	Installazzjonijiet tal-G1.1.2 Sorsi ta' enerġija rinnovabbli implimentati mill-komunitajiet tal-enerġija	Tal-UE	Entitajiet appoġġati fil-parti ta' qabel l-investiment		Għadd	0	200	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	L-għadd ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati ma' riċevitori li għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għal proposti miftuħa, kompetittiva u trasparenti bl-għan li jiġi allokat appoġġ lil tipi differenti ta' riċevitori b'mod ibbilanċjat. L-allokazzjoni ta' proġetti lill-entitajiet riċevitori għandha tiżgura distribuzzjoni bbilanċjata bejn l-entitajiet madwar il-pajjiż, filwaqt li titqies il-popolazzjoni u l-kopertura ġeografika. Għandu jingħata appoġġ lill-kooperattivi tal-enerġija stabbiliti skont l-Att dwar is-Sorsi tal-

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Enerġija Rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija stabbilit skont il-Liġi dwar l-Enerġija u lill-entitajiet legalment kapaċi li jistabbilixxu tali kooperattivi u komunitajiet, bħall-muniċipalitajiet, kif ukoll lir-raggruppamenti tal-enerġija.
G4G	Installazzjonijiet tal-G1.1.2 Sorsi ta' enerġija rinnovabbli implimentati mill-komunitajiet tal-enerġija	Tal-UE	Entitajiet appoġġati fil-parti tal-investment		Għadd	0	10	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-għadd ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati mar-riċevituri f'konformità mas-sejħa fl-istadju importanti G2G.
G5G	Installazzjonijiet tal-G1.1.2 Sorsi ta' enerġija rinnovabbli implimentati mill-komunitajiet tal-enerġija	Tal-UE	Entitajiet appoġġati fil-parti tal-investment		Għadd	10	20	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati mar-riċevituri f'konformità mas-sejħa fl-istadju importanti G2G.
G6G	Sistemi ta' ħżin tal-enerġija tal-G1.1.3 (appoġġ li ma jitħallasx lura)	Stadju importanti	L-użu ta' sistema tal-ħżin tal-enerġija tal-batteriji fuq skala kbira (BESS)	Dħul fis-seħħ ta' sistema tal-ħżin tal-enerġija tal-batteriji fuq skala kbira (BESS)				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Dħul fis-seħħ ta' sistema tal-ħżin tal-enerġija tal-batteriji fuq skala kbira (BESS) b'kapaċità ta' ħin operattiv ta' 0.9 GW and bejn 4 siegħa u 5h. Dawn il-kapaċitajiet ġodda ta' ħżin għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fin-netwerk tal-elettriku.
G7G	G1.1.4 Appoġġ lill-istituzzjonijiet li jimplimentaw ir-riformi u l-	Tal-UE	Żieda fil-kapaċità amministrattiva biex jiġu implimentati r-riformi u l-		Għadd	0	106	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Mill-inqas 106 persuna ġdida ekwivalenti għall-full-time għandhom ikunu ddedikati fl-amministrazzjoni ċentrali biex jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta'

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	investimenti tar-REPowerEU		investimenti tar-REPowerEU							permessi għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u networks tal-elettriku u/jew għad-diġitalizzazzjoni tal-iżvilupp tal-grilja u tal-proċess għall-konnessjoni man-networks tal-elettriku.
G8G	G1.1.4 Appoġġ lill-istituzzjonijiet li jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti REPowerEU	Tal-UE	Proġetti ta' bini tal-kapaċità, li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU, għall-amministrazzjoni ċentrali u lokali		Għadd	0	107	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Għandhom jiġu appoġġati mill-inqas 107 entità li jwettqu l-proġetti ta' bini tal-kapaċità li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU. L-entitajiet għandhom ilestu proġetti bħal taħriġ, żjarat ta' studju, għodod tal-IT, analiżijiet u studji u assistenza esperta esterna għall-amministrazzjoni ċentrali u lokali. Mill-inqas 100 proġett ikkompletati mill-entitajiet għandhom jiffukaw fuq il-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u grilji ta' distribuzzjoni.
G9G	G1.1.4 Appoġġ lill-istituzzjonijiet li jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU	Tal-UE	Proġetti ta' bini tal-kapaċità li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU mwettqa mill-NGOs		Għadd	0	10	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Mill-inqas 10 proġett ta' bini tal-kapaċità, li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU għandhom jitlestew mill-NGOs li jaħdmu fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika u tal-enerġija. Il-proġetti għandhom jappoġġaw attivitajiet ta' taħriġ, konsulenza u riċerka kif ukoll kampanji soċjali. Mill-inqas żewġ proġetti għandhom jiffukaw fuq il-bini tal-kapaċità għall-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u grilji ta' distribuzzjoni.
G10G	G1.1.4 Appoġġ lill-istituzzjonijiet li jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika tal-għodda tal-IT għall-applikazzjoni tal-mudell regolatorju l-ġdid mill-Uffiċċju	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	L-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija għandu jfassal u jippubblika l-ispeċifikazzjoni teknika tal-għodda tal-IT għall-Uffiċċju għall-applikazzjoni tal-mudell regolatorju l-ġdid.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tar-REPowerEU		Regolatorju tal-Enerġija							L-għodda tal-IT għandha tassisti l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet ta' żvilupp tal-grilja tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni (DSOs) u l-implimentazzjoni tagħhom, u r-reġistrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES). L-għodda għandha tipprovdi l-funzjonalitajiet li ġejjin: – il-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni dwar il-funzjonament tal-grilji u l-pjanijiet tal-iżvilupp tal-grilja u t-talbiet għall-konnessjoni mal-grilja; – l-appoġġ għall-valutazzjoni tal-effettività tan-nefqa fuq il-kostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-grilja; – il-monitoraġġ tal-progress tal-integrazzjoni tar-RES fil-grilji ta' distribuzzjoni billi jiġu analizzati l-pjanijiet ta' żvilupp tad-DSOs, inklużi d-direzzjonijiet tal-iżvilupp tal-grilja u l-konnessjonijiet ipplanati; – l-identifikazzjoni ta' żoni bl-ogħla rati ta' rifjuti ta' konnessjoni; – l-appoġġ għall-proċess sħiħ tan-negozju tar-reġistrazzjoni tal-ġeneraturi tas-SER; – mappa interattiva tal-istallazzjonijiet RES integrati mas-Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika.
G11G	G1.1.4 Appoġġ lill-istituzzjonijiet li jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti	Stadju importanti	L-użu ta' għodda tal-IT għall-applikazzjoni tal-mudell regolatorju l-ġdid mill-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija	L-għodda l-ġdida tal-IT għall-applikazzjoni tal-mudell regolatorju l-ġdid għandha tkun operattiva u qed tintuża mill-Uffiċċju				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija għandu jħaddem l-għodda tal-IT għall-applikazzjoni tal-mudell regolatorju l-ġdid.

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tar-REPowerEU			Regolatorju tal-Enerġija						

Sottokomponent G1.2 — Reviżjoni tal-grilji tal-elettriku biex titħaffef l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
G12G	G1.2.1 Soluzzjonijiet regolatorji għall-integrazzjoni aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli fil-grilji tad-distribuzzjoni	Stadju importanti	Adozzjoni tal-mudell regolatorju ġdid mill-President tal-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija	Pubblikazzjoni ta' avviż tal-President tal-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija li jintroduċi l-mudell regolatorju l-ġdid għall-Operaturi tas-Sistema ta' Distribuzzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Il-President tal-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija għandu jippubblika avviż li jistabbilixxi l-mudell regolatorju vinkolanti ġdid għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni.
G13G	G1.2.2 It-tneħħija tal-ostakli għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fin-networks tal-elettriku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali li jippermetti l-għbir tal-kejbil	Dispożizzjoni fl-att ta' emenda indikazzjoni tad-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Emendi għall-Att dwar is-Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli u l-Liġi dwar l-Enerġija li jippermettu li diversi sorsi ta' enerġija rinnovabbli jiġu konnessi mal-grilja tal-elettriku f'punt uniku ta' konnessjoni.
G14G	G1.2.2 It-tneħħija tal-ostakli għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fin-networks tal-elettriku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' atti leġislattivi u, fejn rilevanti, atti mhux leġislattivi li jżidu t-trasparenza tal-proċess ta' konnessjoni man-networks tal-elettriku u jiffaċilitaw dan il-proċess	Dispożizzjonijiet f'atti leġislattivi u, fejn rilevanti, atti mhux leġislattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Għandhom jidħlu fis-seħħ atti leġislattivi u, fejn rilevanti, atti mhux leġislattivi li jżidu t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-proċess ta' konnessjoni man-networks tal-elettriku u jiffaċilitaw dan il-proċess. L-att (i) għandu (hom) jistabbilixxi (w) regoli ġodda jew jemenda (w) regoli eżistenti relatati ma' dan il-proċess ta' konnessjoni, li jkopru l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, inklużi: • L-istabbiliment ta' ġabra unika ta' regoli li tiddekrivi l-proċeduri u l-iskedi ta' żmien, kif ukoll il-kriterji użati fil-valutazzjoni tat-talbiet ta' konnessjoni u d-deċiżjoni ta' konnessjoni;

Numru ta' NRU	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
